# L-Akkwist tal-Ġens Grammatikali minn Studenti fil-Livell Sekondarju fit-Tagħlim tal-Malti Lingwa Barranija

Kyleen Ciantar

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni
fl-Università ta' Malta
għall-Grad ta' Masters in Teaching and Learning fil-Malti

Ġunju 2023

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

**FAKULTÀ/ISTITUT/ĊENTRU/SKOLA** tal-edukazzjoni

**DIKJARAZZJONI TA' STUDENTI POSTGRADWATI**

(a) L-Awtentiċità tad-Dissertazzjoni

Niddikjara li jien l-awtur/l-awtriċi leġittimu/a ta' din id-Dissertazzjoni u li hija x-xogħol oriġinali tiegħi. Il-kodiċi tal-formula tal-Etika fir-Riċerka u l-Ħarsien tad-Data EDUC-2022-00097.

L-ebda parti minn dan ix-xogħol ma tressqet bħala sostenn ta' xi applikazzjoni għal grad jew kwalifika oħra f'din l-università jew kwalunkwe università jew istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla oħra.

Inżomm lill-Università ta' Malta mingħajr ħtija f'każ ta' talbiet minn terzi persuni b'rabta mal-ksur taddritt tal-awtur, ksur tal-kunfidenzjalità, malafama jew kull ksur ieħor tad-drittijiet tat-terzi persuni.

**(b) Il-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka**

Niddikjara li mxejt mal-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka tal-Università.

Bħala student/a tal-Master, skont ir-Regolament 77 tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad , naqbel li jekk id-dissertazzjoni tiegħi tikseb il-Grad A, tkun aċċessibbli pubblikament fir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta.

02.2023

# Sinteżi

It-tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija (MLB), huwa kunċett relattivament riċenti. Din ir-riċerka saret biex titfa' dawl fuq l-aspett grammatikali tal-ġens sabiex l-edukaturi jifhmu aħjar l-interlingwa tal-istudenti tal-MLB.

L-għanijiet ta' din id-dissertazzjoni huma tnejn: l-ewwel nett l-analiżi tal-interlingwa ta' studenti internazzjonali tal-MLB, li ssir biex nifhmu aħjar kif huma jassenjaw il-ġens lil nomi b'etimoloġiji differenti; u t-tieni biex nifhmu d-diffikultajiet li jsibu u l-għajnuniet li jeħtieġu l-istudenti u l-għalliema tal-MLB b'mod ġenerali. Nifhmu l-esperjenza tagħhom tat-tagħlim tal-MLB u l-interlingwa li l-istudenti jibnu, filwaqt li nanalizza wkoll id-differenza li jista' jkun hemm skont l-etimoloġija tan-nom u l-lingwa nattiva tal-istudent.

Dawn l-għanijiet nilħaqhom billi nagħmel użu minn żewġ għodod ta' riċerka, jiġifieri l-intervisti ma' studenti u għalliema tal-MLB, kif ukoll fuljett ta' assessjar li kien fih disa' eżerċizzji grammatikali maħsubin biex jikxfu l-interlingwa fil-qasam tal-ġens tan-nom. Fl-ewwel paġna tal-fuljett, l-istudenti kienu mitluba jimlew xi dettalji bħall-pajjiż nattiv, il-lingwi li jitkellmu, u xi mistoqsijiet ġenerali fuq it-tagħlim tal-Malti fost dettalji oħra sabiex inkun nista' nifhem aħjar xi għażliet li għamlu fil-bqija tal-eżerċizzji.

MTL

Ġunju, 2023



| | | |
|---|---|---|
| Il-Malti bħala Lingwa Barranija | L-akkwist tal-ġens | L-interlingwa |
| Il-livell sekondarju | Il-ġens grammatikali | Għajnuniet u diffikultajiet fl-MLB |

# Dedika

*Lill-familja tiegħi li dejjem kienet ta' spalla,*

*u lill-istudenti li ispirawni u li għad iridu jispirawni f'dan il-vjaġġ ta' tagħlim*

# Radd il-ħajr

Mingħajr l-għajnuna u l-involviment ta’ bosta nies, din id-dissertazzjoni ma setgħetx tkun possibbli. Għaldaqstant, inħoss li huwa xieraq li nirringrazzjahom u nroddilhom ħajr tal-għajnuna li sibt.

Nibda billi nirringrazzja lit-tutura tiegħi, Prof. Antoinette Camilleri Grima, tal-għajnuna li tatni fil-kitba ta’ din id-dissertazzjoni, tal-paċenzja tagħha tul dan iż-żmien ta’ sfidi, u fuq kollox tal-pariri u l-ideat li tatni biex dejjem intejjeb xogħli. Nirringrazzjaha talli qatt ma waqfet temmen fija u talli dejjem kienet lesta li tismagħni u sserraħli moħħi fuq dak kollu li kien qed jinkwetani. Nirringrazzjaha wkoll tat-tiswijiet tal-kapitli li kienet tgħaddili malajr kemm jista’ jkun, sabiex inkun nista’ nkompli b’xogħli mill-aktar fis.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Prof. Liberato Camilleri għall-għajnuna li tani fl-użu tas-sistema tal-SPSS u biex nippreżenta dan ix-xogħol b’mod li huwa statistikament korrett. Ir-ringrazzjament tiegħi imur ukoll lejn il-librara tal-Università talli dejjem issuġġerewli kotba u qari ieħor li seta’ jgħinni għal din id-dissertazzjoni.

Nirringrazzja b’mod speċjali lill-kapijiet tal-iskejjel, lill-kapijiet tad-dipartiment, u lill-għalliema tal-iskejjel involuti, talli ma sabu ebda oġġezzjoni li nwettaq dan l-istudju fl-iskejjel tagħhom, u talli laqgħuni u kkoperaw miegħi b’mod sħiħ sabiex il-ġbir tad-data jkun ta’ suċċess. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lill-erbgħa u sittin student u studenta li kienu ħerqana li jwieġbu dak kollu li kien mistenni minnhom sabiex ikunu ta’ għajnuna għal dan l-istudju. Mingħajrhom dan żgur li ma kienx ikun possibbli. Barra minn hekk, nirringrazzja

wkoll lill-ġenituri/lil min jieħu ħsiebhom talli aċċettaw li wliedhom jieħdu sehem f'din ir-riċerka.

Nuri wkoll l-aprezzament tiegħi lejn il-letturi kollha tal-għajnuna tagħhom u talli dejjem għallmuna bil-qalb. Nirringrazzja minn qalbi lil sħabi tal-klassi, b'mod speċjali lil Shana u Francesca, tal-għajnuna u l-inkoraġġiment li tajna lil xulxin tul dawn is-snin ta' studju impenjattiv.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-ġenituri tiegħi Rita u Denis, lil ħija Aaron, u lill-għarus tiegħi Silvan, talli dejjem appoġġjawni u inkoraġġewni f'mumenti ibsin u ta' qtigħ il-qalb. Nirringrazzjahom talli dejjem emmnu fija għax mingħajrhom żgur li ma kontx nasal s'hawn.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, nirringrazzja lill-ħanin Alla talli dejjem qawwieli qalbi u moħħi biex minkejja d-diffikultajiet u l-ostakli li stajt sibt tul dan l-istudju, ma nieqaf qatt u nkompli nippersevera sal-aħħar.

# Il-Werrej


Sinteżi ... i

Dedika ... ii

Radd il-ħajr ... iii

Il-Werrej ... v

Lista ta' Grafiċi ... x

Lista ta' Figuri ... xi

Lista ta' Tabelli ... xii

Il-Glossarju ... xiii

1 L-Introduzzjoni ... 2

1.1 X'wassalni għal din ir-riċerka? ... 2

1.2 L-għanijiet tal-istudju u r-relevanza tiegħu ... 2

1.3 It-tqassim tal-kapitli ... 3

2 L-Interlingwa u l-Akkwist tat-Tieni Lingwa ... 6

2.1 X'inhi l-interlingwa? ... 6

2.2 L-interlingwa mil-lenti teoretika ... 9

2.2.1 Il-ħames proċessi konjittivi u xi strateġiji tal-interlingwa ... 12

2.2.2 Il-fossilizzazzjoni ... 14

2.2.3 Il-varjazzjoni fl-interlingwa ... 16

2.3 Ir-riċerka fuq dan kollu – xi limitazzjonijiet ... 17

2.4 L-interlingwa u t-tagħlim tat-tieni lingwa ... 18

2.5 Studji ċentrali fuq il-MLB ... 20

3 Il-Ġens Grammatikali ... 25

3.1 X'inhu l-ġens grammatikali? ... 25

3.2 Il-ġens grammatikali u l-ġens naturali ... 26

3.3 L-assenjazzjoni tal-ġens ... 28

3.4 Il-markaturi ..... 29
3.5 X'riċerka saret dwar il-kategorija tal-ġens grammatikali fil-Malti? ..... 30
3.6 Riċerka fuq l-akkwist tal-ġens grammatikali fit-tagħlim ta' lingwa barranija ..... 31
4 Il-Metodoloġija ..... 39
4.1 L-għan u l-mistoqsijiet ta' riċerka ..... 39
4.2 Xi kunsiderazzjonijiet etiċi ..... 40
4.3 L-għażla tal-iskejjel ..... 41
4.4 L-għażla tal-parteċipanti għall-mili tal-fuljett t'assessjar ..... 42
4.5 L-għażla ta' parteċipanti għall-intervisti ..... 43
4.6 L-għodda għall-ġbir tad-data ..... 44
4.6.1 Il-fuljett t'assessjar ..... 44
4.6.2 L-intervisti ..... 50
4.7 Il-metodu tal-analiżi ..... 51
4.8 Il-ġbir tad-data ..... 52
4.9 L-analiżi tad-data ..... 55
4.10 L-affidabbiltà u l-validità ..... 56
5 L-Analiżi tal-Intervisti ..... 58
5.1 L-intervisti mal-għalliema ..... 58
5.2 L-intervisti mal-istudenti ..... 62
6 L-Analiżi tal-Kwestjonarji ..... 69
6.1 Il-parteċipanti ..... 69
6.2 Ir-riżultati tal-parteċipanti f'kull eżerċizzju ..... 71
6.2.1 L-analiżi tal-ewwel eżerċizzju ..... 73
6.2.2 L-analiżi tat-tieni eżerċizzju ..... 75
6.2.3 L-analiżi tat-tielet eżerċizzju ..... 78
6.2.4 L-analiżi tar-raba' eżerċizzju ..... 81
6.2.5 L-analiżi tal-ħames eżerċizzju ..... 84
6.2.6 L-analiżi tas-sitt eżerċizzju ..... 87

6.2.7 L-analiżi tas-seba’ eżerċizzju ........ 89

6.2.8 L-analiżi tat-tmien eżerċizzju ........ 91

6.2.9 L-analiżi tad-disa’ eżerċizzju ........ 94

6.3 Ir-riżultati ġenerali tal-parteċipanti kollha fl-eżerċizzji kollha ........ 96

6.4 Ir-riżultati tan-nomi kollha b’eċċezzjoni ........ 98

6.5 Ir-riżultati skont it-tip ta’ eżerċizzju ........ 102

6.5.1 L-eżerċizzju tal-pronom dimostrattiv ........ 102

6.5.2 L-eżerċizzju tal-aġġettiv ........ 103

6.5.3 L-eżerċizzju tal-kuntest ........ 104

6.5.4 L-eżerċizzji kollha mqabblin ........ 106

6.6 Ir-riżultati skont l-etimoloġija ........ 108

6.7 Ir-riżultati ġenerali tal-parteċipanti kollha vis-à-vis l-ġens stabbilit fil-Malti ........ 112

7 Id-Diskussjoni ........ 116

7.1 L-ewwel mistoqsija ta’ riċerka ........ 116

7.2 It-tieni u t-tielet mistoqsija ta’ riċerka ........ 117

7.3 Ir-relevanza tar-riżultati għat-tagħlim ........ 122

8 Il-Konklużjoni ........ 127

8.1 Limitazzjonijiet ........ 128

8.2 Suġġerimenti għall-futur ........ 128

8.3 Ħsieb tal-aħħar ........ 129

Il-Biblijografija ........ 130

Appendiċi ........ 145

Appendiċi 1: L-għanijiet u r-riżultati relevanti mit-teżi tal-BA ........ 145

Appendiċi 2: Il-fuljett t’assessjar vojt ........ 148

Appendiċi 3: Żewġ kampjuni ta’ fuljetti mimlijin mill-parteċipanti ........ 157

Appendiċi 4: Il-mistoqsijiet użati għall-intervisti ........ 167

*Il-mistoqsijiet tal-għalliema* ........ 167

*Il-mistoqsijiet tal-istudenti* ........ 167

Appendiċi 5: L-applikazzjoni u l-konferma tal-applikazzjoni tal-FREC ..... 168

*L-applikazzjoni* ..... 168

*Il-konferma* ..... 170

Appendiċi 6: L-approvazzjoni mill-MEYR ..... 171

Appendiċi 7: Permess u approvazzjoni mill-kapijiet tal-iskejjel ..... 172

*L-ittra elettronika għall-permess li bgħatt lill-kapijiet tal-iskejjel* ..... 172

*L-approvazzjoni ta' skola 1:* ..... 172

*L-approvazzjoni ta' skola 2:* ..... 172

Appendiċi 8: Ittri ta' informazzjoni ..... 173

*Ittra ta' informazzjoni għall-kapijiet tal-iskejjel:* ..... 173

*Ittra ta' informazzjoni għall-għalliema* ..... 174

*Ittra ta' informazzjoni għall-ġenituri – Għall-mili tal-fuljett t'assessjar* ..... 175

*Ittra ta' informazzjoni għall-ġenituri – Għall-intervisti* ..... 176

*Ittra ta' informazzjoni għall-istudenti – Għall-mili tal-fuljett t'assessjar* ..... 177

*Ittra ta' informazzjoni għall-istudenti – Għall-intervisti* ..... 178

Appendiċi 9: Ittra ta' kunens għall-għalliema ..... 179

Appendiċi 10: Opt-out forms ..... 180

*Opt-out form tal-ġenituri għall-mili tal-fuljett* ..... 180

*Opt-out form tal-ġenituri għall-intervisti* ..... 181

*Opt-out form tal-istudenti għall-mili tal-fuljett* ..... 182

*Opt-out form tal-istudenti għall-intervisti* ..... 183

Appendiċi 11: Tabelli ta' frekwenza mill-SPSS ..... 184

Appendiċi 12: Kif analizzajt l-intervisti? ..... 197

Appendiċi 13: Kampjuni tal-formoli tal-intervisti ..... 198

*Kampjun mill-intervisti mal-għalliema* ..... 198

*Kampjun mill-intervisti mal-istudenti* ..... 200

Appendiċi 14: Tabella bbażata fuq l-ewwel paġna tal-fuljett ..... 201

Appendiċi 15: Tabelli dettaljati tar-risposti ta' kull eżerċizzji ..... 211

*15A: Tabella ta' eżerċizzju 1* ........ 211

*15B: Tabella ta' eżerċizzju 2* ........ 212

*15Ċ: Tabella ta' eżerċizzju 3* ........ 213

*15D: Tabella għal eżerċizzju 4* ........ 214

*15E: Tabella għal eżerċizzju 5* ........ 215

*15F: Tabella għal eżerċizzju 6* ........ 215

*15Ġ: Tabella għal eżerċizzju 7* ........ 216

*15G: Tabella għal eżerċizzju 8* ........ 216

*15GĦ: Tabella għal eżerċizzju 9* ........ 217

Appendiċi 16: Nomi ta' eċċezzjoni ........ 218

*16A: Nomi t'eċċezzjoni femminili* ........ 218

*16B: Nomi ta' eċċezzjoni maskili* ........ 218

Appendiċi 17: Nomi skont it-tip ta' eżerċizzji ........ 220

*17A: L-eżerċizzju tal-pronom dimostrattiv* ........ 220

*17B: L-eżerċizzju tal-aġġettiv* ........ 221

*17Ċ: L-eżerċizzju tal-kuntest* ........ 222

Appendiċi 18: Aktar diskussjoni fuq il-QKE, il-kisbiet, u xi punti prattiċi ........ 224

*Il-kunċett ta' abbiltà u l-Qafas Komuni Ewropew* ........ 224

*It-tagħlim tal-ġens mil-lenti prattika* ........ 224

*Punti ta' titjib fis-sistema edukattiva* ........ 228

*Pjan ta' ħidma u xi punti għal-lezzjonijiet* ........ 229

# Lista ta' Grafiċi

Grafika 1: Ir-risposti ġenerali tal-ewwel eżerċizzju ........ 73
Grafika 2: Ir-risposti tan-nomi kollha tal-ewwel eżerċizzju ........ 74
Grafika 3: Ir-risposti ġenerali tat-tieni eżerċizzju ........ 75
Grafika 4: Ir-risposti tan-nomi kollha tat-tieni eżerċizzju ........ 76
Grafika 5: Ir-risposti ġenerali tat-tielet eżerċizzju ........ 78
Grafika 6: Ir-risposti tan-nomi kollha tat-tielet eżerċizzju ........ 79
Grafika 7: Ir-risposti ġenerali tar-raba' eżerċizzju ........ 81
Grafika 8: Ir-risposti tan-nomi kollha tar-raba' eżerċizzju ........ 82
Grafika 9: Ir-risposti ġenerali tal-ħames eżerċizzju ........ 84
Grafika 10: Ir-risposti tan-nomi kollha tal-ħames eżerċizzju ........ 85
Grafika 11: Ir-risposti ġenerali tas-sitt eżerċizzju ........ 87
Grafika 12: Ir-risposti tan-nomi kollha tas-sitt eżerċizzju ........ 88
Grafika 13: Ir-risposti ġenerali tas-seba' eżerċizzju ........ 89
Grafika 14: Ir-risposti tan-nomi kollha tas-seba' eżerċizzju ........ 90
Grafika 15: Ir-risposti ġenerali tat-tmien eżerċizzju ........ 91
Grafika 16: Ir-risposti tan-nomi kollha tat-tmien eżerċizzju ........ 92
Grafika 17: Ir-risposti ġenerali tad-disa' eżerċizzju ........ 94
Grafika 18: Ir-risposti tan-nomi kollha tad-disa' eżerċizzju ........ 95
Grafika 19: Ir-riżultati ġenerali tal-fuljett kollu ........ 96
Grafika 20: Ir-riżultati tan-nomi kollha b'eċċezzjoni ........ 101
Grafika 21: Ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-pronom dimostrattiv ........ 103
Grafika 22: Ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-aġġettiv ........ 104
Grafika 23: Ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-kuntest ........ 105
Grafika 24: Ir-riżultati tal-eżerċizzji kollha ........ 106
Grafika 25: Ir-riżultati skont l-etimoloġija tan-nomi ........ 108
Grafika 26: Ir-riżultati tal-parteċipanti vis-à-vis l-ġens stabbilit ........ 113

# Lista ta' Figuri

Figura 1: Tagħlim non-lineari........................................................................................................21

# Lista ta’ Tabelli

Tabella 1: Il-fossilizzazzjoni ........ 15
Tabella 2: In-nomi magħżula għall-fuljett ........ 46
Tabella 3:In-nomi magħżula miġburi f'taqsimiet ........ 47
Tabella 4: Il-lingwa nattiva tal-istudent vs l-etimoloġija ........ 109
Tabella 5: Ir-risposti tal-parteċipanti kollha għall-mistoqsijiet tal-ewwel paġna ........ 201
Tabella 6: Tabella bir-riżultati tal-ewwel eżerċizzju ........ 211
Tabella 7: Tabella bir-riżultati tat-tieni eżerċizzju ........ 212
Tabella 8: Tabella bir-riżultati tat-tielet eżerċizzju ........ 213
Tabella 9: Tabella bir-riżultati tar-raba' eżerċizzju ........ 214
Tabella 10: Tabella bir-riżultati tal-ħames eżerċizzju ........ 215
Tabella 11: Tabella bir-riżultati tas-sitt eżerċizzju ........ 215
Tabella 12: Tabella bir-riżultati tas-seba' eżerċizzju ........ 216
Tabella 13: Tabella bir-riżultati tat-tmien eżerċizzju ........ 216
Tabella 14: Tabella bir-riżultati tad-disa’ eżerċizzju ........ 217
Tabella 15: Ir-riżultati tan-nomi femminili b'eċċezzjoni ........ 218
Tabella 16: Ir-riżultati tan-nomi maskili b'eċċezzjoni ........ 218
Tabella 17: Tabella bir-riżultati tan-nomi kollha fl-eżerċizzji tal-pronom dimostrattiv ........ 220
Tabella 18: Tabella bir-riżultati tan-nomi kollha fl-eżerċizzji tal-aġġettiv ........ 221
Tabella 19: Tabella bir-riżultati tan-nomi kollha fl-eżerċizzji tal-kuntest ........ 222
Tabella 20: Il-kisbiet tas-seba' u t-tmien sena li jinkludu l-ġens grammatikali ........ 228

# Il-Glossarju

| **Terminu** | **Tifsira** |
|---|---|
| Akkwist | It-terminu 'akkwist' f'dan l-istudju ser ikun qed jintuża bl-istess tifsira tat-terminu 'tagħlim' bl-istess mod kif għamlu Larsen Freeman u Long (1991, p. 6). |
| L-ewwel lingwa jew lingwa nattiva | It-termini 'l-ewwel lingwa' u 'lingwa nattiva' ser jiġu użati b'mod interċanġbli. |
| Tieni lingwa | Meta nirrefereu għat-terminu 'tieni lingwa' ma jfissirx li dik il-lingwa hija t-tieni waħda li qed jitgħallem l-istudent, iżda tista' tkun it-tielet, ir-raba', eċċ (Saville-Troike & Barto, 2017). |
| Student/i | Bil-kelma 'student/i' f'dan l-istudju ser inkunu qed nirreferu għal kwalunkwe individwu li jkun għaddej mill-proċess tat-tagħlim tat-tieni lingwa. |
| Lingwa fil-mira u t-tieni lingwa | It-termini lingwa fil-mira u t-tieni lingwa huma użati b'mod interċanġibbli biex nirreferi għal-lingwa li trid tiġi akkwistata/mgħallma wara li l-istudent ikun akkwista l-lingwa nattiva. |
| IL | Interlanguage |
| MLB | Malti bħala lingwa barranija |
| SLA | Second language acquisition |
| L1 | L-ewwel lingwa jew lingwa nattiva |
| GħF | Għalliema femminil |
| GħM | Għalliem maskili |

# L-Ewwel Kapitlu

# 1 L-Introduzzjoni

## 1.1 X'wassalni għal din ir-riċerka?

Li wieħed jifhem kif lingwa, xi ħaġa li nużaw kuljum b'mod daqshekk naturali u inkonxju, hija msawra u mħaddma, dejjem sawwar fija ħafna interess. Il-kunċett ta' lingwa narah bħala katina sħiħa ta' ħoloq sistematiċi ta' proċessi lingwistiċi u kategoriji grammatikali differenti. Waħda mill-aktar kategoriji grammatikali ċentrali fil-Malti, hija dik tal-ġens grammatikali. Wara li ħdimt fuq riċerka marbuta ma' dan il-qasam (Appendiċi 1), kompla jitkattar fija l-interess minħabba n-natura intriganti tiegħu.

Minkejja xi studji li saru fuq il-ġens, fosthom ta' Farrugia (2003), Camilleri Grima (2016 u 2021) u Żammit (2021), ħassejt li dan il-qasam tal-ġens jonqsu aktar riċerka speċjalment minn lenti pedagoġika. Barra minn hekk, minħabba li l-Malti bħala Lingwa Barranija (MLB) huwa kunċett pjuttost ġdid, riċerka f'dan il-qasam fuq livell lokali ftit li xejn hawn. Għalhekk ħassejt li studju li jħares lejn l-akkwist tal-ġens fil-MLB kien meħtieġ. L-istudenti internazzjonali fil-klassijiet tagħna qegħdin dejjem jiżdiedu. Għaldaqstant, huwa xieraq li jsiru studji varji biex dawn l-istudenti internazzjonali jibbenefikaw kemm jista' jkun minn din l-esperjenza u jiżviluppaw ħakma tajba tal-Malti.

## 1.2 L-għanijiet tal-istudju u r-relevanza tiegħu

Li wieħed jistudja l-mod li bih studenti internazzjonali jitgħallmu l-lingwa fil-mira, filwaqt li jikkorrelata l-etimoloġija u l-lingwa nattiva tal-istudenti huwa importanti għar-realtà soċjali tal-lum. Dan minħabba li t-tagħlim tal-MLB irid iwassalhom biex jużaw il-Malti fis-soċjetà. Il-mistoqsijiet ta' riċerka huma dawn:

1. X'inhi l-interlingwa tal-istudenti li ilhom jitgħallmu l-MLB minn tal-inqas sentejn, a. fir-rigward tal-ġens tan-nom?; b. Skont l-etimoloġija (Semitiku, Rumanz, jew Ingliż) tan-nom b'relevanza tal-ewwel lingwa tal-istudent?;

2. Liema diffikultajiet u għajnuniet isibu l-istudenti waqt li qed jitgħallmu l-MLB?;

3. X'jaħsbu l-għalliema li huma d-diffikultajiet u l-għajnuniet fit-tagħlim tal-MLB?

Għalhekk, dan l-istudju huwa importanti għaliex filwaqt li jħares lejn spunti li studji oħra ma ħarsux lejhom, se jservi wkoll bħala suċċessur għal xogħlijiet oħra li saru lokalment. Għaldaqstant, huwa xogħol li flimkien ma' xogħlijiet u studji oħrajn, se jkompli jsaħħaħ il-qasam pedagoġiku f'dan ir-rigward.

**1.3 It-tqassim tal-kapitli**

Din id-dissertazzjoni hija mqassma fi tmien kapitli. Tibda permezz ta' introduzzjoni qasira fuq is-suġġett u dak li se jiġi trattat fl-istudju. Wara nsibu żewġ kapitli li joffru ħarsa kritika; wieħed jiffoka fuq il-fenomenu tal-interlingwa, filwaqt li l-ieħor iħares lejn uħud mill-iktar kunċetti importanti tal-kategorija tal-ġens grammatikali. Dawn iż-żewġ kapitli jagħtu ħarsa lejn xogħlijiet li saru fl-oqsma rriċerkati f'din id-dissertazzjoni. Ir-raba' kapitlu jitratta l-metodoloġija li biha ġie msawwar dan l-istudju. Fih, wieħed jista' jsib id-dettalji ta' kif mexxejt din ir-riċerka u xi prekawzjonijiet li ħadt, fost oħrajn. Il-ħames u s-sitt kapitlu joffru analiżi dettaljata tar-riżultati li ġbart. Il-ħames kapitlu jippreżenta r-riżultati miġbura mill-intervisti, filwaqt li s-sitt kapitlu jippreżenta dawk miġbura mill-fuljett t'assessjar. Wara dan, wieħed isib id-diskussjoni tal-punti saljenti li evolvew minn din ir-riċerka. Fl-aħħar, dan ix-

xogħol jagħlaq permezz ta' konklużjoni qasira fuq dak li sar, b'xi limitazzjonijiet tal-istudju u xi suġġerimenti għal studji futuri. Dan kollu huwa segwit minn biblijografija u għadd ta' appendiċi b'dokumenti, riżorsi, u formoli importanti għal din id-dissertazzjoni.

## It-Tieni Kapitlu

# 2 L-Interlingwa u l-Akkwist tat-Tieni Lingwa

## 2.1 X'inhi l-interlingwa?

It-terminu "interlingwa" jew "lingwa intermedjarja" ġie msensel mil-lingwist Amerikan Larry Selinker (Ellis, 1985). Dan it-terminu huwa użat għal tifsiriet differenti imma relatati. L-ewwel nett, sar jiġi użat biex jirreferi għal serje ta' sistemi li jikkaratterizzaw l-akkwist tal-lingwa. It-tieni nett, biex jirreferi għal sistema li tiġi osservata f'xi stadju tal-iżvilupp tat-tagħlim tal-lingwa. U t-tielet tifisira li tissemma hija li dan it-terminu jintuża wkoll biex jirreferi għal xi kombinazzjonijiet partikolari tal-ewwel u t-tieni lingwa (Ellis, 1985). Fil-fatt, dan it-terminu narawh jiġi użat b'dan il-mod f'xogħlijiet differenti fosthom dawk lokali bħal ta' Camilleri Grima (2015) u Żammit (2022b). Minbarra dan it-terminu, hemm termini oħrajn li jirreferu għall-istess idea bażika u li ntużaw fi studji differenti fosthom 'approximative system' użat minn Nemser (1971) u 'transitional competence' użat minn Corder (1967). L-idea tal-interlingwa hija ċentrali għall-iżvilupp tar-riċerka fuq l-akkwist tat-tieni lingwa.

Selinker (1972) ippropona teorija tal-interlingwa msejsa fuq ipotesi li skont Han u Tarone (2014), "Selinker's (1972) basic question is whether there is a linguistic system that underlies the output of second language learners" (p. 7). Jistaqsi mistoqsijiet importanti, iħares lejn ċerti ipotesijiet, u jipproponi għall-ewwel darba qafas kunċettwali u empiriku b'mod koerenti li ispira u għadu jispira r-riċerka fil-qasam tal-akkwist tat-tieni lingwa. Skontu, l-interlingwa tal-istudenti tirreferi għas-sistema strutturata li l-istudenti jikkostruwixxu f'xi waqt tul il-proċess tat-tagħlim ta' lingwa li mhix l-ewwel lingwa tagħhom. Għaldaqstant, l-interlingwa hija l-lingwa ta' min qed jitgħallem. Dan joħroġ biċ-ċar anke fi studji lokali

fosthom ta' Borg (2018) u Żammit (2019, 2022a, u 2022b). Kien waqt diskussjonijiet li saru f'Edinburgh fl-1968-69, minn studjużi importanti fosthom Selinker u Corder, li evolva l-kunċett li fil-proċess tal-akkwist tat-tieni lingwa, hemm mhux biss żewġ sistemi imma tliet sistemi lingwistiċi li jitħaddmu b'mod attiv; il-lingwa nattiva, il-lingwa fil-mira (target language), u l-interlingwa tal-istudent. Din it-tielet sistema lingwistika tmiss kemm mal-lingwa nattiva tal-istudenti kif ukoll mal-lingwa fil-mira, imma fl-istess ħin, hija differenti mit-tnejn li huma. Dan juri kemm din is-sistema hija sistema lingwistika unika (Sheng, 2007) li għandha status intermedjarju fis-sistema lingwistika psikoloġika tal-istudent (Javed, 2015). Ix-xogħol ta' Borg (2018) fil-fatt juri dan il-fatt b'mod ċar fl-analiżi tal-akkwist tal-ġens u l-għadd tan-nom minn studenti internazzjonali.

L-interlingwa tiffoka fuq l-aspett psikoloġiku daqskemm fuq l-apsett lingwistiku. Barra l-fatt ovvju li l-interlingwa għandha x'taqsam b'mod intrinsiku mal-qasam lingwistiku minħabba t-tagħlim ta' lingwa, din is-sistema hija waħda psikoloġika kemm minħabba kif inhi mibnija u kif ukoll kif inhi mħaddma. Skont Griffiths u Parr (2001), din ir-riċerka psikoloġika fil-konfront tal-kunċett tal-interlingwa, bdiet bil-għan li wieħed jiddetermina x'inhuma l-proċessi mentali li l-istudenti jgħaddu minnhom u l-istrateġiji li japplikaw sabiex kemm jista' jkun jiffaċilitaw it-tagħlim tagħhom.

L-interlingwa u l-użu tagħha huma proċessi tipikament inkonxji u li mhumiex miftuħa għal analiżi introspettiva mill-istudent (Żammit, 2019). Fuq dan, Tarone (2013, p.1) tgħid,

> Indeed, the learner is typically not aware of the linguistic characteristics of the language he or she is unconsciously using, often perceiving the linguistic forms being

used in IL [interlanguage] to be "the same" as forms in both NL [native language] and TL [target language]. If learners are asked about interlanguage rules that they use in their own unrehearsed, meaningful communication, they will not be able to give an accurate account of those rules. Rather they may describe TL rules they have consciously learned in the classroom, but these are not the interlanguage rules they actually use when focused on meaning.

Bi proċess gradwali ta' prova, spiss imsejjaħ 'trial and error', kif ukoll ittestjar ta' ipotesijiet, l-istudenti jitgħallmu jistabbilixxu approssimazzjonijiet iktar viċini tas-sistema użata mill-kelliema nattivi tal-lingwa fil-mira (Brown, 1994). Il-proċess tal-interlingwa huwa wieħed kreattiv li huwa sostnut minn forzi ġewwiena f'interazzjoni ma' fatturi ambjentali, u li huwa influwenzat minn fatturi tal-lingwa fil-mira. Il-kreattività tal-interlingwa jisħaq fuqha wkoll Corder (1973). Fil-fatt, Tarone (1988) tgħid, "Learner language, Corder proposed, should be viewed not only as systematic, but also as unstable (that is, changing over time) and creative (that is, with rules unique to itself, not just borrowed from the native language)" (pg 9). Għalhekk, sentenzi 'ħżiena' li jagħmlu dawn l-istudenti fir-rigward tal-lingwa fil-mira, xorta nistgħu narawhom bħala grammatikali fis-sens tagħhom għax huma prodott tas-sistema tal-lingwa tal-istudenti stess, punt li ġie diskuss ukoll minn Borg (2018). Din is-sistema mbagħad tiżviluppa gradwalment lejn is-sistema tar-regoli tal-lingwa fil-mira. Dawn il-forom differenti ta' kompetenzi lingwistiċi tal-istudent, huma msejħa bħala 'interlingwa' (Griffiths u Parr, 2001).

Dan kollu juri li s-sistema tal-interlingwa għandha tiġi kkunsidrata bħala sistema lingwistika fiha nfisha, u għandha tittieħed b'serjetà daqskemm jittieħdu l-lingwa nattiva u l-

lingwa fil-mira (Han & Tarone, 2014). Fil-fatt Sheng (2017), li bħal bosta studjużi oħra, tħares lejn l-interlingwa bħala unika u dinamika, tisħaq li għalkemm din il-lingwa li joħolqu l-istudenti mhix ikkunsidrata bħala lingwa uffiċjali, l-għalliema għandhom iħarsu lejha b'mod ġust u xieraq, japrezzaw il-valur ta' dawn l-istrateġiji ta' tagħlim, u jipprovdu lill-istudenti b'aktar opportunitajiet biex l-interlingwa tagħhom tiżviluppa lejn il-lingwa fil-mira. Tarone (f'Han & Tarone, 2014) tispjega,

> The central hypothesis of their[1] work was that learner language was not a hodgepodge of errors all caused by the learner's native language, but an autonomous linguistic system in its own right that evolved according to innate and probably universal processes (p. 7).

Dan il-kunċett inkiteb ħafna fuqu lejn l-aħħar nofs tas-seklu 20, u peress li ġie aċċettat permezz ta' riċerka dwar diversi lingwi, m'hemmx kontestazzjoni dwaru u allura ma tantx għadu jiġi diskuss fil-letteratura. Madankollu, għall-MLB għadna fil-bidu nett tal-istħarriġ u għalhekk l-utilità tar-riċerka tiegħi.

**2.2 L-interlingwa mil-lenti teoretika**

Fix-xogħol ta' Nemser (1971), ġew iddikjarati xi suppożizzjonijiet li jikkaratterizzaw l-interlingwa. L-ewwel suppożizzjoni hija dik li ssemmiet fis-sezzjoni preċedenti; li l-interlingwa hija distinta kemm mil-lingwa nattiva kif ukoll mil-lingwa fil-mira. It-tieni, li din is-sistema approssimattiva toħloq serje li tevolvi. U t-tielet, li f'sitwazzjoni ta' kuntatt, is-sistema

[1] Riferiment għax-xogħol ta' Selinker u Corder waqt id-diskussjonijiet f'Edinburgh (p. 6).

intermedjarja ta’ studenti differenti fl-istess stadju ta’ proficjenza, bejn wieħed u ieħor tikkoinċidi. Din is-suppożizzjoni tal-aħħar, naraw tapplikax f’dan l-istudju f’kapitlu 6.

L-interlingwa ta’ studenti li qed jitgħallmu lingwa barranija, għandha xi fatturi prinċipali. L-ewwel nett, hija sistema permeabbli, fis-sens li r-regoli li jikkostruwixxu l-għarfien tal-istudenti fi kwalunkwe stadju mhumiex fissi, imma huma miftuħa għal bidliet skont il-bżonn tal-istudent. Għaldaqastant, din is-sistema lingwistika hija dinamika minħabba li tinbidel konsistentament tul il-proċess tat-tagħlim. Minkejja dan, l-istudenti ma jaqbżux minn stadju għal ieħor, imma jimxu b’pass relattivament kajman, filwaqt li jirrevedu s-sistemi u l-kunċetti li jiltaqgħu magħhom biex jakkomodaw ipotesijiet ġodda dwar il-lingwa fil-mira. Din issir meta tiġi introdotta regola ġdida, l-ewwel f’kuntest wieħed imbagħad f’iktar. Regola ġdida tinfirex fis-sens li tista’ tiġi estiża għal firxa ta’ kuntesti lingwistiċi. Dan il-proċess ta’ reviżjoni kostanti u estensjoni ta’ regoli, huwa fattur tal-instabbiltà inerenti tal-interlingwa u l-propensità interna għall-bidla. Għaldaqstant, permezz ta’ stadji suċċessivi ta’ tagħlim, jidher li hemm kontinwu bejn l-ewwel lingwa tal-istudent u l-akkwist tal-lingwa fil-mira. Għal kull stadju hemm interlingwa, pereżempju, tip ta’ struttura waħda għall-attentati bikrin li jsiru fil-bidu biex jikkomunikaw bil-lingwa fil-mira, oħra għal meta jitgħallmu jużaw il-lingwa b’mod kważi perfett, u oħrajn għal diversi stadji oħra intermedjarji. Din l-evoluzzjoni probabbilment hija mmarkata f’kull stadju permezz ta’ influwenza sistematika mil-lingwa nattiva tal-istudent (Nemser, 1971).

Dan il-proċess juri kemm l-interlingwa hija fl-istess ħin sistema sistematika. Għal student li qed jitgħallem lingwa barranija, in-norma tinsab fis-sistema tal-interlingwa li l-istudent stess jikkostruwixxi b’mod awtomatiku u inkonxju. Għaldaqstant, dan jikkonferma l-

ipotesi ta' Selinker (1972), li tħares lejn l-interlingwa bħala sistema fundamentalment awtonoma u li toffri ċertu sekwenzi. Tarone (2014) taqbel ma' dan għaliex skontha permezz tal-evidenza li ssawret tul is-snin, tirrendi lis-sistema tal-interlingwa bħala sistema b'natura sistematika. L-istudenti ma jagħżlux il-ħażna tar-regoli ta' dik is-sistema bl-addoċċ imma b'modi prevedibbli. L-istudenti jibbażaw il-prestazzjoni tagħhom fuq sistema ta' regoli eżistenti b'mod simili ħafna kif jagħmlu studenti nattivi. Tarone, Frauenfelder u Selinker (1976) proponew li din il-lingwa tal-istudenti għandha tiġi msejħa bħala waħda sistematika.

Fl-aħħar, fattur ieħor li huwa importanti li ninnotaw li jitkellmu fuqu studjużi oħra bħal Sheng (2007), huwa li ħafna studenti li jitgħallmu lingwa barranija jfallu milli jilħqu kompetenza ħolistika tal-lingwa. Skont Sheng (2007), madwar 95% tal-istudenti jfallu milli jagħmlu dan.

Il-bażi lingwistika tal-interlingwa ġejja minn teoriji differenti li Sheng (2007) irreferiet għalihom bħala "mentalist theories of language acquisition" (p.2). It-teorija ta' Chomsky tara li d-determinatur primarju tal-akkwist tal-lingwa nattiva tat-tfal, huwa l-apparat mentali li jirreferi għalih bħala "acquisition device". Dan jintiret u jitħaddem skont il-ġenetika u jipprovdi lit-tfal b'sett ta' prinċipji dwar il-grammatika. Dan il-kunċett tkellmu wkoll fuqu Dulay u Burt (1973). It-teorija ta' Chomsky tissuġġerixxi li dan l-apparat jiddgħajjef iktar ma l-individwu jikber, u li lingwa barranija ma tistax tiġi mgħallma wara s-snin tal-pubertà. Għaldaqstant, wieħed jistaqsi, allura kif ċerti nies xorta jitgħallmu l-lingwa fil-mira anke meta jkunu qabżu ż-żmien tal-pubertà? Selinker kompla żviluppa din it-teorija ta' Chomsky u ssuġġerixxa li dawk l-istudenti adulti li jirnexxielhom jitgħallmu l-lingwa barranija, jirnexxielhom għax jew jibqgħu jagħmlu użu kontinwu minn dan l-apparat li jsemmi

Chomsky, jew inkella għax jagħmlu użu minn struttura lingwistika moħbija, l-interlingwa (Ellis, 1985). Għaldaqstant, bħat-tfal li jirnexxilhom jitgħallmu l-lingwa nattiva, l-istudent adult (jew li huwa akbar fl-età u mhux tifel/tifla żgħira), jitgħallem u jirnexxielu jittrasforma l-grammatika universali fl-istruttura grammatikali tal-lingwa fil-mira. Dan isir perezz tal-istruttura lingwistika moħbija. Sheng (2007) tgħid,

> cognitive psychology and psycholinguistics are the psychological bases of interlanguage. From this perspective, SLA or FLL (foreign language learning) is a process of accumulating, reorganizing and creating. Transfer theory argues that L1 language system inevitably influences the learner's SLA and FLL. The learner usually transfers the grammatical rules of L1 into SLA and FLL (p. 36).

### *2.2.1 Il-ħames proċessi konjittivi u xi strateġiji tal-interlingwa*

Skont Selinker (1972), "il-lingwa intermedjarja tirrifletti sistema ta' regoli li qed tevolvi, u riżultati minn varjetà ta' proċessi li jgħaddi minnhom l-istudent bħal: l-influwenza tal-lingwa nattiva (it-trasferiment), interferenza tad-differenza mil-lingwa fil-mira, u l-ġeneralizzazzjoni żejda ta' regoli ġodda li jiltaqa' magħhom l-istudent" (Borg, 2018, p. 18). Al-Mulhim iżid li l-interlingwa tal-istudent tista' tiġi affettwata wkoll minn fatturi speċifiċi tat-tagħlim u strateġiji tat-tagħlim, fosthom strateġiji ta' komunikazzjoni. Hawnhekk qed issir referenza għall-ħames proċess mentali li ħareġ bihom Selinker (1972), li jistqarr li huma ċentrali għat-tagħlim tat-tieni lingwa.

Il-ħames proċessi huma: trasferiment tal-lingwa nattiva, trasferiment ta' taħriġ, strateġiji ta' tagħlim tat-tieni lingwa, strateġiji ta' komunikazzjoni tat-tieni lingwa, u

ġeneralizzazzjoni żejda ta' materjal lingwistiku tal-lingwa fil-mira. Hu rrefera għal dawn il-fatturi bħala proċessi konjittivi li jgħinu biex jiffossilizzaw[2] ċerti regoli, fatturi lingwistiċi u sottosistemi mil-lingwa nattiva fl-interlingwa. Selinker iżid, "Each of the analyst's predictions as to the shape of IL utterances should be associated with one or more of these, or other, processes" (1972, p. 215).

Al-Mulhim (2016) jitkellem fuq dawn il-proċessi u jagħti wkoll xi eżempji. Fuq it-trasferiment tal-lingwa huwa jgħid li l-istudenti jissellfu sekwenzi u mudelli mil-lingwa nattiva u japplikawhom għal-lingwa fil-mira. Hu jagħti l-eżempju li studenti jużaw "the book of John" minflok "John's book". Fil-każ tagħna, l-istudenti jistgħu jgħidu xi ħaġa bħal "oħt tiegħi" jew "oħti tiegħi" minflok "oħti".

Ċertu elementi tal-interlingwa jistgħu jirriżultaw minn fatturi speċifiċi tat-tagħlim. Al-Mulhim jagħti l-eżempju tal-ispjegazzjoni ħażina tal-għalliema, bħal pereżempju preżentazzjoni ħażina ta' xi struttura. Selinker (1972) jagħti l-eżempju ta' kif ħafna għalliema u kotba għandhom il-vizzju li jużaw bl-Ingliż 'he' għall-maskil u għall-femminil. Għaldaqstant, minħabba taħriġ żbaljat, l-istudenti jifossilizzaw din l-idea, u għalihom issir in-norma.

Mal-introduzzjoni tal-kunċett tal-interlingwa, inħass ukoll il-bżonn li jinħolqu strateġiji ta' tagħlim ta' lingwa barranija li jagħmlu parti mill-kuntest tat-tagħlim. Ħafna darbi l-istudenti jkollhom it-tendenza li jirriduċu l-lingwa fil-mira għal sistema aktar sempliċi. Coulter (1968) jirrapporta żbalji sistematiċi fil-mod kif żewġ kelliema Russi mdaħħlin fiż-żmien iħaddmu l-interlingwa Ingliża tagħhom. Tidher it-tendenza li jevitaw formattivi grammatikali

[2] Kunċett diskuss f'taqsima 2.2.2

bħall-artiklu, il-plural, u t-temp fil-passat. Pereżempju, "I *was* in Frankfurt when I *fill* application", fejn qed naraw li 'was' u 'fill' fl-istess sentenza ma jaqblux fit-temp (Coulter, 1968, p. 36).

Filwaqt li Coulter (1968) jgħid li dan kollu jista' jseħħ minħabba strateġija ta' tagħlim ta' simplifikazzjoni, hu jatribwixxi dan għal strateġija ta' komunikazzjoni, proċess mentali ieħor msemmi minn Selinker (1972). Hu jgħid li minħabba esperjenzi passati tal-kelliem, li urewh li jekk jaħseb wisq fuq proċessi grammatikali waqt li jipprova jesprimi ruħu bil-lingwa fil-mira, id-diskors tiegħu ser ikun jinstema' inċert u skonnettjat, u jwassal lill-kelliema nattivi biex jitilfu l-interess u l-paċenzja, li twassal lill-istudenti jaħsbu li dik il-forma "was not necessary for the kind of communication they used" (Coulter, 1968, p. 30). Għaldaqstant, dan il-proċess mentali jitfa' l-importanza fuq il-komunikazzjoni ma' ta' madwarhom.

Ċertu studji jisħqu fuq il-fatt li l-istudenti jagħmlu ġeneralizzazzjoni żejda ta' regoli grammatikali. Dan ifisser, li hekk kif wieħed jitgħallem regola grammatikali, japplikaha b'mod ġenerali anke fejn ma tkunx postha. Hu jagħti l-eżempju ta' "mans" flok "men". Fil-MLB Borg (2018, p. 65) sabet li għan-nom 'bank' ('bench') erba' studenti kitbu 'banki' flok 'bankijiet' (jimxu fuq mudelli bħalli 'kaxxi'). Waqt il-perjodu tat-taħriġ iltqajt ukoll ma' 'tazzijiet' flok 'tazzi' jew 'tazez' (jimxu fuq mudelli bħal 'siġġijiet').

### *2.2.2 Il-fossilizzazzjoni*

Selinker (1992) tkellem ukoll fuq il-kunċett ta' fossilizzazzjoni. Dan il-fenomenu jiġi diskuss permezz ta' konverżazzjoni fittizja li ħoloq fix-xogħol tiegħu bejn l-awtur u lingwisti oħrajn. Dan il-kunċett jirreferi għall-proċess li l-istudenti jadottaw fil-proċess tat-tagħlim tal-

lingwa barranija li fih ikollhom it-tendenza li jżommu ċertu regoli u sottosistemi mil-lingwa nattiva tagħhom u japplikawhom fl-interlingwa tagħhom fil-konfront tal-lingwa fil-mira. Pereżempju, Selinker jagħti l-eżempju tal-ħoss uvulari /r/ fil-Franċiż li kelliema nattivi Franċiżi jżommu fl-interlingwa tagħhom waqt li jitgħallmu l-Ingliż. Hu jgħid li ħafna minn dawn il-fenomeni jfeġġu l-aktar meta l-attenzjoni tal-istudent tkun iffukata fuq xi ħaġa li hija ġdida jew diffiċli, jew meta qiegħed fi stat ta' ansjetà jew eċitament ieħor, u ġieli anke meta jkunu fi stat ta' rilassament estrem. Huwa importanti li wieħed jifhem li dan il-fenomenu mhux biss marbut mal-livell fonetiku. Hu jżid li din is-sitwazzjoni ta' fossilizzazzjoni tista' mhux biss issir fuq livell individwali, imma saħasitra fuq livell ta' gruppi sħaħ ta' individwi. Din it-tieni sitwazzjoni, jekk tkun tant b'saħħitha, tista' twassal biex joħroġ djalett ġdid fejn il-kompetenzi ta' interlingwa fossilizzata tista' ssir in-norma.

Permezz tal-ħames proċessi identifikati minn Selinker (1972) issir il-fosilizzazzjoni. Il-ħames proċessi u l-mod kif permezz tagħhom issir il-fosilizzazzjoni, huma rrappreżentati f'tabella 1.

Tabella 1: Il-fossilizzazzjoni

| Kif issir il-fossilizzazzjoni | Il-proċess konjittiv |
|---|---|
| 1. Jekk regoli u sottosistemi huma ffosilizzati fl-interlingwa b'riżultat tal-lingwa nattiva, mela l-fossilizzazzjoni saret permezz ta': | 1. Trasferiment mil-lingwa nattiva |
| 2. Jekk regoli u sottosistemi huma ffosilizzati fl-interlingwa b'riżultat tal-proċeduri tat-taħriġ b'mod żbaljat, mela l-fossilizzazzjoni saret permezz ta': | 2. Trasferiment ta' taħriġ żbaljat |
| 3. Jekk regoli u sottosistemi huma ffosilizzati fl-interlingwa b'riżultat tal-approċċ li ħa l- | 3. Strateġiji ta' tagħlim ta' tieni lingwa |

| | |
|---|---|
| istudent lejn il-materjal, mela l-fossilizzazzjoni saret permezz ta': | |
| 4. Jekk regoli u sottosistemi huma ffosilizzati fl-interlingwa b'riżultat tal-approċċ meħud mill-istudent fil-konfront tal-komunikazzjoni ma' kelliema nattivi tal-lingwa fil-mira, mela l-fossilizzazzjoni saret permezz ta': | 4. Strateġiji ta' komunikazzjoni ta' tieni lingwa |
| 5. Jekk regoli u sottosistemi huma ffosilizzati fl-interlingwa b'riżultat ta' ġeneralizazzjoni żejda ta' regoli u fatturi semantiċi tal-lingwa fil-mira, mela l-fossilizzazzjoni saret permezz ta': | 5. Ġeneralizzazzjoni żejda ta' materjal lingwistiku tal-lingwa fil-mira |

### *2.2.3 Il-varjazzjoni fl-interlingwa*

Kunċett interessanti ħafna fil-qasam tal-interlingwa huwa l-varjazzjoni tal-kelliema li qed jitgħallmu l-lingwa barranija. Skont Song (2012), il-varjazzjoni tirreferi għall-każijiet li fihom il-kelliem li qed jitgħallem il-lingwa barranija juża żewġ varjanti jew iktar, li għandhom biss użu wieħed fil-lingwa fil-mira, biex jesprimi fenomenu partikolari. Ellis (1985) jitkellem fuq tifel Portugiż li qed jitgħallem l-Ingliż bħala lsien barrani, u waqt logħba karti hu juża l-frażijiet: "No look my card" u "Don't look my card". Hu juża l-varjanti "no" u "don't" biex jesprimi negazzjoni b'mod li l-kelliema nattivi ma jagħmlux. Studju ieħor li jħares lejn din il-varjazzjoni huwa dak ta' Dickerson (1974) li ffoka b'mod speċjali fuq il-pronunzja. Ellis (1985) jindirizza wkoll il-kunċett tal-varjazzjoni fl-interlingwa tal-istudenti. Ir-riċerka stabbiliet li l-interlingwa tvarja f'numru ta' modi differenti (Tarone, 1988).

Tarone (1982) ippruvat tispjega l-varjazzjoni sistematika billi ssuġġeriet li studenti li jitgħallmu lingwa barranija għandhom serje ta' grammatiki mentali li jikkoinċidu u li

jikkorrispondu għal kunċetti differenti li fihom tiġi użata l-lingwa fil-mira. Fuq naħa l-istudenti għandhom grammatika għal użu informali u vernakulari, pereżempju konverżazzjoni każwali spontajna, u fuq in-naħa l-oħra, l-istudenti għandhom grammatika għal użu formali tal-lingwa fil-mira, pereżempju fil-kitba jew użu tal-lingwa fil-klassi. Bejn dawn l-estremitajiet, hemm grammatiki differenti għal livelli differenti ta' formalità fl-użu tal-lingwa. Jäsche u Plag (2016) jgħidu li l-għażliet tal-kelliema jiddependu fuq varjetà ta' fatturi influwenti bħall-kumplessità sintattika, id-definitezza, u l-animazzjoni.

Song (2012) jgħid li l-għan ewlieni tal-istudju tal-varjabbiltà huwa li jipprovdi bażi teoretika u implikazzjonijiet għall-istruzzjoni fil-klassi, u għal għażliet u arranġamenti ta' materjal għat-tagħlim. L-għalliema tal-lingwa u r-riċerkaturi għandhom iħarsu mill-qrib lejn fatturi li jirriżultaw f'varjazzjoni fl-interlingwa biex jieħdu t-taħriġiet ta' tagħlim f'kontroll moderat. Iktar ma l-għalliema jkunu konxji, iktar jistgħu jkunu konxji tal-importanza tagħha u allura aktar effiċjenti fil-prattika tat-tagħlim (Song, 2012, p. 781).

**2.3 Ir-riċerka fuq dan kollu – xi limitazzjonijiet**

Jäsche u Plag (2016) isemmu li l-istudji li għandhom x'jaqsmu mal-interlingwa u l-akkwist tat-tieni lingwa, speċjalment dawk iffukati fuq is-sintassi, iffukaw b'mod estensiv fuq l-akkwist ta' sekwenzi sintattiċi u kostruzzjonijiet, filwaqt li warrbu l-fenomenu tal-varjazzjoni grammatikali u l-akkwist ta' restrizzjonijiet probabilistiċi li jaffettwaw is-selezzjoni tal-varjanti fil-lingwa intermedjarja. Huma jisħqu wkoll illi l-metodu statistiku dam ħafna ma beda jintuża fi studji ta' din in-natura. Din il-karatteristika ma tidhirx biss fi studji antiki imma wkoll f'dawk riċenti li ħafna drabi jużaw analiżi monofatturali biex janalizzaw jekk il-fatturi li jippredikaw fl-ewwel lingwa għandhomx effett fuq l-akkwist tat-tieni lingwa li qed jitgħallmu l-istudenti.

Hemm nuqqas ta' studji li jużaw analiżi multifattorjali li tista' tgħin biex tappoġġja pretensjonijiet dwar fatturi individwali tal-istudenti jew tendenzi ġenerali.

**2.4 L-interlingwa u t-tagħlim tat-tieni lingwa**

Wieħed irid iżomm f'moħħu fatturi differenti li jaffettwaw l-akkwist tat-tieni lingwa. Singleton (1995) jaċċenna għall-fattur ambjentali. Skontu, meta individwu jisma' l-lingwa titħaddem f'ambjent naturali, huwa ħafna aktar effettiv mill-ambjent formali tal-klassi. Hu jgħid, "five years of exposure to a second language in a second language environment would in most circumstances involve a very great deal more exposure to the language than five years of formal second-language instruction, where the target language was being treated simply as one school subject among many" (p. 3). Ellis (1985) ukoll jgħid li t-tagħlim formali ma jħalli ebda effett fuq is-sekwenzi tat-tagħlim, jaffettwa l-produzzjoni tad-diskors b'mod minimu ħafna, u li għalkemm jaħseb li t-tagħlim formali jista' jiffaċilita r-rata tal-akkwist, jaħseb li jiġri dan minħabba fatturi oħrajn bħall-motivazzjoni. Ellis u Natsuko Shinatani (2014) jindirizzaw it-tagħlim espliċitu vis-à-vis l-akkwist tat-tieni lingwa, u elementi oħrajn li jaffetwaw it-tagħlim ta' lingwa barranija bħat-tagħlim ta' lingwa bbażat fuq taħriġiet u attivitajiet, it-tagħlim bħala interazzjoni, u l-feedback korrettiv fost punti oħra.

Wolfgang (1986, p. 15) jitkellem fuq kif ħafna drabi ssir distinzjoni bejn tagħlim spontanju u tagħlim gwidat – ħafna drabi minn xi tutur bħall-għalliema. It-tagħlim spontanju skontu jsir fil-komunikazzjoni ta' kuljum, u hija ħielsa minn kull tip ta' intervent sistematiku u intenzjonali. Tagħlim gwidat jinsab fuq ix-xaqliba l-oħra tal-ispettru għaliex huwa tagħlim f'ambjent sistematizzat u kkontrollat għalkollox mis-sistema edukattiva.

Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll, li studenti li jitgħallmu t-tieni lingwa, iħabbtu wiċċhom ma' fatturi differenti. Borg (2018) tgħid, "għandhom motivazzjoni differenti għala qed jitgħallmu t-tieni lingwa fejn mhux bilfors li qed jitgħallmu t-tieni lingwa biex jaqdu bżonn bażiku li jikkomunikaw" (p. 30).

L-interlingwa għandha effett kbir fit-tagħlim tal-lingwa fil-mira. Fil-fatt Camilleri Grima (2015) kompliet tikkonferma dan meta sabet qbil fl-użu kostanti tal-imperfett mill-istudenti internazzjonali meta mqabbel mal-użu tal-perfett mill-istudenti nattivifl-istess ċirkostanza. Dan juri li għalkemm l-istudenti internazzjonali kienu ġejjin minn pajjiżi differenti u għaldaqstant b'lingwi u kulturi differenti, qablu fil-mod kif użaw dan it-temp u allura jidher li dawn qed jgħaddu mill-istess proċess tal-lingwa intermedjarja waqt li qed jitgħallmu l-lingwa barranija u l-pragmatika tagħha. "Il-pragmatika tal-lingwa intermedjarja huwa l-istudju tal-modi kif kelliema mhux nattivi jakkwistaw, jifhmu u jużaw mudelli lingwistiċi fit-tieni lingwa" (Borg, 2018, p. 19) Ellis (1985) jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sekwenzi naturali tal-iżvilupp tal-interlingwa, u jagħmel distinzjoni bejn differenzi żgħar osservati fl-ordni ta' xi substadji li jinkludu ċerti fatturi grammatikali, u r-regolaritajiet fis-sekwenzi li ġew osservati bejn studenti li għandhom sfond differenti b'lingwa nattiva differenti.

Il-konklużjoni inevitabbli hija li l-akkwist tat-tieni lingwa huwa proċess ta' kumplessità kbira li fiha hemm jaħdmu varjetà ta' fatturi li jevadu d-deskrizzjoni, u iktar u iktar l-ispjegazzjoni.

## 2.5 Studji ċentrali fuq il-MLB

Żammit (2022a) tisħaq kif minkejja li qed naraw żieda fl-immigranti f'Malta u li din iż-żieda wasslet għal domanda akbar ta' programmi u korsijiet li joffru t-tagħlim tal-MLB, u minkejja ż-żieda fl-interess, jidher li hemm nuqqas ta' riċerka f'dan il-qasam. Huwa għalhekk li xi studjużi lokali bħal Żammit (2022a, 2022b) u Camilleri Grima (2020, 2021) wettqu xi studji f'dan il-qasam fuq livell lokali.

F'*Bil-Kelma t-Tajba* (2020), Camilleri Grima tidħol fil-fond fuq il-MLB u l-interlingwa. Hi tgħid, "Illum il-ġurnata fil-qasam edukattiv huwa ċar għal kulħadd li dak li xi ħadd jgħallem rari jiġi tradott eżatt f'dak li wieħed jitgħallem" (p. 59). Camilleri Grima tagħmel referenza għall-Chaos/Complexity Theory (it-Teorija tas-Sistemi Dinamiċi), li skontha t-tagħlim (learning) ma jsirx b'mod lineari kif ħafna kienu u sfortunatament għadhom jaħsbu. Din it-teorija turi li l-istudenti jgħaddu minn perjodi differenti ta' tagħlim u filwaqt li xi drabi r-rata ta' tagħlim tkun waħda tajba u juru progress, drabi oħra l-istudenti jidhru li jew marru lura jew inkella li mhux jagħmlu progress. F'dan il-każ, ikun hemm bżonn li wieħed jieħu l-ħin tiegħu sabiex jifhem il-kunċett u jerġa' jaqbad. Hawnhekk jidħol ukoll il-kunċett taż-Zone of Proximal Development. Dan kollu u aktar titkellem fid-dettall fuqu Żammit (2019 u2022a). Dawn l-istudji juru kemm it-tagħlim huwa kaotiku, dinamiku u kumpless. Minħabba dawn il-fatturi, kif tirrimarka Larsen-Freeman (2016), it-tagħlim huwa wieħed imprevedibbli.

Dan il-kunċett ta' imprevedibbiltà jidher ukoll fix-xogħol ta' Żammit (2019) *Learning Patterns in the Acquisition of Maltese as a Foreign Language by Adults*. Żammit tagħmel użu minn grafiċi li juru l-proċess ta' tagħlim li jgħaddu minnu l-istudenti u li hi tirreferi għalihom bħala 'learning curves'. Din tista' tkun lineari (kontinwu fit-tagħlim) jew non-lineari (progress

jew rigress). Joħroġ ċar li l-approċċ tradizzjonali jaċċenna għal figuri ta’ tagħlim lineari. Fil-fatt, għal Jaber (2011), ktieb tal-iskola tat-tieni lingwa huwa organizzat b’tali mod li t-topiks jagħmlu sens biss jekk jiġu diskussi wieħed wara l-ieħor u għalhekk, it-tagħlim se joħloq figura lineari. Iżda Żammit f’dan l-istudju, tiffoka l-aktar fuq figuri non-lineari għaliex kif aċċenajna għalih qabel, it-tagħlim huwa proċess dinamiku u imprevedibbli ħafna. Fil-fatt, aċċennat għat-teorija tas-Sistemi Dinamiċi u mill-istudju tagħha ħarġu figuri li minkejja li urew progress, ma kinux lineari.

Ir-riżultati urew li l-iktar sekwenza popolari fost l-istudenti kienet dik murija f’figura 1.




Figure 1: The Trend of learning curve 1

Figura 1: Tagħlim non-lineari (Minn Żammit, 2019, p. 49)

Fil-bidu, il-parteċipanti għamlu ftit progress, imbagħad ftit rigress u b’mod ġenerali għamlu progress. Waħda mir-raġunijiet tal-progress kienet li jitkellmu bil-Malti ma’ Maltin nattivi, filwaqt li waħda mir-raġunijiet ta’ rigress kienet li l-Maltin nattivi ma jikkoreġuhomx meta jagħmlu xi żbalji. Fil-bidu kien hemm bidliet żgħar insinifikanti fil-proċess tat-tagħlim, imma aktar kemm għadda żmien, il-proċess tat-tagħlim żdied. Dan il-proċess huwa magħruf bħala ‘Butterfly Effect’ (Lorenzelli, 2003) li jfisser li varjazzjonijiet żgħar jafu jwasslu għal bidliet drastiċi aktar tard fil-proċess tat-tagħlim. Huwa importanti li nifhmu li n-nuqqas ta’

progress fil-marki ma jfissirx li ma jkunux qegħdin jitgħallmu. B'hekk nifhmu li hemm proċess u stadji differenti fit-tagħlim ta' kull individwu.

Fl-artiklu *Implementing Plurilinguism in the Foreign Language Classroom* (2021) Camilleri Grima titfa' dawl fuq metodoloġija plurilingwistika fit-tagħlim ta' lingwi barranin ma' studenti żgħar u anke akbar. Dawn il-metodoloġiji jirrispettaw u jtejbu l-għarfien, l-atitudnijiet u l-ħiliet ta' studenti li esperjenzaw iktar minn lingwa u kultura waħda. Ħafna drabi, minħabba li jkollhom sfond ta' imigrazzjoni spissa, dawn l-istudenti jkollhom għarfien metalingwistiku b'saħħtu.

Fix-xogħol *Analiżi tal-Akkwist tal-Ġens u l-Għadd tan-Nom fit-Tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija* Borg (2018) tiġbed numru ta' konklużjonijiet. Hi tgħid li l-istudenti jidhru li sabu l-eżerċizzji tal-għadd iktar diffiċli biex jagħmluhom minn tal-ġens. Hi tgħid li dan jista' jkun minħabba li hemm inqas forom tal-ġens milli hemm tal-għadd u allura l-ġens jaqbduh malajr. Fid-dissertazzjoni tiegħi ninvestiga dan il-kunċett b'mod aktar dettaljat minħabba li niffoka biss fuq il-ġens. Rigward l-interlingwa, hi tgħid li "minkejja li l-parteċipanti ġejjin min-nazzjonalitajiet differenti bħal Serbi, Russi, Taljani kif ukoll Bulgari fost oħrajn, kollha taw ħjiel li għaddejjin mill-istess proċess tal-lingwa intermedjarja għaliex kollha qed jakkwistaw it-tieni lingwa tagħhom" (p.103). Ma' dan Borg żiedet li xi kelmiet bħal zijua, feneka/fnieka u ħabibu li minkejja li grammatikalment huma ħżiena,

> qed jagħtu indikazzjoni li kemm it-tfal kif ukoll l-adulti għaddejjin mill-proċess ta' tagħlim u mexjin lejn il-lingwa fil-mira. Il-forma li nqdew biha hija korretta iżda applikawha man-nom żbaljat. Huwa għalhekk li risposti bħal dawn fit-teżi tiegħi ma

tqisux bħala ħżiena kompletament għax qed jagħtu indikazzjoni ta' akkwist u qrubija lejn il-lingwa fil-mira għall-istadju bikri li qegħdin fih l-istudenti (p. 104)

## It-Tielet Kapitlu

# 3 Il-Ġens Grammatikali

## 3.1 X'inhu l-ġens grammatikali?

Il-ġens grammatikali huwa kategorija grammatikali li jirreferi għal grupp ta' elementi rikonoxxuti fid-deskrizzjoni ta' lingwa partikolari (Lyons, 1975). Hija kategorija li tikklassifika n-nomi ta' lingwa taħt ġens jew ieħor. Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar perspettivi u studji differenti qed jagħtu importanza lil din il-kategorija. Filwaqt li f'ċerti lingwi din il-kategorija ma teżistix, f'lingwi oħra bħall-Malti, hija waħda mhux biss eżistenti imma ċentrali. Kull nom li jeżisti fil-Malti, kemm jekk huwa animat u anke jekk huwa inanimat, fuq xi kriterju jew ieħor jingħata l-ġens. Tant hija kategorija kumplessa u interessanti, fil-fatt Corbett (1991, p. 1) jirreferi għaliha bħala "the most puzzling of the grammatical categories", li interessat anke lil nies li mhumiex neċessarjament midħla tal-qasam lingwistiku (Matasović, 2004). Xi ħaġa li turi aktar il-kumplessità tal-ġens grammatikali, hija li ċerti lingwi jaħdmu b'sistema ta' tlieta bħall-Ġermaniż li fih il-maskil, il-femminil, u n-newtru, u oħrajn b'sistema ta' tnejn bħall-Malti li fih il-maskil u l-femminil. Għaldaqstant, iċ-ċans li studenti internazzjonali jistgħu jkunu familjari ma' sistema ta' tlieta jew li saħansitra qatt ma ltaqgħu ma' sistema bħal din, filwaqt li qed jitgħallmu lingwa li fiha sistema ta' żewġ kategoriji ta' ġens, huwa interessanti ħafna għal din id-dissertazzjoni.

It-tifsira ta' Hockett (1985, p. 231), "Genders are classes of nouns reflected in the behaviour of associated words", tiġbor fiha dak kollu li ħafna lingwisti ssuġġerew f'xogħolhom. Ħafna jqisu lil din il-kategorija bħala waħda li għandha nuqqas ta' sistemazzjoni meta mqabbla ma' kategoriji u kunċetti oħra lingwistiċi bħall-interlingwa. Ngħidu aħna, f'ċerti lingwi bħall-Franċiż u l-Ġermaniż huwa l-artiklu li juri l-ġens grammatikali ta' nom

partikolari, pereżempju ‘le chaise’ fejn l-artiklu ‘le’ qed jimmodifika n-nom bħala wieħed maskili. Fil-Malti iżda, l-artiklu ma juri ebda ġens imma hija l-parti tad-diskors ta’ wara bħall-aġġettiv li turih, pereżempju ‘is-siġġu kbir’, fejn l-aġġettiv ‘kbir’ qed jimmodifika n-nom bħala wieħed maskili. Fl-Ispanjol imbagħad, il-ġens ta’ nom jista’ jiġi identifikat kemm mill-artiklu kif ukoll mill-qbil grammatikali ma’ xi parti tad-diskors li ssegwi n-nom, pereżempju ‘el lapiz’ jew ‘un lapiz bueno’, fejn ‘el’, ‘un’, u ‘bueno’ qed juru l-ġens maskil (Hockett, 1958, p. 230). Ir-relazzjoni ta’ din il-kategorija la hija diretta fl-istess lingwa u wisq anqas bejn lingwa u oħra. Ciantar (2020, p. 9) tagħti l-eżempju tan-nom ‘dar’ f’lingwi differenti u tgħid, “Jekk nieħdu l-eżempju tal-kelma ‘dar’, fil-Malti tieħu ġens femminil, fir-Russu l-kelma li tirreferi għall-istess oġġett ‘дом’ (dom) tieħu ġens maskil, waqt li fil-Ġermaniż ‘haus’ tieħu l-ġens newtru”.

### 3.2 Il-ġens grammatikali u l-ġens naturali

Spunt importanti f’dan il-qasam hija d-differenza bejn il-ġens grammatikali u naturali. Minkejja li xi drabi l-ġens naturali, jiġifieri s-sess tas-suġġett animat, jista’ jaffettwa l-ġens grammatikali, u hawn min jaħseb li saħansitra huma tkomplija ta’ xulxin, dawn it-tnejn huma fenomeni differenti u separati minn xulxin. Farrugia (2018) jiddistingwi b’mod ċar bejn it-tnejn meta jgħid, “Grammatical gender is a linguistic property of words, while natural gender is a biological property of animate referents of words” (p. 4).

F’xi xogħlijiet, fosthom ta’ Farrugia (2003), issir referenza għall-użu ħażin tat-termini ‘mara’ u ‘raġel’, hekk kif minn żgħar, ħafna tfal jiġu esposti għal tagħlim li jaraw oġġett bħala mara jew raġel, pereżempju ‘važun’ → raġel u ‘sodda’ → mara. Minkejja li forsi dan il-metodu huwa wieħed li għandu jiġi evitat, wieħed ma jistax jinnega l-fatt li xi tip ta’ relazzjoni

teżisti bejn il-ġens grammatikali u l-ġens naturali. Naturalment, din ir-relazzjoni tissaħħaħ iktar meta n-nomi inkwistjoni huma animati.

Kif aċċennajna għalih fil-bidu, mhux kull lingwa li teżisti fiha l-kategorija tal-ġens grammatikali. Fil-fatt, Farrugia (2002) jgħid, "Il-ġens xi drabi jitqies ukoll bħala kategorija grammatikali differenti mill-kategoriji l-oħrajn jew bħala kategorija sekondarja minħabba li mhuwiex kategorija lingwistika universali" (p. 49). Għal ħafna huwa faxxinu kif din il-kategorija fil-lingwa Maltija hija daqstant importanti u ċentrali, iżda f'lingwi oħra hija non-eżistenti. Dan il-punt isemmih fil-bidu tax-xogħol tiegħu Corbett (1991, p. 1). Barra minn hekk, l-istess nom jista' jiġi attribwit ġens differenti f'lingwi differenti. In-nomi 'ċinema' fit-Taljan jieħu ġens maskil 'un cinema' filwaqt li fil-Malti jieħu ġens femminil 'ċinema kbira'.

Minkejja li ċerti lingwi m'għandhomx din il-kategorija, il-kelliema tagħhom xorta jirnexxielhom jikkomunikaw. Filwaqt li kelliema li fl-ewwel lingwa tagħhom għandhom din il-kategorija jkun faċli għalihom li jifhmu dan il-kunċett, kelliema li m'għandhomx din il-kategorija jafu jsibuha diffiċli biex jifhmu l-punt tagħha. Dan jista' jkun punt interessanti ħafna għal din id-dissertazzjoni jekk fiha jieħdu sehem parteċipanti li fil-lingwi li jafu huma l-ġens grammatikali ma jeżistix bħal ngħidu aħna l-kelliema Ingliżi. Grupp ta' kelliema oħrajn li jistgħu jsibuha diffiċli biex jaqbdu kaptu tat-tħaddim ta' din il-kategorija fil-Malti, huma kelliema bħall-Ġermaniżi li fil-lingwa tagħhom jaħdmu bis-sistema ta' tliet kategoriji ta' ġens. Bassetti u Nicoladis (2015) jgħidu li dawk il-kelliema li fil-lingwa tagħhom għandhom il-ġens grammatikali, għandhom tendenza li jħarsu lejn oġġetti, annimali, u kunċetti astratti bħala maskil jew femminil. Il-fatt li lingwa ma jkunx fiha ġens grammatikali, ma jfissirx li għandha xi ħaġa nieqsa jew hija inqas importanti minn oħrajn (Farrugia, 2003, p. 50).

### 3.3 L-assenjazzjoni tal-ġens

Uħud, fosthom Bloomfield (1933), jisħqu li l-attribuzzjoni tal-ġens hija waħda arbitrarja filwaqt li oħrajn raw xi fattur partikolari li huwa responsabbli għall-attribuzzjoni tal-ġens. Pereżempju Sapir u Whorf jemmnu fil-fenomenu soċjali u psikoloġiku (Kilarsi, 2007, p. 30).

Minkejja li xi drabi jidħlu fis-seħħ fatturi ekstralingwistiċi bħas-sess, forma, u daqs, Hockett (1958) jgħid li kważi dejjem l-attribuzzjoni tal-ġens hija arbitrarja. Hu jkompli jgħid li ħafna lingwi huma semantikament konsistenti għaliex dawk in-nomi b'riferiment għal entità femminili huma attribwiti l-ġens femminil u dawk b'riferiment għal entità maskili huma attribwiti l-ġens maskil, iżda l-ġens tal-bqija tan-nomi, ħafna drabi inanimati, jiġi attribwit b'mod arbitrarju. Fox (1990), Maratsos (1979), u Bloomfield (1933), ukoll jemmnu li l-ġens huwa attribwit b'mod arbitrarju.

Studjużi u riċerkaturi oħrajn jemmnu li kull nom huwa attribwit ġens grammatikali skont fatturi differenti – fatturi semantiċi, formali u sintattiċi. Jekk wieħed jassenja l-ġens skont it-tifsir, mela dak li jkun ikun qed jassenjah skont kriterji semantiċi. Jekk persuna tatribwixxi l-ġens skont il-ħoss jew il-forma (bħas-suffiss), mela tkun qed tassenjah skont kriterji formali. Min-naħa oħra, jekk individwu jħares lejn il-qbil ma' partijiet oħra tad-diskors fl-istess sentenza bħall-aġġettiv jew il-verb, mela jkun qed jassenjah skont kriterji sintattiċi. Corbett (1991) jagħti importanza kbira lill-ewwel sistema.

It-tieni sistema, jiġifieri dik formali, essenzjalment tinqasam f'żewġ aspetti – l-aspett morfoloġiku u l-aspett fonoloġiku. Għaldaqstant, f'din is-sistema l-ġens jingħata abbażi l-

forma tan-nom u mhux abbażi t-tifsir. Spiss dawn iż-żewġ aspetti jaħdmu f'sinkronija u hija diffiċli li wieħed jiddistingwi bejniethom minn dan l-aspett. Fil-fatt, ħafna drabi ssir referenza għalihom it-tnejn bħala l-aspett morfofonoloġiku. Minn studji li saru, jidher li l-kriterju formali huwa ħafna inqas użat mill-kriterju semantiku u meta jingħata ġens abbażi tal-forma, ħafna drabi s-semantika jkollha sehem ukoll (Corbett, 1991).

Farrugia (2003) jgħid li huma ħafna dawk l-istudjużi li jqisu l-kriterju sintattiku bħala wieħed ċentrali għall-għoti tal-ġens. Corbett (1991) jisħaq li billi nħarsu lejn in-nom biss, fil-maġġoranza tal-lingwi ma nistgħux niddeterminaw l-eżistenza tal-ġens. Ħafna drabi, din l-eżistenza toħroġ mill-qbil grammatikali ta' xi kostitwenti oħra tas-sentenza li l-ġens tagħhom huwa identifikat mill-ġens tan-nom imsejjaħ minn Corbett (1991) bħala 'nom kontrollatur'. Pereżempju, fis-sentenza "fejn għamilt**ha** l-qmis il-ġdid**a** li qlajt?", il-pronom mehmuż tal-verb 'għamiltha' u s-suffiss femminili tal-aġġettiv 'ġdida', qed juru li l-ġens tan-nom 'qmis' huwa femminili.

**3.4 Il-markaturi**

Mod kif wieħed jiddetermina l-ġens ta' nom, u li huwa wkoll mod komuni ta' kif l-istudenti internazzjonali jiġu mgħallma l-ġens grammatikali, huwa permezz tal-markaturi. Ħafna drabi n-nomi jkunu mmarkati għal xi ġens jew ieħor. "Farrugia (2018) jikkonferma li fil-Malti 93% tan-nomi jistgħu jiġu assenjati ġens abbażi tal-fattur morfofonoloġiku" (Ciantar, 2020, p. 18). Fil-każ tal-Malti, il-markatur tan-nom ikun fl-aħħar – jiġifieri l-ħoss li bih jispiċċa n-nom. Il-maġġoranza tan-nomi femminili huma mmarkati bl-ittra 'a', filwaqt li l-maġġoranza tan-nomi maskili huma mmarkati bil-ħoss 'u' u t-tarf konsonantali (Farrugia, 2018). Il-fatt li t-tarf '-a' jiddistingwi l-ġens femminil minn dak maskil, huwa komuni wkoll fl-Isqalli u t-Taljan.

Hemm ukoll suffissi oħra li jiddeterminaw nom bħala femminil, fosthom insibu s-suffissi – 'triċi', pereżempju 'attrċi' u '-essa', pereżempju 'prinċipessa'. Dan il-kunċett tal-markaturi jidher tajjeb ħafna f'kapitlu 6.

Kif diġà ġie stabbilit, din il-kategorija fiha nuqqas ta' sistemazzjoni. Minkejja li wieħed jaħseb li kull nom li jispiċċa bil-'a' huwa femminil u kull nom li jispiċċa bil-'u' jew konsonanti huwa maskil, jeżistu xi eċċezzjonijiet bħal 'papa' u 'soru' li huma meqjusa bħala nomi maskili u femminili rispettivament. F'nomi bħal dawn, jidħol l-aspett semantiku, jiġifieri t-tifsir tan-nom li jiddetermina l-ġens grammatikali. "It-tifsir jiddetermina l-għoti tal-ġens tal-kelma u dan Corbett (1991) jirreferi għalih bħala: "the core semantic override principle" – jiġifieri meta jkun hemm kunflitt bejn il-kriterji formali u dawk semantiċi, il-kriterji semantiċi jiddominaw lil dawk formali" (Ciantar, 2020, p. 19). Dawn it-tip ta' nomi li ma jimxux mal-forma tradizzjonali ġew inklużi f'din id-dissertazzjoni sabiex nittestja l-interlingwa tal-istudenti (irreferi għal taqsima 4.6.1).

### 3.5 X'riċerka saret dwar il-kategorija tal-ġens grammatikali fil-Malti?

Riċerkatur prolifiku Malti f'dan il-qasam huwa bla dubju George Farrugia li għamel bosta studji fuq din il-kategorija u kif ukoll mexxa diversi studji ta' nies oħra fosthom studenti universitarji li wkoll jitrattaw fuq dan il-qasam lingwistiku. Wieħed mill-aktar xogħlijiet importanti tiegħu huwa x-xogħol *Il-Ġens Grammatikali li Jieħdu fil-Malti n-Nomi ta' Nisel Ingliż* (2003), xogħol li jagħtina l-lok li ninvestigaw il-fatturi prinċipali li jiddeterminaw l-għoti tal-ġens lil kliem 'ġdid' li ta' kuljum qed jinfiltra l-lingwa Maltija. F'dan ix-xogħol, Farrugia jistudja l-għoti tal-ġens lil nomi li ġejjin mill-Ingliż, lingwa li ma fihiex il-kategorija tal-ġens grammatikali, minn parteċipanti varji. Fis-sitwazzjoni bilingwi li jinsab fiha pajjiżna llum, "il-

Malti u l-Ingliż ikollhom jgħixu flimkien bi rwoli differenti iżda kumplimentarji" (p. xvii). Minbarra li jagħmel din ir-riċerka xjentifika, Farrugia jagħti wkoll kont dettaljat tax-xogħlijiet ċentrali li saru, ta' teoriji u fehmiet diversi ta' studjużi differenti, u suġġetti varji li jintrabtu b'mod intrinsiku ma' din il-kategorija bħall-arbitrarjetà.

Ix-xogħol li għamel Farrugia (2003), serva ta' motivazzjoni biex isir l-istudju *L-Għoti tal-Ġens Grammatikali lil Nomi Missellfa mill-Ingliż minn Oqsma Semantiċi Differenti* (Ciantar, 2020). F'dan l-istudju bħala riċerkatriċi ddeċidejt li nittratta dan il-kunċett għaliex minbarra l-fatt li ftit li xejn sar xogħol fil-Malti f'dan il-qasam, apparti x-xogħlijiet ta' Farrugia u ftit xogħlijiet ta' studenti oħrajn, intrigani l-fatt li nomi ta' nisel Ingliż li qed jidħlu fil-Malti, minkejja li ġejjin minn lingwa li m'għandhiex din il-kategorija, il-kelliema b'xi mod jew ieħor xorta jirnexxielhom jatribwixxu l-ġens (irreferi għal Appendiċi 1 għal aktar dettalji u riżultati li ħarġu minn dan l-istudju).

**3.6 Riċerka fuq l-akkwist tal-ġens grammatikali fit-tagħlim ta' lingwa barranija**

Il-ġens grammatikali dejjem lagħab irwol prominenti fir-riċerka fuq l-akkwist u l-ipproċessar tat-tieni lingwa. Dan il-fatt mhuwiex wieħed sorprendenti minħabba li l-ġens grammatikali huwa fenomenu lingwistiku mxerred ħafna u jista' jiġi analizzat b'mod relattivament faċli b'numru ta' dikjarazzjonijiet jew regoli. Iżda fl-istess ħin, jidher li matul snin twal ta' riċerka, dan il-fenomenu wera sfidi grammatikali meta nsibuh proċessat f'lingwa li mhix nattiva għall-kelliem. Id-diffikultà persistenti f'dan il-fenomenu hija ħafna drabi osservata fi studji tat-tieni lingwa, għaliex skont xi studji li saru fuq l-ewwel lingwa, fosthom dak ta' Carroll (1989) u Pérez-Pereira (1991), din id-diffikultà hija osservata b'mod rari, għall-

inqas f'popolazzjonijiet li jkunu qed jiżviluppaw b’mod tipiku (Grüter, Lew-Williams & Fernald, 2012).

Numru ta’ studji li saru f’dan il-qasam ipprovaw jipparagunaw kelliema nattivi ma’ kelliema internazzjonali b’taħriġiet li bihom jimmanipulaw il-ġens grammatikali. Dawn kellhom riżultati varji u konklużjonijiet li mhumiex kompletament konverġenti. Iżda bil-ħafna differenzi bejn l-istudji f’termini ta’ karatteristiċi tal-istudenti bħall-profiċjenza u d-differenza fl-ewwel lingwa, u bil-varjetà ta’ metodoloġiji applikati, tista’ tgħid li hija kważi impossibbli li tikkumpara direttament ir-riżultati. Dan kollu jagħmilha diffiċli biex wieħed jiddetermina liema aspetti tal-użu tal-lingwa li jinvolvu l-ġens grammatikali, jekk hemm, jistgħu jkunu suxxettibbli għal differenzi persistenti bejn kelliema nattivi u dawk internazzjonali li huma profiċjenti ħafna. Biex nifhmu aħjar in-natura tal-kisba aħħarija fil-qasam tal-ġens grammatikali fl-akkwist tat-tieni lingwa, riċerka li tuża varjetà usa’ ta’ taħriġiet esperimentali li jinkludu kemm aspetti espressivi u riċettivi, u li tikkontrolla b’mod rigoruż il-karatteristiċi tal-istudent bħall-profiċjenza u l-isfond tal-ewwel lingwa, hija meħtieġa (Grüter, Lew-Williams & Fernald, 2012).

Il-maġġoranza tar-riċerka li saret f’dan il-qasam lingwistiku tal-ġens grammatikali kellha t-tendenza li tikkonċentra fuq it-tip ta’ sensittività esebita minn dawk li qed jitgħallmu t-tieni lingwa meta kkumparata ma’ kelliema nattivi jew kelliema oħra internazzjonali li għandhom lingwa differenti bħala l-ewwel lingwa, pereżempju x-xogħol ta’ Cain et al. (1987) u Hardison (1992). Tendenza oħra ta’ din it-tip ta’ riċerka hija li tanalizza l-iżbalji li jagħmlu l-istudenti li qed jitgħallmu lingwa barranija fl-għażla tal-ġens grammatikali fil-produzzjoni tat-taħdit u l-kitba tagħhom. Dan deher pereżempju fix-xogħol ta’ Tucker et al. (1969) u Luce

(1975). Studji oħra bħal dak ta' Magnan (1983) stħarrġu r-reazzjonijiet ta' kelliema nattivi għall-iżbalji li għamlu fil-ġens grammatikali studenti li qed jitgħallmu lingwa barranija (Oliphant, 1997).

Fi studju li sar minn Surridge u Lessard (1984), ġiet mistħarrġa s-sensittività lejn indikazzjonijiet ta' xi ġens f'tarf il-kelma ta' studenti universitarji Kanadiżi li ħafna minnhom kienu fir-raba' sena tat-tagħlim tal-lingwa Franċiża bħala lingwa barranija. L-istudenti ngħataw lista ta' sittin nom li kellhom ikunu familjari magħhom, imbagħad ġew mitluba biex jimmarkaw kull nom bħala maskili jew femminili. Ir-riċerkaturi sabu li l-istudenti internazzjonali, bħall-kelliema nattivi Franċiżi, huma sensittivi għall-indikazzjonijiet fonoloġiċi tal-ġens f'tarf il-kelma. L-istudenti marru l-aħjar f'dawk in-nomi li jużaw bl-iktar mod frekwenti.

Hardison (1992) ukoll għamlet studju simili iżda li fih xtaqet mhux biss tistħarreġ il-kompetenza ta' studenti li qed jitgħallmu l-Franċiż bħala lingwa barranija li jassenjaw il-ġens abbażi tat-tarf fonoloġiku tan-nom, iżda xtaqet ukoll tistħarreġ l-istrateġiji li gwidawhom biex jagħmlu dik l-għażla. Bħal Surridge u Lessard (1984) ukoll sabet li dawn l-istudenti kienu kapaċi jagħżlu l-ġens grammatikali abbażi tat-tarf tan-nom. L-istudenti rrapportaw li ħafna drabi bbażaw l-għażla tagħhom fuq il-ħoss u kif inhu spellut tarf il-kelma. Barra minn hekk, l-istudenti urew ukoll l-importanza tal-indikazzjonijiet sintattiċi meta rrapportaw li kemm-il darba pprovaw ipoġġu n-nomi li kienu familjari għalihom f'kuntest sabiex jassenjaw il-ġens. Skont Tucket et al. (1977), din l-istrateġija hija wkoll użata minn kelliema nattivi. Fl-istudju ta' Hardison (1992) ġie rrappurtat ukoll li l-istudenti internazzjonali, bħall-istudenti nattivi, użaw l-artiklu li nstema' l-aħjar u li l-iktar jagħmel sens (Oliphant, 1997). Simili għal dawn ir-

riżultati, meta Zekhnini & Hulstijn (1995) intervistaw studenti nattivi u studenti internazzjonali u tawhom nomi li m'għandhom ebda indikazzjoni fonoloġika ta' ġens, sabu li d-differenza fl-iżbalji bejn iż-żewġ gruppi kienet insinifikanti għaliex iż-żewġ gruppi sabu diffikultà biex jiftakkru l-ġens ta' dawn in-nomi.

Filwaqt li l-istudji msemmija hawn fuq iffokaw fuq is-sensittività ta' indikazzjonijiet fonoloġiċi biss, Stevens (1984) ħares lejn kif tfal li jitkellmu l-Ingliż bħala l-ewwel lingwa trattaw indikazzjonijiet fonoloġiċi, sintattiċi, u semantiċi għall-ġens permezz ta' tliet taħriġiet replikati minn Karmiloff-Smith (1979). Minn dan l-istudju ħareġ li t-tfal ta' kull età għamlu użu minn indikazzjonijiet fonoloġiċi ta' tarf il-kelma, filwaqt li tfal ikbar fl-età ħarsu wkoll lejn indikazzjonijiet semantiċi u sintattiċi wkoll (Oliphant, 1997). Kien għalhekk li f'xi taħriġiet li ġew ippreparati f'din id-dissertazzjoni ingħata l-kuntest sabiex naraw jekk jgħinx lill-istudenti.

Rogers (1987) ħarset lejn kif studenti universitarji Ingliżi jużaw il-ġens grammatikali fil-kitba tagħhom bil-Ġermaniż u sabet li l-istudenti, anke dawk avvanzati, sabu diffikultà konsiderevoli fl-assenjament tal-ġens. L-iżbalji li għamlu dehru li kienu influwenzati mill-kategroija grammatikali tal-każ, kategorija li fil-Malti ma teżistix.

Fi studju li sar minn Oliphant (1997), ġew mistħarrġa studenti li qed jitgħallmu t-Taljan bħala lingwa barranija, lingwa li għandha sistema ta' ġens simili ta' dik li għandna fil-Malti. Minn dan l-istudju ħareġ li f'kull taħriġ li ngħata l-parteċipanti taw tweġibiet korretti b'mod aktar frekwenti meta n-nomi kienu femminili, jaqbel ukoll ma' dak li sabet Borg (2018), u assenjaw il-ġens maskili inqas milli fil-verità kellhom jassenjawh. Din is-sejba hija differenti minn dak li nstab fi studji lingwistiċi li saru ma' kelliema nattivi fosthom Spender

(1980), Farrugia (2003), Ayoun (2007), u Ciantar (2020) fost oħrajn, fejn sabu li l-ġens maskili kien ħafna drabi meqjus bħala n-norma. Ir-riċerkatriċi sabet ukoll li meta l-istudenti ngħataw tliet indikazzjonijiet kumplimentari, semantiċi, sintattiċi, u morfofonoloġiċi, ma sabu ebda diffikultà biex jidentifikaw il-ġens korrett. Meta tneħħew l-indikazzjonijiet morfofonoloġiċi, ir-riżultati tbaxxew xi ftit, filwaqt li meta t-trufijiet morfofonoloġiċi kienu f'kunflitt ma' dawk semantiċi u sintattiċi, żdied il-livell ta' diffikultà. Oliphant tgħid iżda li l-iktar sitwazzjoni li ħolqot diffikultà kienet meta l-indikazzjoni semantika tkun f'kunflitt kemm ma' dik sintattika u dik morfofonoloġika.

Studju ieħor f'dan il-qasam huwa dak ta' Nicoladis, Wedstbury u Foursha-Stevenson (2021). L-għan ta' dan l-istudju kien li jittestjaw l-ipotesi li s-semantika ta' kelliema Ingliżi tinfluwenza l-ipproċessar tal-ġens grammatikali fil-Franċiż bħala lingwa barranija. F'dan l-istudju kull kelma ġiet ippreżentata taħt l-istampa li turi l-oġġett imsemmi u għal kull kelma, l-istudenti kellhom jagħżlu bejn l-artiklu femminil 'une' u l-artiklu maskili 'un'. Dan il-metodu huwa simili ħafna għal dak li nuża fl-istudju preżenti. Xi ħaġa oħra inkomuni mal-istudju li ser nagħmel jiena hija li dawn il-parteċipanti li ħadu sehem fl-istudju ta' dawn ir-riċerkaturi, kellhom ikollhom xi ftit ta' espożizzjoni, kriterju li ħadt ħsieb tiegħu meta rajt li l-istudenti kellhom jintgħażlu mil-livell sekondarju tad-disa', l-għaxar, u l-ħdax-il sena u li kellhom ikunu ilhom jitgħallmu l-MLB għal minn tal-inqas sentejn. Dan sar sabiex l-istudenti jpoġġu aktar ħsieb fil-mod kif jirrispondu u b'hekk jinġabru riżultati aktar kredibbli (ara kapitlu 4).

Il-proċess tal-akkwist tal-ġens grammatikali jinvolvi l-proċess ta' akkwist ta' kemm għarfien lessikali kif ukoll għarfien sintattiku. Fil-fatt Grüter, Lew-Williams & Fernald (2012) jgħidu "'Mastery' of grammatical gender involves both kinds of knowledge" (p. 4), iżda ma'

dan iżidu li wieħed jeħtieġ ukoll li jkollu l-abbiltà li b'mod konsistenti jaċċessa u juża l-għarfien tiegħu f'kuntesti varji fl-użu tal-lingwa. Dawn l-istudjużi jżidu li d-diffikultà li jsib student tat-tieni lingwa f'dan il-qasam lingwistiku f'kuntest speċifiku tal-użu tal-lingwa tista' tevolvi minn numru ta' sorsi differenti: i) diffikultà fil-livell ta' assenjament ta' ġens, jiġifieri għarfien lessikali; ii) diffikultà fil-livell ta' qbil sintattiku, jiġifieri l-għarfien sintattiku; iii) jew diffikultà biex jaċċessaw u/jew jużaw dan l-għarfien lessikali u/jew sintattiku fi ħdan ir-restrizzjonijiet imposti mill-kuntest speċifiku tal-użu fil-ħin reali.

L-irkupru u l-ipproċessar tal-indikazzjonijiet tal-ġens grammatikali f'ħin reali ġew investigati b'mod estensiv fi ħdan tradizzjoni ta' riċerka psikolingwistika. Kelliema nattivi ta' lingwa li fiha l-ġens, kemm tfal kif ukoll adulti, jagħmlu użu minn dawn l-indikazzjonijiet biex jiffaċilitaw l-ipproċessar u juru sensittività lejn ksur ta' qbil sintattiku tal-ġens. Dan instab f'numru ta' studji fosthom Bates et al. (1996), Dahan et al. (2000), u Grosjean et al. (1994). Ir-riċerka minn dan l-aspett ma' kelliema li mhumiex nattivi, hija inqas konklużiva u għalhekk l-importanza ta' studji bħal dan preżenti.

Studju ieħor li sar f'dan il-qasam huwa dak ta' Borg (2018), imsemmi f'kapitlu 2. Mill-istudju tagħha ħareġ li fl-eżerċizzji tal-ġens, l-istudenti ġabu ħafna aktar risposti tajbin milli ħżiena. Fil-proċess tal-ġbir tad-data, Borg (2018) innutat li minkejja li l-istudenti ġabu xi risposti ħżiena, uħud minnhom ma ġewx ikkunsidrati bħala ħżiena għaliex filwaqt li grammatikalment u ortografikament huma inkorretti, huma prova ċara li l-istudenti kienu għaddejjin mill-proċess tal-lingwa intermedjarja, proċess komuni għal dan l-istudju (diskuss f'aktar dettall f'kapitlu 6). Hi tagħti l-eżempju ta' 'zijua' bħala l-femminil ta' 'ziju' u 'feneka' jew 'fnieka bħala l-femminil ta' 'fenek'. Fuq dan hi tgħid li dawn ir-risposti qed juru li "l-

istudenti akkwistaw il-forma tal-femminil (li hi komuni) u qed jikkuppjawha eżatt fuq nomi li ma jiġux bl-istess mod" (p. 57). Hi żżid li minn dawn ir-risposti kien hemm iktar fl-eżerċizzju fejn kellhom jagħtu l-maskil milli f'dawk li kellhom jagħtu l-femminil. Dan probabbilment għaliex il-forma maskili għandha tendenza tvarja iktar minn dik femminili li ħafna drabi tinbena billi sempliċiment jiżdied is-suffiss '-a' fuq wara tan-nom (p. 58). Xi ħaġa oħra interessanti hija li l-istudenti adulti ġabu inqas risposti ta' din in-natura mit-tfal. F'dan l-istudju preżenti wieħed ser ikun jista' jħares b'mod aktar mill-qrib lejn l-interlingwa tal-istudenti adoloxxenti. Eżerċizzju partikolari li jidher li sabuh aktar faċli kien dak li fih kellhom jagħżlu l-pronom dimostrattiv 'dan' jew 'din' skont jekk in-nom kienx maskili jew femminili. Borg tgħid li "Dan jista' jindika li kapaċi jagħrfu nom hux maskili jew femminili, iżda meta mqiegħed f'sentenza u hemm iktar min-nom wieħed isibuha iktar diffiċli sabiex jindunaw l-aġġettiv liema nom qed jimmodifika" (2018, p. 84). F'dan l-istudju preżenti, wieħed ukoll se jkun jista' jagħmel din l-analiżi għaliex hawnhekk ukoll l-istudenti se jintalbu jagħżlu l-pronom dimostrattiv u anke jagħżlu l-ġens f'kuntest ta' sentenza.

Dawn l-istudji kollha juru li r-riċerka f'dan il-qasam għadha xi ftit inkonklużiva u għaldaqstant studji bħal dan preżenti huma importanti li jsiru biex dejjem tiċċara l-istampa f'dan il-qasam lingwistiku.

## Ir-Raba’ Kapitlu

# 4 Il-Metodoloġija

F'dan il-kapitlu nispjega b'mod dettaljat il-mod kif mexxejt din ir-riċerka, il-metodoloġija li użajt, u kif analizzajt u organizzajt l-informazzjoni li ġbart.

## 4.1 L-għan u l-mistoqsijiet ta' riċerka

L-għan ċentrali huwa li nistudja l-akkwist tal-ġens minn studenti internazzjonali li qed jitgħallmu l-MLB fil-livell sekondarju. Għażilt li nanalizza dan għaliex hija kategorija dinamika ħafna u tista' tkun interessanti ħafna mill-aspett pedagoġiku. Dan speċjalment minħabba li dawn l-istudenti internazzjonali jista' jkun li qatt ma ltaqgħu, la fil-lingwa nattiva tagħhom u lanqas f'lingwi oħrajn li jafu, ma' sistema bħal din jew simili.

Inħares lejn l-interlingwa tal-istudenti, u permezz tagħha, nanalizza kif student jipproċessa l-ġens u jħaddmu skont is-sistemi li huwa diġà familjari magħhom u dawk li qed jitgħallem biex attwalment dejjem joqrob iżjed lejn il-lingwa fil-mira.

Il-Malti oriġina minn lingwi differenti u għaldaqstant għandu kliem b'etimoloġija differenti. Wieħed jista' jistaqsi, hemm xi kliem ta' oriġini speċifika li l-istudenti jsibu eħfef li jabbinaw xi ġens miegħu iktar minn kliem ieħor? Jista' jkun li kliem li ġej mill-Ingliż, li probabbilment l-istudenti huma aktar familjari miegħu, mhux biss għax jinkludi kliem li għandu x'jaqsam ma' suġġetti aktar kontemporanji bħat-teknoloġija u l-moda, imma għaliex jista' jkun li ltaqgħu miegħu f'pajjiżi oħra li għixu fihom minħabba li l-Ingliż huwa wieħed mil-lingwi l-aktar użati madwar id-dinja, jagħtuh ġens b'mod aktar faċli? Jew isibuh itqal minħabba li l-lingwa Ingliża minnha nnifisha ma fihiex din is-sistema tal-ġens grammatikali?

Meta huwa possibbli, inħares lejn jekk meta l-lingwa nattiva ta' student hija waħda mil-lingwi li minnhom oriġina l-Malti, isibuhiex eħfef li jakkwistaw il-ġens grammatikali jew le.

Inħares ukoll lejn l-għajnuniet u d-diffikultajiet li l-istudenti u l-għalliema jiltaqgħu magħhom waqt it-tagħlim tal-ġens grammatikali fil-lezzjonijiet tal-MLB. Permezz ta' hekk, dan l-istudju jikkontribwixxi fix-xena pedagoġika billi jitfa' dawl fuq spunti u ħjieli li jistgħu jgħinu fit-tagħlim tal-MLB.

Din id-dissertazzjoni tiffoka fuq tliet mistoqsijiet ta' riċerka, waħda kwantitattiva li tinqasam fi tnejn, u tnejn kwalitattivi. L-ewwel mistoqsija hija 'X'inhi l-interlingwa tal-istudenti li ilhom minn tal-inqas jitgħallmu l-MLB għal sentejn, a. fir-rigward tal-ġens tan-nom?; b. Skont l-etimoloġija tan-nom (Semitiku, Rumanz jew Ingliż) b'relevanza tal-ewwel lingwa tal-istudent?'. It-tieni mistoqsija hija 'Liema diffikultajiet u għajnuniet isibu l-istudenti waqt li qed jitgħallmu l-MLB?', filwaqt li t-tielet waħda hija 'X'jaħsbu l-għalliema li huma d-diffikultajiet u l-għajnuniet fit-tagħlim tal-MLB?'.

Fit-taqsimiet li ġejjin, wieħed isib deskrizzjoni tal-mod kif sar dan l-istudju, u diskussjoni tad-deċiżjonijiet li ttieħdu u għaliex.

**4.2 Xi kunsiderazzjonijiet etiċi**

Qabel ma ngħata bidu għal din ir-riċerka, kien hemm bżonn li jsiru applikazzjonijiet għal ċerti permessi sabiex jiġi żgurat li l-miżuri etiċi proposti mill-Faculty Research Ethics Committee (FREC) jiġu mħarsa. Għaldaqstant, l-ewwel ħaġa li kellha ssir kien li l-pjan ta' riċerka tiegħi jiġi approvat minn dan il-Kumitat (Appendiċi 5). Barra dan il-kumitat, minħabba

li din ir-riċerka kellha ssir fi skejjel u l-parteċipanti kienu jinkludu studenti minuri, din ir-riċerka kellha tiġi approvata wkoll mill-MEYR Research Ethics Committee (Appendiċi 6).

Il-ġbir tad-data ma setax jibda qabel ma din ir-riċerka tiġi approvata mill-kapijiet tal-iskejjel ikkonċernati, mill-parteċipanti-għalliema, mill-ġenituri tal-istudenti li kellhom jieħdu sehem f'din ir-riċerka, u mill-parteċipanti-studenti nnifishom. Għaldaqstant, bdejt billi kkuntattjajt u ħadt il-permess meħtieġ mill-kapijiet tal-iskejjel. Spjegajtilhom x'kont ser inkun qed nistudja, x'kelli bżonn, u kif l-iskola se tkun involuta (Appendiċi 7). Imbagħad ħejjejt ittra ta' informazzjoni għal dawn kollha msemmija hawn fuq (Appendiċi 8), ittra ta' kunsens għall-għalliema (Appendiċi 9), u 'opt-out form' għall-ġenituri u għall-istudenti (Appendiċi 10). Dawn il-formoli ngħataw bl-Ingliż sabiex jiġi aċċertat li dan it-tagħrif tassew importanti jkun ċar u mifhum mingħajr problemi kbar, speċjalment għall-istudenti u l-ġenituri minħabba li huma persuni internazzjonali. Fl-ittra ta' informazzjoni fissirt x'tinkludi din ir-riċerka u x'inhu mistenni mill-parteċipanti. Tennejt li l-identità tagħhom ser tibqa' anonima u li jekk f'xi ħin iħossu l-bżonn li għandhom jieqfu, jistgħu jagħmlu dan mingħajr ma jagħtu ebda raġuni. Ġie spjegat li d-data kollha miġbura mill-parteċipanti kellha tinqered ladarba tintemm ir-riċerka. Fl-'opt-out form' ġie spjegat b'mod ċar li din il-formola kellha timtela biss jekk il-ġenituri/l-istudenti ma jaqblux li jieħdu sehem f'dan l-istudju. Jekk wieħed ma jirritornax din il-formola, ikun qed jaqbel li l-parteċipazzjoni hija waħda volontarja u li l-parteċipanti jagħtu l-permess lir-riċerkatriċi biex tagħmel l-osservazzjonijiet kollha meħtieġa.

### 4.3 L-għażla tal-iskejjel

Il-parteċipanti għal din id-dissertazzjoni ġew magħżula minn żewġ skejjel differenti. Minħabba li għal dan l-istudju kien hemm bżonn ammont sostanzjali ta' studenti

internazzjonali li qed jitgħallmu l-MLB, intgħażlu skejjel li għandhom numru sostanzjali ta' studenti internazzjonali. Wara li rriċerkajt it-tip ta' popolazzjoni li għandna f'pajjiżna u f'liema inħawi, u l-iskejjel li għandna skont il-'catchment areas', intgħażlu żewġ skejjel tal-istat. Huma żewġ skejjel tal-istess kulleġġ. Għaldaqstant, l-iskejjel intgħażlu permezz tal-kampjun imsejjaħ 'purposive sampling' minħabba li għażilt l-iskejjel skont it-tip ta' studenti li jattendu fihom. Ħadt ħsieb li dawn l-iskejjel jilqgħu fihom studenti ta' sess imħallat biex id-data tkun kemm jista' jkun rappreżentattiva.

**4.4 L-għażla tal-parteċipanti għall-mili tal-fuljett t'assessjar**

Iddeċidejt li għal din il-parti nagħmel użu minn fuljett t'assessjar (Ara taqsima 4.6.1 li titkellem fuq il-fuljett). Iddeċidejt li nagħżel studenti tad-disa' u l-għaxar sena sekondarja. Ġie mitlub mill-iskejjel biex ma jintgħażlux studenti tal-ħdax-il sena għaliex minkejja li m'għandhomx O-Level tal-MLB, kellhom impenji ta' suġġetti oħra marbuta mal-O-Levels. Kriterju importanti kien li dawn l-istudenti kellhom ikunu ilhom jitgħallmu l-Malti għal mill-inqas sentejn sabiex b'hekk ikunu kisbu ċertu prattika u sens tal-lingwa. B'hekk, ikunu jistgħu jitfgħu iktar ħsieb u jwieġbu b'mod aktar loġiku l-mistoqsijiet tal-fuljett. Il-ħsieb oriġinali kien li għal din il-parti kellu jkolli bejn 50 u 90 student/a.

Wara li kont ħadt il-permessi kollha u xi ftit tal-ġimgħat qabel l-iskejjel aċċettaw li jipparteċipaw, fl-10 t'Ottubru 2022 erġajt ikkuntattjajt l-iskejjel u għamilt appuntament mal-kap tal-iskola kif ukoll mal-kap tad-dipartiment tal-Malti sabiex inkunu nistgħu niddiskutu x'hemm bżonn għal dan l-istudju. Nhar it-13 t'Ottubru, fil-laqgħat li kelli maż-żewġ skejjel, ġie mitlub in-numru ta' studenti internazzjonali li qed jitgħallmu l-MLB u li ilhom jitgħallmuh mill-inqas sentejn. Wara ngħataw l-ittri ta' informazzjoni u l-'opt-out forms' li kellhom jiġu

mqassma mill-għalliema. Wara li għaddiet id-data stipulata, id-19 t'Ottubru 2022, li fiha l-istudenti kellhom jirritornaw l-'opt-out form' iffirmata mill-ġenituri f'każ li ma xtaqux lill-uliedhom jieħdu sehem f'din ir-riċerka, l-iskejjel ikkuntattjawni bil-klassijiet li nista' nuża għal dan l-istudju li fihom kien hemm studenti li jilħqu l-kriterji kollha ta' dan l-istudju. Parteċipanti b'kollox għall-parti tal-fuljett kelli 64.

### 4.5 L-għażla ta' parteċipanti għall-intervisti

Din id-darba l-parteċipanti ma kellhomx ikunu biss studenti imma wkoll għalliema li jgħallmu l-MLB. Dan għamiltu biex inkun nista' nifhem u nippreżenta aħjar l-istampa u r-realtà fl-iskejjel tagħna. Saru sitt intervisti ma' studenti u tnejn m'għalliema.

Dawn l-istudenti ntgħażlu permezz tal-għajnuna tal-kap tad-dipartiment mill-64 student li ħadu sehem fil-mili tal-fuljett ukoll. Dawn is-sitt studenti ntgħażlu abbażi tal-lingwa nattiva tagħhom. Il-kriterju hawnhekk kien li b'kollox, bejn iż-żewġ skejjel, niġbor student/a t'oriġini Għarbija, ieħor/oħra Taljan/a, u student/a ta' oriġini Ingliża. Dan għamiltu biex nintervista studenti li l-lingwa nattiva tagħhom hija waħda mil-lingwi li fuqhom ġie msejjes il-Malti. B'hekk inkun nista' nistaqsi ċertu mistoqsijiet u nifhem jekk il-lingwa tagħhom tgħinhomx jifhmu aħjar il-Malti. Għaldaqstant, hawnhekk intuża wkoll il-'purposive sampling'.

Min-naħa l-oħra, l-għalliema għall-intervisti ntgħażlu permezz tal-metodu 'stratified sampling'. Li għamilt huwa li l-ewwel, bil-għajnuna tal-kapijiet tad-dipartiment, ġbart lista tal-għalliema kollha li jgħallmu l-MLB f'dawn l-iskejjel, u qsamthom skont is-sess. Dan għamiltu għaliex minkejja li huwa numru relattivament żgħir, xorta xtaqt li dan il-kampjun

ikun kemm jista' jkun rappreżentattiv. Minn dawn iż-żewġ gruppi ta' sessi, imbagħad intgħażlu żewġ għalliema permezz tar-'random sampling'.

F'sessjoni bħal din, wieħed irid jikkunsidra r-relazzjoni professjonali bejn ir-riċerkatur u l-parteċipant, u importanti li r-riċerkatur jeżerċita r-rwol ta' semmiegħ attiv (Frances et al., 2009).

**4.6 L-għodda għall-ġbir tad-data**

Sabiex riċerkatur jiġbor id-data u biex l-istudju jkun wieħed validu u kredibbli, trid tintuża xi tip ta' għodda ta' riċerka bħal osservazzjonijiet, kwestjonarji, surveys, intervisti, listi eċċ.

Minħabba n-natura tal-mistoqsijiet ta' riċerka li ntużaw, kellhom jintgħażlu żewġ għodod ta' riċerka xierqa. Kien għalhekk li ġie deċiż li jsir użu minn fuljett t'assessjar għall-ewwel mistoqsija li bih nifhem l-interlingwa li biha jassenjaw il-ġens, kif ukoll minn intervisti għat-tieni u t-tielet mistoqsija ta' riċerka li permezz tagħhom il-parteċipanti jistgħu jagħtu ħjieli ta' diffikultajiet u għajnuniet li jiltaqgħu magħhom fil-MLB.

***4.6.1 Il-fuljett t'assessjar***

Il-fuljett (Appendiċi 2) huwa għodda sempliċi li tista' tgħin lir-riċerkatur jiġbor ammont sostanzjali ta' data. F'din id-dissertazzjoni, permezz tat-tqassim ta' numru ta' fuljetti lil numru ta' parteċipanti-studenti, stajt nifhem l-akkwist u l-assenjar tal-ġens. Dan kien possibbli permezz ta' numru ta' eżerċizzji grammatikali.

Qabel beda jinbena l-fuljett, saret xi riċerka minni rigward l-għażla tal-aħjar kliem li għandu jintuża. Minħabba li fil-Malti l-maġġoranza tan-nomi femminili jissawru permezz taż-żieda tal-vokali 'a' fit-tarf, filwaqt li n-nomi maskili ħafna drabi huma mmarkati bil-ħoss 'u' jew b'tarf konsonantali, ġew magħżula għadd ta' nomi b'dawn it-trufijiet. Iżda barra dawn in-nomi, ġew magħżula wkoll numru ta' nomi li juru eċċezzjoni, jiġifieri li minkejja li huma femminili jispiċċaw b'tarf konsonantali jew bil-'u', u viċe versa għal dawk maskili. Fosthom intgħażlu nomi bħal 'friġġ' (femminili) u 'ilma' (maskili). Biex inġabru dawn in-nomi, saret referenza għad-dizzjunarju ta' Aquilina (2014) kif ukoll intalbet għajnuna mill-pubbliku permezz ta' post fuq Facebook fuq paġna ddedikata għal-lingwa Maltija. Wara li saret din ir-riċerka, min-nomi kollha li nġabru ntgħażlu l-aħjar nomi li ammontaw għal 54 nom. Ġew imfittxija nomi li jistgħu jidħlu taħt sitt kategoriji differenti:

1. Nomi femminili Semitiċi – disa' nomi
2. Nomi femminili mhux Semitiċi – disa' nomi
3. Nomi maskili Semitiċi – għaxar nomi
4. Nomi maskili mhux Semitiċi – ħdax-il nom
5. Nomi femminili b'eċċezzjoni* – disa' nomi
6. Nomi maskili b'eċċezzjoni* – sitt nomi

*Il-kelma eċċezzjoni qed tirreferi għan-nomi li t-tarf tagħhom imur lil hinn min-norma tat-trufijiet femminili u maskili, i.e. li nomi femminili ma jispiċċawx bil-a u nomi maskili ma jispiċċawx bil-'u' jew bil-konsonanti.

In-nomi magħżula għal kull kategorija kienu:

Tabella 2: In-nomi magħżula għall-fuljett

| **Nomi femminili Semitiċi** | **Nomi femminili mhux Semitiċi*** | **Nomi maskili Semitiċi** | **Nomi maskili mhux Semitiċi*** | **Nomi femminili b'eċċezzjoni** | **Nomi maskili b'eċċezzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. Mejda | 1. Purtiera (R) | 1. Għasel | 1. Kuker (I) | 1. Friġġ (I) | 1. Ilma (S) |
| 2. Tieqa | 2. Sarvetta (R) | 2. Bieb | 2. Nannu (R) | 2. Art (R) | 2. Alla (S) |
| 3. Borma | 3. Kazzola (R) | 3. Ħajt | 3. Kuġin (R) | 3. Purċissjoni (R) | 3. Papà (R) |
| 4. Sikkina | 4. Kuċċarina (R) | 4. Ktieb | 4. Sufan (R) | 4. Għajn (S) | 4. Raba (S) |
| 5. Mgħarfa | 5. Furketta (R) | 5. Saqaf | 5. Ziju (R) | 5. Reliġjon (R) | 5. Mastrudaxxa (R) |
| 6. Żebbuġa | 6. Pjanta (R) | 6. Żiemel | 6. Rużarju (R) | 6. Arti (R) | 6. Pilota (R) |
| 7. Bieba | 7. Skutella (R) | 7. Kelb | 7. Printer (I) | 7. Hairband (I) | |
| 8. Tuffieħa | 8. Larinġa (R) | 8. Qattus | 8. Kompjuter (I) | 8. Xemx (S) | |
| 9. Ħelwa | 9. Soppa (R) | 9. Ġurdien | 9. Telefown (I) | 9. Stapler (I) | |
| | | 10. Żrinġ | 10. Maws (I) | | |
| | | | 11. Wajer (I) | | |

*In-nomi li qegħdin taħt garżella mhux speċifikata, bħal dik li turi n-nomi Semitiċi, huma mmarkati skont l-etimoloġija tagħhom permezz ta' ittra (S = Semitiku; R = Rumanz; I = Ingliż).

Ġie deċiż li dawn in-nomi jiġu ppreżentati fi stampi. Dan il-metodu minbarra li jista' jagħmel l-esperjenza tal-istudent iktar pjaċevoli u eħfef, tgħin ukoll lil dawk l-istudenti li jitgħallmu l-aktar bl-istil viżiv. Biex il-fuljett jiġi ppreżentat b'mod aktar sħiħ u organizzat għall-parteċipanti, minflok ġiet ippreżentata stampa li tirrappreżenta kull oġġett, ġew maħsuba erba' stampi b'tema partikolari li tiġbor flimkien għadd ta' nomi. B'kollox ġew imħejjija erba' stampi. L-ewwel waħda turi kċina, l-oħra turi kamra/salott, it-tielet waħda turi razzett, u l-aħħar waħda turi oġġetti ta' teknoloġija. Kull stampa kienet turi għadd ta' oġġetti u ma' kull oġġett, tpinġa ċirku u minnu ħarġet vleġġa li twassal għal kaxxa bl-isem tal-oġġett. L-ismijiet tal-oġġetti ngħataw għaliex xtaqt li l-istudenti jkunu ċerti għal liema oġġett qed

nirreferi u għaliex il-punt tal-fuljett (Appendiċi 2) mhuwiex li nkun naf jekk l-istudenti għandhomx ħakma tajba tal-vokabularju. In-nomi f'kull stampa nqasmu hekk:

Tabella 3:In-nomi magħżula miġburi f'taqsimiet

| **Kċina** | **Kamra/salott** | **Razzett** | **Teknoloġija** |
|---|---|---|---|
| 1. Mejda | 1. Bieb | 1. Żiemel | 1. Printer |
| 2. Tieqa | 2. Ħajt | 2. Kelb | 2. Kompjuter |
| 3. Borma | 3. Ktieb | 3. Qattus | 3. Telefown |
| 4. Sikkina | 4. Saqaf | 4. Ġurdien | 4. Maws |
| 5. Mgħarfa | 5. Nannu | 5. Żrinġ | 5. Wajer |
| 6. Żebbuġa | 6. Kuġin | 6. Xemx | 6. Stapler |
| 7. Bieba | 7. Sufan | 7. Raba | 7. Pilota |
| 8. Tuffieħa | 8. Ziju | 8. Mastrudaxxa | |
| 9. Ħelwa | 9. Rużarju | | |
| 10. Purtiera | 10. Art | | |
| 11. Sarvetta | 11. Għajn | | |
| 12. Kazzola | 12. Arti | | |
| 13. Kuċċarina | 13. Reliġjon | | |
| 14. Furketta | 14. Hairband | | |
| 15. Pjanta | 15. Purċissjoni | | |
| 16. Skutella | 16. Alla | | |
| 17. Larinġa | 17. Papa | | |
| 18. Soppa | | | |
| 19. Għasel | | | |
| 20. Kuker | | | |
| 21. Friġġ | | | |
| 22. Ilma | | | |

Il-fuljett ġie maqsum f'żewġ partijiet prinċipali. L-ewwel parti tal-fuljett kienet tirrikjedi li l-istudenti jimlew xi dettalji personali u jagħtu xi informazzjoni ġenerali. Permezz

tagħhom stajt niġbor informazzjoni fuq xi varjabbli soċjali li setgħu jaffettwaw it-tweġibiet tagħhom fil-bqija tal-fuljett u li setgħu jagħtu xi tip ta’ raġuni għal xi tweġibiet li jkunu taw. Ġew mistoqsija wkoll 4 mistoqsijiet magħluqa fuq il-perspettiva tagħhom fuq it-tagħlim tal-Malti.

1. L-isem u l-kunjom
2. L-isem tal-iskola
3. Il-klassi tal-Malti
4. Il-pajjiżi li għixt fihom
5. Il-lingwa/i li titkellem id-dar
6. Lingwi oħra li taf titkellem

1. Il-Malti qed issibu tqil? Iva / Le
2. Għaliex?
3. X’issib tqil fil-Malti?
4. X’issib ħafif fil-Malti?

It-tieni parti tal-fuljett kienet tinkludi l-erba’ stampi u eżerċizzji grammatikali abbinati ma’ kull waħda. Tul il-fuljett għamilt użu minn tliet tipi ta’ eżerċizzji. F’kull taqsima dejjem bdejt bl-eżerċizzju li fih riedu jagħżlu l-pronom dimostrattiv ma’ kull nom. Dan l-eżerċizzju għamilt ċert li nużah u li nużah fil-bidu għaliex skont ċertu studji, fosthom ta’ Borg (2018), l-istudenti jidhru li jmorru aħjar fih u jsibuh eħfef. Barra dan l-eżerċizzju użajt ukoll taħlita bejn żewġ eżerċizzji oħra. Wieħed minnhom kien jirrikjedi li man-nom jagħżlu l-aġġettiv li jaħsbu li

jmur l-aktar ma' dak in-nom. Għal dan l-eżerċizzju ngħataw numru ta' nomi nnumerati u ħdejn kull nom fil-parentesi ngħata aġġettiv fil-femminil u fil-maskil, pereżempju 'Larinġa (kbir / kbira)'. L-eżerċizzju l-ieħor kien f'forma ta' sentenzi. Kull sentenza kienet tinkludi nom u għażla bejn kategorija grammatikali oħra fil-parentesi. Id-differenza bejn dan l-eżerċizzju u ta' qablu hija li n-nomi fl-aħħar wieħed kienu f'kuntest. Għamilt ċert li s-sentenzi ma kinux twal iżżejjed u ħallejthom sempliċi kemm jista' jkun sabiex il-parteċipanti ma jitfixklux.

Ħadt ħsieb li kemm jista' jkun nagħmilhom fl-ordni eħfef-itqal. Fil-fatt, l-eżerċizzju f'kuntest, dejjem ħallejtu għall-aħħar minħabba li l-livell tiegħu naħseb li huwa l-itqal fost l-eżerċizzji użati minħabba li n-nom issa jinsab f'kuntest u ppreżentat ma' kostitwenti oħra tas-sentenza. B'kollox ġew pjanati disa' eżerċizzji.

Xi ħaġa oħra li ħadt ħsieb waqt it-tħejjija tal-fuljett huwa li nuża tipa Sans-Serif. Dan għamiltu biex il-fuljett jidher ċar għall-istudenti speċjalment għal dawk li huma aktar batuti. Fil-fatt skont Rinaldi (2019), "The clean lines and sharp edges are able to render out more clearly...which increases legibility for users".

L-għodda tal-fuljett hija ideali għal studju bħal dan għaliex l-istess mistoqsijiet u tip ta' data tiġi mqassma lill-parteċipanti kollha mingħajr ebda preġudizzju. Importanti li r-riċerkatur qabel iqassam il-fuljett jara li dak li huwa mistenni u l-kliem użat huwa ċar għall-parteċipanti (Polit & Beck, 2010).

Minħabba li n-natura tal-mistoqsijiet fil-fuljett hija waħda magħluqa, jiġifieri li fihom kien hemm biss il-bżonn li jagħżlu tweġiba prespeċifikata mir-riċerkatriċi, it-tweġibiet tal-

parteċipanti setgħu jiġu kkomparati u analizzati b'mod faċli. Barra minn hekk, dawn it-tip ta' mistoqsijiet jistgħu jiġu mwieġba f'ħin qasir, xi ħaġa ideali għall-ambjent tal-klassi.

Bħal kwalunkwe għodda, l-użu ta' fuljett fih il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu.

Vantaġġi:

1. Huwa mod irħis ta' kif tiġbor l-informazzjoni u jieħu ftit ħin biex jiġi amministrat.
2. L-identità tal-parteċipanti hija faċli li tinżamm anonima (Polit & Beck, 2010, p. 345).

Żvantaġġi:

1. Ma jinkludix il-ħsieb u l-emozzjoni tal-parteċipant.
2. Ċertu tweġibiet li jistgħu ikunu importanti jistgħu jiġu injorati (Polit & Beck, 2010, p. 345).

### *4.6.2 L-intervisti*

F'intervista, d-data mhix imkejla f'termini ta' frekwenza jew kwantità, imma huma mfittxija fehim u proċessi fil-fond. L-intervista hija waħda mill-għodod kwalitattivi l-aktar użati, speċjalment intervisti li jsiru bejn ir-riċerkatur u parteċipant wieħed jew waħda. Ġeneralment jintużaw bħala strateġija biex jiġbru informazzjoni fuq l-esperjenzi tal-parteċipanti u dak li jaħsbu (Frances et al., 2009).

F'din id-dissertazzjoni, se jsiru intervisti ma' żewġ tipi ta' parteċipanti, studenti u għalliema (ara taqsima 4.5 rigward l-għażla tal-parteċipanti). Fit-tħejjija tal-intervisti ntużaw mistoqsijiet miftuħa (Appendiċi 4). Użajt din l-għodda għax interessata li nħares lejn il-perċezzjonijiet tal-parteċipanti u mhux li nidentifika u nanalizza d-data b'mod oġġettiv biss.

Fl-intervista li se ssir mal-parteċipanti-studenti se jiġu mistoqsija mistoqsijiet relatati ma' kif huma qed jitgħallmu l-MLB , u x'qed isibu tqil u ħafif fil-Malti. Il-mistoqsijiet li ġew mistoqsija l-istudenti saru bl-Ingliż biex nagħmel ċert li l-informazzjoni li qed jagħtuni hija preċiża u għax l-iskop ma kienx li nanalizza l-użu tal-lingwa f'din il-parti.

Meta jiġu użati intervisti, minħabba n-natura tal-mistoqsijiet, wieħed għandu joqgħod attent li jieħu ħsieb l-istat mentali tal-parteċipant u li ma jkun hemm ebda preġudizzju (Polit & Beck, 2010).

**4.7 Il-metodu tal-analiżi**

Meta studju huwa analizzat minn perspettivi differenti u jittieħdu approċċi varji, tingħata opportunità għal analiżi iktar dettaljata u rikka. Skont Neuman (2014), "A study that combines both, tends to be richer and more comprehensive" (p. 167). Dan il-metodu jista' jilħaq u jgħin aktar nies u riċerkaturi li huma interessati f'dan il-qasam ta' riċerka. Wieħed irid jifhem l-importanza tal-valur tal-kombinazzjoni ta' żewġ metodoloġiji distinti permezz tal-fuljett u l-intervisti.

Il-fuljett għinni nħares b'mod oġġettiv lejn l-użu u l-għażla tal-ġens mill-istudenti tal-MLB. Bih ġbart data numerika li biha stajt nittestja relazzjonijiet każwali, nagħmel xi tbassir, u niġġeneralizza r-riżultati fuq skala usa'. Min-naħa l-oħra, l-intervisti għinuni nifhem perspettivi differenti ta' parteċipanti differenti.

Din it-taħlita ta' kwalitajiet tista' tirrendi studju bħala wieħed li joffri għarfien aktar ħolistiku neċessarju għat-teorija u l-prattika. Meta riċerkatur juża din it-tip ta' metodoloġija, għandu l-vantaġġ li juża n-numri biex iżid il-preċiżjoni mal-kliem. Fi kliem ieħor, dan il-

metodu jinkorpora l-kunċett ta’ komplementarjetà. Fil-każ li riċerkatur joħroġ b’konklużjoni taħt dan il-metodu ta' riċerka, ir-riċerkatur ikun f'pożizzjoni aħjar biex jipprovdi evidenza aktar b'saħħitha fil-konklużjoni permezz tal-konverġenza u tal-kollaborazzjoni ta' sejbiet li joffri dan il-metodu.

Sfortunatament, dan il-metodu ta' riċerka għandu wkoll ftit nuqqasijiet. L-ewwel nett, l-applikazzjoni tista’ tkun diffiċli biex tiġi mmaniġġjata minn riċerkatur wieħed. Fil-każ ta’ dan l-istudju, biex nagħmel ċert li l-għan tiegħi jkun jista’ jintlaħaq mingħajr diffikultà kbira minn riċerkatur wieħed, ħarist biss lejn tliet mistoqsijiet ta’ riċerka, u żammejt ukoll in-numru ta’ parteċipanti maniġġjabbli. Fuq dan, Galdes (2016) jgħid, “Għalkemm studju b’iktar minn metodu wieħed isir iktar kumpless u jieħu iktar ħin, madanakollu jagħti stampa iktar ċara u l-istudju jsir iktar affidabbli u validu” (p. 33). Barra minn hekk, ir-riċerkatur irid jitgħallem dwar metodi u approċċi multipli u jifhem kif iħallathom b'mod xieraq. Ħejjejt ruħi sew għal dan billi għamilt ammont ta’ qari sostanzjali, kif ukoll attendejt għal kors li ħarriġni fuq din it-tip ta’ metodoloġija. Dan il-metodu jieħu ħafna aktar ħin minn kwalunkwe metodu ieħor ta' riċerka minħabba l-kontenut ta’ dupliċità tiegħu. Kien għalhekk li bdejt naħdem fuq dan l-istudju mill-aktar fis possibbli sabiex nuża l-ħin kollu meħtieġ għas-suċċess ta’ dan l-istudju.

**4.8 Il-ġbir tad-data**

Wara l-laqgħa li saret mal-kapijiet tal-iskola u mal-kapijiet tad-dipartiment taż-żewġ skejjel, rajna l-ġurnata li fiha l-klassijiet setgħu jieħdu sehem f’dan l-istudju biex fiha stajt immur u nwettaq l-istudju. Ġie deċiż li nżur l-ewwel skola fl-20 t’Ottubru 2022, u t-tieni skola l-għada 21 t’Ottubru 2022.

Wara li dħalt fil-klassi, spjegajt x'ser ikun qed jiġri, qassamt l-opt-out forms, u rajt li kulħadd kien komdu jipparteċipa, qassamt il-fuljett u spjegajt x'għandu jsir. L-istudenti ntalbu jaħdmu waħedhom u jirrikorru għar-riċerkatriċi fl-eventwalità ta' xi mistoqsija. Kull sessjoni ħadet bejn għoxrin minuta u nofs siegħa. Fis-sessjonijiet kollha fil-klassi kien hemm preżenti jiena, l-għalliema tal-klassi, u l-istudenti. L-istudenti ġew imfakkra li l-parteċipazzjoni tagħhom hija volontarja u li jistgħu jieqfu x'ħin iridu jekk iħossu l-bżonn.

Fl-istess ġranet għamilt ukoll l-intervisti mat-tliet studenti f'kull skola. Saret sessjoni separata f'ambjent kwiet għal kull student biex iħossuhom komdi jirrispondi b'mod onest. Għal darboħra, fakkart li jistgħu jieqfu x'ħin iridu. Qabel bdejna bil-mistoqsijiet, qassamt il-formoli ta' etika u spjegajt x'kien ser jiġri. Infurmajt lill-istudenti li jistgħu jwieġbu bil-Malti jew bl-Ingliż. Kull sessjoni ħadet bejn wieħed u ieħor għaxar minuti jew kwarta.

Għall-intervisti tal-għalliema ħadt l-istess approċċ imma minflok opt-out form provdejtilhom ittra ta' kunsens. Ladarba l-għalliema qablu, sibna post għall-kwiet u li fih iħossuhom komdi biex propju ssir l-intervista.

Kemm fl-intervisti tal-istudenti kif ukoll fl-intervisti tal-għalliema, il-proċess kien jinkludi li r-riċerkatriċi tistaqsi l-mistoqsija u tikteb ir-risposta tal-parteċipanti skont dak li jgħidu. Il-parteċipanti ma ġewx irrekordjati. Dan għamiltu minħabba li ħdimt ma' minorenni għal fini ta' etika u sigurtà. Il-mistoqsijiet li ġew mistoqsija kienu ta' natura miftuħa sabiex nikseb kemm jista' jkun informazzjoni mill-parteċipanti. Weller et al. (2018) jgħidu li mistoqsijiet miftuħa jesploraw suġġett fil-fond, jifhmu proċessi, u jidentifikaw kawżi

potenzjali ta' korrelazzjonijiet osservati. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jipproduċu listi, tweġibiet qosra, jew spjegazzjonijiet twal.

Skont Opdenakker (2006), l-intervisti li jsiru wiċċ imb wiċċ fihom numru ta' vantaġġi u żvantaġġi abbinati magħhom.

Vantaġġi:

1. Dawn l-intervisti jistgħu juru indikazzjonijiet soċjali, bħall-vuċi, l-intonazzjoni, il-lingwaġġ tal-ġisem eċċ, li metodi oħra diffiċili juru. Dawn jagħtu informazzjoni addizzjonali lir-riċerkatur li tista' tiżdied mar-risposta verbali.

2. F'intervisti bħal dawn, ma jkunx hemm dewmien fil-ħin bejn il-mistoqsija u r-risposta. L-intervistatur u l-intervistat jistgħu jirreaġixxu għal dak li wieħed jgħid jew jagħmel.

Żvantaġġi:

1. Minħabba li fl-intervisti r-risposti tal-intervistat huma aktar spontanji, l-intervistatur irid joqgħod ħafna aktar ikkonċentrat għall-mistoqsijiet li jiġu mistoqsija u r-risposti li jiġu mogħtija.

2. L-intervisti jistgħu jieħdu ħafna ħin.

### 4.9 L-analiżi tad-data

Ladarba nġabret id-data kollha mill-kwestjonarji u l-intervisti, kien imiss li nanalizzaha. Minħabba ż-żewġ tipi ta' għodod ta' ġbir ta' data li kelli, kelli nadotta żewġ sistemi ta' analiżi differenti.

Għall-analiżi tal-fuljetti użajt is-sistema statistika tal-SPSS. Permezz tas-sistema, stajt nanalizza b'mod xjentifiku dak li ġbart mill-istudju. Dan kien possibbli permezz ta' tabelli differenti li għinuni nifhem u nippreżenta r-riżultati b'mod sħiħ.

Wara li daħħalt ir-risposti tal-istudenti mill-SPSS, minnha ħriġt tabella ta' frekwenza (frequency table) għal kull nom (Appendiċi 11). Fiha hemm indikat kemm-il parteċipant wieġeb, u liema risposta għażel għal kull nom. Dan nippreżentah f'numri kif ukoll f'persentaġġi fi grafiċi u tabelli differenti fil-kapitli li jsegwu. L-SPSS kien ta' għinuna partikolari f'istanzi li fihom mhux kulħadd wieġeb il-mistoqsijiet kollha, iżda xorta waħda stajt noħroġ il-persentaġġi meħtieġa minn 100%. Dawn il- każijiet nippreżentahom billi nimmarka bl-aħmar l-aħħar kolonna tat-tabella (Appendiċi 15).

Min-naħa l-oħra, meta ġejt biex nanalizza l-intervisti, iddeċidejt li naħdem bl-analiżi tematika. Poġġejt ir-risposti tal-intervisti ħdejn xulxin u analizzajt dak li qaluli billi ġbart ir-risposti f'kategoriji manwalment. Għaqqadt ir-risposti meta kienu komuni, filwaqt li żammejt risposti differenti jew risposti simili b'aktar informazzjoni/eżempji separati. B'dan il-mod stajt ngħaqqad flimkien risposti jew nagħmel notament skont kif neħtieġ. Irreferi għal Appendiċi 12 għal aktar dettal fuq il-mod tal-analiżi.

## 4.10 L-affidabbiltà u l-validità

Il-kwalità tar-riċerka tista' tiġi evelawata permezz tal-affidabbiltà u l-validità. Filwaqt li l-kunċett ta' validità jqis l-eżattezza, il-kunċett ta' affidabbiltà jqis il-kosistenza tax-xogħol. Għaldaqstant, biex nagħmel ċert li l-kontenut ta' din id-dissertazzjoni jkun preċiż u mħejji b'mod konsistenti, ħadt ħsieb dawn il-punti.

Il-validità ġiet aċċertata billi:

1. Ir-riċerkatriċi għamlet ċert li dejjem tagħti deskrizzjoni qasira ta' dak li se jkun qed jiġri, b'hekk inżammet dejjem l-istess attitudni tul is-sessjonijiet kollha.

2. Sorsi differenti kkontribwixxew għall-ġbir ta' kliem inkluż il-poplu fis-soċjetà.

3. Intuża l-programm tal-SPSS li fih ġew irreġistrati r-risposti kollha miġbura. Permezz ta' dan il-programm statistiku, ir-riċerkatriċi setgħet tiddetermina jekk ir-riżultati miġbura humiex ġeneralizzabbli jew le.

Min-naħa l-oħra, l-affidabbiltà ġiet aċċertata billi:

1. Ma kien hemm ebda ħin stipulat li fih l-istudenti kienu marbuta li jirrispondu l-kwestjonarji jew il-mistoqsijiet tal-intervista. Għaldaqstant, kull student seta' jimxi bil-pass preferut.

2. Intuża metodu ta' riċerka mħallat biex jiġi riċerkat il-fenomenu tal-akkwist tal-ġens grammatikali minn studenti tal-MLB b'mod aktar dettaljat u preċiż.

Fil-kapitlu li jmiss nippreżenta l-analiżi tal-intervisti.

## Il-Ħames Kapitlu

# 5 L-Analiżi tal-Intervisti

F'dan il-kapitlu tiġi analizzata d-data li nġabret mill-intervisti li saru mal-għalliema u l-istudenti. Għaldaqstant, tiġi trattata u pprezentata d-data miġbura skont kif wieġbu ż-żewġ għalliema u s-sitt studenti fl-intervisti. Ser nanalizza t-tipi differenti ta' tweġibiet li ngħataw, li bihom ser inkun nista' nifhem kif isir l-akkwist tal-ġens, x'inhuma d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom, u dak li jsibu relattivament ħafif. Ir-risposti tagħhom jistgħu jgħinuna biex bħala riċerkaturi u edukaturi, nkunu nistgħu ntejbu l-esperjenza tat-tagħlim.

### 5.1 L-intervisti mal-għalliema

Fl-intervisti, l-għalliema rrispondew għal għaxar mistoqsijiet miftuħa (Appendiċi 4). F'din is-sezzjoni nirreferi għall-għalliema tas-sess femminil bħala GħF u għall-għalliem ta' sess maskili bħala GħM. GħF ilha tgħallem il-MLB għal dawn l-aħħar tliet snin, filwaqt li GħM ilu jgħallmu għal dawn l-aħħar sitt snin.

Meta ġew mistoqsija fuq l-ikbar differenza li jaraw bejn il-MLB u l-Malti bħala L1, iż-żewġ għalliema semmew li jinnutaw li ħafna studenti internazzjonali juru nuqqas ta' interess fit-tagħlim tal-lingwa. GħM żied li ħafna minnhom jattendu għal-lezzjoni għax bilfors. Ikkummenta li ħafna mill-istudenti jisħqu li hekk kif jagħlqu t-tmintax-il sena, jitilqu minn Malta u għalhekk il-Malti ma jarawhx bħala neċessità. Jista' jkun li dan in-nuqqas ta' interess jidher għaliex sa issa ma kienx hemm eżami taċ-ĊES li jistgħu jpoġġu għalih fl-aħħar tas-sekondarja.

Iż-żewġ għalliema qablu wkoll fir-risposti tagħhom meta rrispondew it-tielet mistoqsija. Huma qablu li ma ħassewx li kienu ppreparati biżżejjed biex jibdew jgħallmu l-MLB. GħF qalet li ħasset li kien hemm nuqqas ta' preparazzjoni għaliex meta kienet qed tistudja sabiex tilħaq għalliema, qatt ma ngħatat klassijiet tal-MLB x'tgħallem u allura sabet dan is-suġġett bħala wieħed ġdid għaliha u li ma kinitx ippreparata għalih. GħM qal li meta ġew mitluba jgħallmu l-MLB, fl-ewwel sena ftiehmu bħala għalliema tal-iskola kif għandhom jimxu għaliex kollha ħassewhom imfixkla minn fejn għandhom jibdew. Hu stqarr li bħala għalliema ħassew li kien ta' nuqqas li ma ngħatawx taħriġ speċifiku jew li ma ġewx mogħtija xi tip ta' programm li setgħu jimxu miegħu.

Tul is-snin l-għalliema flimkien ħejjew pakketti ta' riżorsi biex jintużaw waqt il-lezzjonijiet tal-MLB. Meta staqsejt liż-żewġ għalliema kif sabu dawn ir-riżorsi, filwaqt li t-tnejn qablu li sabuhom t'għajnuna, GħM stqarr li minkejja li l-maġġornaza tax-xogħol kien tajjeb, minħabba li l-għalliema ħadmu dawn ir-riżorsi skont l-istudenti li kellhom fil-klassijiet tagħhom, meta xi xogħol ġie bbażat fuq studenti li għandhom livell tajjeb, meta mbagħad dan ġie użat ma' studenti aktar batuti, batew. Madanakollu, iż-żewġ għalliema faħħru dan ix-xogħol u tennew kemm hija importanti l-kollaborazzjoni bejn l-għalliema.

Wieħed mill-għanijiet ta' dawn l-intervisti kien li nifhem x'inhuma d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-għalliema meta jkunu qed jgħallmu l-MLB. Iż-żewġ għalliema semmew li l-aktar ħaġa li jsibu bi tqila hija l-komunikazzjoni/taħdit bil-Malti mal-istudenti internazzjonali. It-tnejn semmew il-fatt li minħabba li ċertu studenti jkollhom ħakma batuta tal-Malti u tal-Ingliż, u minħabba li l-għalliema ma jkunux jafu l-lingwa nattiva tal-istudenti, il-komunikazzjoni tbati ħafna u xi drabi l-messaġġ ma jasalx. GħF tenniet li xi drabi tħoss li t-

temi tas-sillabu tal-MLB huma kemxejn tqal għal ċertu studenti u jbatu biex jifhmu ċertu kliem ġdid abbinat ma' dik it-tema.

Lill-għalliema staqsejthom liema lingwa l-aktar li jużaw biex iwasslu l-lezzjoni fil-klassi tal-MLB. Iż-żewġ għalliema kkonfermaw li minkejja li l-lezzjoni jippruvaw kemm jista' jkun jagħmluha bil-Malti, ħafna drabi jkollhom jittraduċu l-ispjegazzjoni jew il-kliem il-ġdid bl-Ingliż. Fil-fatt, peress li antiċipajt din it-tweġiba, il-mistoqsija li segwiet lil din kienet biex nifhem jekk l-għalliema jsibuhiex bi tqila jew stramba li qed iwasslu l-Malti permezz tal-Ingliż. Filwaqt li GħM stqarr li ma jsib ebda problema li juża l-Ingliż, GħF ikkonfermat li mhux dejjem tħossha komda tuża l-Ingliż minħabba li ilha ma tistudjah u xi kultant issibha bi tqila biex tagħżel liema huwa l-aħjar kliem biex tispjega bl-aħjar mod.

Fl-intervista ma xtaqtx niskopri biss x'diffikultà jsibu l-għalliema biex jgħallmu, imma wkoll dak li jsibu diffikultà fih l-istudenti mill-perspettiva tal-għalliema. Iż-żewġ għalliema intervistati semmew li l-istudenti għandhom tendenza li jsibu l-verb u l-konjugazzjoni tal-verb bħala suġġett diffiċli. Huma żiedu li ħafna drabi meta jitkellmu jużaw it-temp il-ħażin, riżultat li titkellem fuqu wkoll Camilleri Grima (2015). GħM żied li l-istudenti jbatu wkoll fl-assennjar tal-ġens. Hu jgħid li l-istudenti jdumu biex jifhmuh għaliex minħabba li għandna nomi irregolari, ma jistgħux iżommu ma' mudell wieħed u jimxu miegħu. Hu jinnota wkoll li l-istudenti jbatu meta jsiru lezzjonijiet marbuta mal-Istorja ta' Malta. Pereżempju, meta pprova jagħmel lezzjoni marbuta mal-Imnarja, l-istudenti qatt ma kienu semgħu biha u kellu jiddedika l-lezzjoni jispjega fid-dettall x'inhi l-Imnarja. Hu jaħseb li minbarra n-nuqqas ta' interess u informazzjoni li għandhom fuq l-Istorja ta' Malta, hemm ukoll l-element tar-

reliġjon. Pereżempju, uħud ma jkunux jistgħu jifhmu għaliex kull raħal jiċċelebra l-festa tal-patrun tiegħu.

Xtaqt niskopri wkoll kif kunċetti lingwistiċi li l-istudenti qatt ma jkunu ltaqgħu magħhom jiġu mgħallma. Filwaqt l-GħM jemmen li qatt ma kellu studenti li wrew diffikultà bħal din, GħF saħqet li meta ġieli sabet ruħha f'sitwazzjoni bħal din, tagħtihom ċertu ħjieli ta' kif jaħdem dak il-kunċett jew kategorija grammatikali u tispjegalhom ukoll kif jaħdmu l-eċċezzjonijiet jekk ikun hemm. Hi tgħid li minkejja li jdumu ftit ma jifhmu l-kunċett minħabba li jkun ġdid għalkollox u għalhekk ma jkunux jistgħu jqabbluh ma' xi ħaġa simili fil-lingwa nattiva tagħhom biex jibnu interlingwa, wara l-ispjegazzjoni tal-għalliema u wara li jaħdmu xi eżempji, ikunu kapaċi jifhmuh.

Staqsejthom liema huwa l-aħjar mod li jsibu l-istudenti biex jitgħallmu l-ġens fil-klassi waqt l-MLB. Iż-żewġ għalliema spjegaw li l-aħjar mod li jsibu kif jgħallmu l-ġens, huwa li jispjegaw lill-istudenti li l-maġġoranza tan-nomi li jispiċċaw bl-'a', għajr għal xi eċċezzjonijiet bħal 'Papa' u 'ilma', huma nomi femminili, filwaqt li nomi oħrajn li jispiċċaw b'xi tarf ieħor, huma ħafna drabi maskili, għajr għal xi eċċezzjonijiet oħra bħal 'soru' u 'reliġjon'. Għaldaqstant, wieħed jista' jikkonkludi li l-ispjegazzjoni tal-għalliema hija bbażata fuq il-forma/il-morfoloġija tan-nom. Min-naħa l-oħra, meta jiġu biex jispjegaw l-eċċezzjonijiet, jistrieħu aktar fuq is-semantika tan-nom. Tajjeb li wieħed isemmi l-fatt allura li s-sistema morfofonoloġika mhix dejjem meqjusa bħala sistema għaliha waħedha, għaliex f'xi każi naraw ir-rabta bejn il-kriterju formali u semantiku li jikkontribwixxu f'din is-sistema lingwistika. GħM żied jirrispondi għal din it-tweġiba u qal li l-istudenti jdumu biex jifhmu li fil-Malti nassenjaw ġens lil nomi inanimati wkoll, bħal pereżempju 'mejda' u 'siġġu'. Fil-fatt,

ħafna darbi jgħidulu "that's an it". Min-naħa l-oħra ma jsibux wisq diffikultà biex jassenjaw il-ġens lil persuni u annimali.

L-aħħar mistoqsija tal-intervista kienet relatata mar-riżorsi li jippreferu jużaw meta jiġu biex jgħallmu l-ġens grammatikali. Hawnhekk l-għalliema rrispondew li jippreferu jużaw stampi u filmati li juru lin-nom li jkunu qed jitkellmu fuqu biex ifiehmu lill-istudenti n-nom x'inhu u l-ġens li nassenjaw miegħu. L-użu tal-istampi u l-filmati fil-klassi jista' jħalli impatt kbir, metodi li ilhom jintużaw għal ħafna snin.

Għaldaqstant, minn dawn il-ħdax-il mistoqsija, wieħed jista' jikkonkludi li l-għalliema qablu fuq ħafna affarijiet, u allura jidher li s-sitwazzjoni tal-MLB hija simili fi skejjel differenti.

### 5.2 L-intervisti mal-istudenti

Fl-intervisti, l-istudenti rrispondew għal għaxar mistoqsijiet miftuħa (Appendiċi 4). F'din is-sezzjoni nanalizza t-tweġibiet li ġbart miż-żewġ studenti Għarab (nirreferi għalihom bħala Għ1 u Għ2), miż-żewġ studenti Taljani (nirreferi għalihom bħala T1 u T2), u miż-żewġ studenti Ingliżi (nirreferi għalihom bħala I1 u I2).

Għall-ewwel u t-tieni mistoqsija, jiġifieri dawk li fihom l-istudenti ġew mistoqsija mil-liema pajjiż oriġinaw u liema hija l-lingwa nattiva tagħhom rispettivament, l-istudenti rrispondew hekk:

Għ1 u Għ2: Mil-Libja – l-Għarbi.

T1 u T2: Mill-Italja – it-Taljan.

I1 u I2: Mill-Ingilterra – l-Ingliż.

It-tielet mistoqsija, jiġifieri 'Is this the first country you moved to?', staqsejtha sabiex nifhem jekk il-Malti hix l-ewwel lingwa li qed jitgħallmu waqt li qed jgħixu ġol-pajjiż tal-lingwa, u sabiex nara jekk dan ikollux xi effett fuq l-istudenti skont dak li jwieġbu. Is-sitt studenti rrispondew hekk:

Għ1: Iva

Għ2: Le, qabel ġew Malta, hu u l-familja tiegħu marru l-Ingilterra qabel Malta

T1 u T2: Iva

I1: Iva

I2: Le, hi u l-familja tagħha marru Ċipru qabel Malta

Xtaqt inkun naf ukoll kemm dawn l-istudenti ilhom jgħixu Malta biex nifhem aħjar it-tweġibiet li kellhom jagħtuni għall-mistoqsijiet ta' wara. L-istudenti wieġbu hekk:

Għ1: sentejn u nofs

Għ2: disa' snin

T1: tliet snin u nofs

T2: għaxar snin

I1: tliet snin

I2: sitt snin

Lil dawn l-istudenti staqsejthom ukoll jekk jafux ir-raġuni li għaliha ġew Malta. Filwaqt li l-istudenti kollha semmew li ġew Malta għal futur aħjar u għax il-ġenituri ddeċidew li jitilqu minn pajjiżhom, l-istudenti ta' dixxendenza Għarbija semmew b'mod speċifiku li ġew Malta minħabba l-kwistjoni perikoluża tal-gwerra li kien hemm fil-Libja.

Għas-sitt mistoqsija, is-sitt parteċipanti qablu li jogħġobhom il-pajjiż u l-lingwa tiegħu. Iż-żewġ studenti Għarab minbarra li faħħru l-pajjiż u l-lingwa, tennew li l-lingwa togħġobhom l-aktar minħabba li l-Malti jixbah ħafna lill-Għarbi. Dan il-fatt huwa għal qalbhom għaliex minbarra li l-Malti jsibuh eħfef biex jitgħallmuh minħabba l-influwenza b'saħħitha tas-Semitiku f'ilsienna, il-Malti jfakkarhom f'ilsienhom u l-kultura tagħhom u ma jħossux li nqatgħu minnhom għalkollox. T1 stqarr li l-pajjiż jogħġbu għaliex fih soċjetà multikulturali. Hu jgħid li jekk wieħed ma jitgħallimx il-lingwa, jista' jsibha kemxejn diffiċli biex jintegra u jissoċċjalizza mal-bqija tas-soċjetà. Punt interessanti li żiedet I1 huwa li minkejja li l-lingwa togħġobha, hi stqarret li meta tisma' lil xi Maltin jitkellmu flimkien, jinstemgħu daqslikieku jkunu qed jiġġieldu minħabba li jinstemgħu jgħajtu u jgħaġġlu biex jitkellmu.

Il-maġġoranza tal-istudenti rrispondew fil-pożittiv għas-seba' mistoqsija, 'Do you like learning Maltese?'. Għ1 stqarr li jieħu pjaċir jagħti l-opinjoni tiegħu u jitkellem fuq il-kultura ta' pajjiżu. T1 ikkummenta li apparti li jħobb jitgħallem il-Malti għaliex togħġbu l-lingwa, l-għalliema taffettwah ħafna wkoll. Hu jgħid li tgħallimhom b'mod kalm u paċenzjuż u tibqa' tispjega sakemm tkun ċerta li l-istudenti jkunu fehmu l-għan. Għ2 fuq in-naħa l-oħra jgħid li fil-klassi waqt il-lezzjoni tal-Malti jitlef il-konċentrazzjoni u ma jkunx dejjem attent għal dak li

jkun qed jintqal għax għalih ma jkunux dejjem affarijiet ġodda, kemm għax hemm similaritajiet kbar bejn il-Malti u l-Għarbi, u kemm għax Għ2 ilu joqgħod Malta disa' snin sħaħ.

Fl-intervista ddeċidejt li nistaqsihom jekk il-Malti jsibuhx tqil jew ħafif biex jitgħallmuh. Tlabthom ukoll jagħtu raġuni għar-risposta tagħhom. Kif kont antiċipajt, l-istudenti ta' dixxendenza Għarbija qalu li jsibuh relattivament ħafif minħabba l-influwenza qawwija tas-Semitiku. Il-bqija tal-istudenti kollha qalu li jekk tipprattikah u toqgħod attent waqt il-lezzjonijiet tal-Malti, wieħed għandu jitgħallem maż-żmien. Kienet biss I2 li kienet ftit xettika. Hi qalet li tħossu ftit tqil għaliex hemm ħafna kliem Semitiku li ddum biex tifhmu. Min-naħa l-oħra, meta tiltaqa' ma' kliem li ġej mill-Ingliż tifhmu u tagħmel kuraġġ.

Għad-disa' mistoqsija, 'Did you always want to learn Maltese since you arrived in Malta? Why?', kelli varjetà ta' risposti. Filwaqt li Għ1 kien konvint mill-ewwel u spjega li kif wasal Malta u sema' l-lingwa, raha li hi interessanti u għalhekk xtaq jitgħallimha mill-ewwel, I1 u I2 kienu konvinti wkoll fir-risposta tagħhom u saħqu li huma ma ridux jitgħallmu l-lingwa u qed jitgħallmuha biss għax hija parti mill-kurrikulu. Min-naħa l-oħra, Għ2 spjega kif hu ma kienx konxju li għandna l-lingwa tagħna u li meta wasal Malta ħaseb li kienu qed ikellmuh bl-Għarbi. Kienet fil-fatt din l-influwenza Għarbija li ġiegħlet lil Għ2 jixtieq jitgħallem il-Malti. L-istudenti Taljani kellhom risposta simili. Fil-bidu t-tnejn kienu ostili, imma llum il-ġurnata l-lingwa Maltija hija għal qalbhom wisq. T1 jgħid li meta ġie Malta kien jattendi skola indipendenti u l-Malti ftit li xejn kien jiġi bżonnu. Kien meta daħal fi skola tal-istat li meta wasal xtaq jitgħallem il-lingwa u llum għandu ħakma tajba ħafna tant li l-iskola tatu ċ-ċans li

jidħol għal Malti L1 iżda prefera jibqa' jattendi għall-Malti bħala MLB. T2 stqarr li xtaq imur lura l-Italja u ma jitgħallem xejn, iżda llum il-Malti huwa għal qalbu ħafna.

Waqt l-intervista xtaqt inkun naf ukoll jekk kinux huma l-uniċi persuni fil-familja tagħhom li qed jitgħallmu l-Malti biex nifhem aktar jekk hux qed jitgħallmuh bħala suġġett l-iskola biss, jew inkella il-Malti kienx qed jidħol f'ħajjithom f'kuntest 'il barra mill-iskola. Kien għalhekk li staqsejthom mistoqsija numru għaxra. Filwaqt li l-istudenti kollha semmew li hemm xi ħadd mill-familja tagħhom li qed jitgħallem il-Malti, il-maġġoranza ħuthom, T2 huwa l-uniku wieħed fil-familja li qed jitgħallem il-Malti. Din il-mistoqsija ġiet segwita minn mistoqsija ħdax, li fiha xtaqt inkun naf jekk għalkemm l-istudenti kellhom xi qarib li kien qed jitgħallem il-Malti, kinux jitkellmuh barra l-iskola. Minkejja li l-istudenti kważi kollha kellhom lil xi ħadd fil-familja li kien qed jitgħallem il-Malti, ħadd minnhom ma kkonferma li jitkellmu l-Malti d-dar. Kollha qalu li l-Malti jużawh biss l-iskola ma' sħabhom jew sempliċiment waqt il-lezzjoni.

L-aħħar mistoqsija li staqsejt lill-istudenti waqt l-intervista kienet x'jogħġobhom l-iktar waqt il-lezzjoni tal-Malti. Il-maġġoranza tal-istudenti, Għ1, T1, I1, u I2, semmew li jogħġbuhom ir-riżorsi li jintużaw waqt il-lezzjoni fosthom xi preżentazzjonijiet, xi logħob bħal kwiżż, karti tat-taħriġ li jintalbu jiktbu fuqhom, stampi eċċ. T2 semma li l-iktar lezzjonijiet li jolqtuh fil-Malti huma dawk tat-taħdit b'mod speċjali meta jitkellmu fuq affarijiet li jolqtuh personalment bħall-familja u l-passatempi. Għ2 stqarr li ma seta' jaħseb f'xejn partikolari li kien jiġbdu waqt il-lezzjonijiet tal-MLB.

Dawn l-intervisti tefgħu dawl differenti fuq temi differenti li l-istudenti tkellmu fuqhom. Huwa ċar li filwaqt li studenti internazzjonali jiġu f'Malta minħabba raġunijiet differenti, kollha jidhru li jogħġobhom il-pajjiż u l-lingwa tiegħu. Jidher iżda li minkejja li l-maġġoranza urew li jieħdu pjaċir jitgħallmu l-Malti, mhux kollha jitgħallmuh minn jeddhom, fil-fatt uħud stqarru li jitgħallmuh minħabba li huwa parti mill-kurrikulu. Permezz tal-fatt li ġew intervistati studenti Għarab, Taljani, u Ingliżi, ħareġ li studenti Għarab u Taljani jsibu l-Malti eħfef biex jitgħallmuh minn studenti Ingliż minħabba l-influwenza qawwija fil-Malti mil-lingwa Għarbija u Taljana. Bl-użu ta' riżorsi differenti, il-maġġoranza tal-istudenti jħossu li jieħdu pjaċir jitgħallmuh iktar. Ħareġ ċar ukoll li minkejja li kważi l-istudenti kollha għandhom lil xi ħadd ieħor fil-familja li qed jitgħallem il-Malti, ma jitkellmuhx id-dar iżda jitkellmuh biss l-iskola u ħafna minnhom speċifikament waqt il-lezzjonijiet tal-MLB biss. Għalhekk huwa tajjeb li bħala għalliema nużaw riżorsi varji biex ngħinu lill-istudenti jitgħallmu l-Malti b'mod aktar effettiv u li jinteressahom. Għandna nippruvaw noħorġu b'inizjattivi differenti li jġiegħlu lill-istudenti jużaw il-Malti barra mill-klassi tal-MLB. Pereżempju, nistgħu noħolqu riżorsi u attivitajiet li jirrikjedu lill-istudenti jissoċjalizzaw ma' individwi Maltin. Pereżempju, l-istudenti jintalbu jagħmlu intervisti jew jiksbu informazzjoni mingħand individwi Maltin. (L-aktar punti saljenti u relevanti li ħarġu minn dawn l-intervisti jiġu diskussi f'aktar dettall f'kapitlu 7 b'rabta mal-għanijiet tar-riċerka).

**Is-Sitt Kapitlu**

# 6 L-Analiżi tal-Kwestjonarji

F'dan il-kapitlu tiġi analizzata d-data li nġabret mill-fuljetti (Appendiċi 2) li saru mal-64 parteċipant. Nanalizza r-risposti li ngħataw mill-parteċipanti fid-dawl tat-tifsira li jagħtu f'termini ta' interlingwa u akkwist tal-kategorija grammatikali tal-ġens. Għalhekk, permezz ta' din id-data naraw l-akkwist tal-ġens grammatikali għal nomi differenti.

## 6.1 Il-parteċipanti

Id-dettalji fl-ewwel paġna tal-fuljett intalbu jimlew xi dettalji sabiex jgħinuni nifhem aħjar l-isfond tal-istudenti u l-ħsibijiet tagħhom fuq it-tagħlim tal-MLB tagħhom. Id-data miġbura nġabret f'tabella 5 (Appendiċi 14). Din id-data tista' tgħin lil edukaturi tal-MLB biex jifhmu aħjar l-istudenti xi ħsibijiet għandhom u kif iħossuhom waqt il-lezzjonijiet tal-MLB. Din id-data tista' tgħin biex jew inbiddlu l-pedagoġija tagħna jew inkella biex nirrinforzaw dak li diġà qed nagħmlu għal tagħlim effettiv.

Minn din id-data stajt nifhem liema studenti kienu jitkellmu b'mod profiċjenti l-Għarbi, it-Taljan u l-Ingliż għax kienu mmarkati bħala l-lingwi nattivi tagħhom. B'kollox kien hemm 2 studenti li jitkellmu l-Għarbi, 9 li jitkellmu t-Taljan, u 12 li jitkellmu l-Ingliż (irreferi għall-aħħar tliet kolonni f'tabella 5 f'Appendiċi 14). Meta l-istudenti niżżlu waħda minn dawn il-lingwi bħala risposta fil-parti ta' 'lingwi oħra li jafu jitkellmu', ma ġewx magħduda f'din il-parti għar-raġuni li xtaqt inkun naf liema parteċipanti kienu kelliema profiċjenti ta' dawn il-lingwi. Dan għin sabiex imbagħad stajt nanalizza l-parti etimoloġika tal-ewwel mistoqsija ta' riċerka.

L-istudenti ġew mistoqsija jekk il-Malti hux qed isibuh tqil jew ħafif. Fil-fatt, il-maġġoranza, 34 parteċipant, wieġbu 'le' filwaqt li 29 wieġbu 'iva'. Kien hemm parteċipant wieħed li għażel li ma jirrispondix din il-mistoqsija. Skont it-tweġiba, il-parteċipanti ġew mistoqsija jwieġbu għalxiex jaħsbu hekk. Fost ir-risposti li ngabru, il-maġġoranza tal-istudenti li wieġbu li jsibuh ħafif, qalu li jħossuhom hekk għal tliet raġunijiet; jew għax ilhom joqogħdu Malta għal tul ta' snin; jew għax il-Malti jixbah il-lingwa nattiva tagħhom (din qaluha studenti Għarab u Taljani); jew għax għandhom familjari u ħbieb Maltin, u għalhekk jipprattikaw il-lingwa Maltija b'mod konsistenti. Min-naħa l-oħra, dawk li stqarru li l-Malti qed isibuh tqil biex jitgħallmuh, qalu li jħossuhom hekk għax il-lingwa jarawha bħala waħda diffiċli u semmew ukoll li jsibuha bi tqila speċjalment fejn tidħol il-pronunzja.

Il-parteċipanti ġew mistoqsija wkoll xi jsibu relattivament tqil u ħafif fil-Malti. Il-maġġoranza tal-istudenti jħossu li jsibu l-aktar diffiċli t-taħdit, il-kitba u li jispellu, filwaqt li l-eħfef li jsibu huwa l-qari u l-fehem. Ninnotaw li hemm qasma bejn il-ħiliet produttivi u l-ħiliet riċettivi. Fil-fatt, din il-qasma hija msejħa bħala 'The Expressive–Receptive Gap'. Dan huwa fenomenu li lingwisti differenti tkellmu fuqu fosthom Gibson et al., (2014b) li qalu, "A receptive-expressive gap, in which individuals' receptive standard scores are significantly higher than expressive standard scores, appears to be a common feature both of typical bilingual vocabulary development [...] and primary language impairment" (p. 655). Studjużi differenti pruvaw iħarsu lejn din il-qasma sabiex jistħarrġu għaliex studenti li qed jitgħallmu lingwa barranija jakkwistaw il-ħiliet riċettivi b'mod aktar mgħaġġel u b'saħħtu meta mqabbel mal-ħiliet produttivi. Fil-fatt, Keller, Troesch, u Grob (2015) sabu li 90.1% tal-pateċipanti urew kompetenza aħjar fil-ħiliet riċettivi milli minn dawk produttivi. Huma jgħidu li jidher li l-fatt li persuna li tkun qed titgħallem it-tieni lingwa tkun esposta għal xi sigħat għal nies nattivi ta'

dik il-lingwa u li f'dak il-ħin jipprattikaw il-lingwa, tonqos il-qasma bejn il-ħiliet. Huma jgħidu, "A smaller gap occurred especially when regular contact with speakers of the local language lasting several hours per week existed" (p. 1285).

Jidher li l-ħila tat-taħdit hija l-iktar ħila li l-parteċipanti jħossu li jbatu fiha. Skont Lowie, Vespoor, u Van Dijk (f'Alonso, 2018), il-ħila tat-taħdit fit-tieni lingwa hija ta' sfida; hija l-aktar ħila diffiċli biex tgħallem, biex tassessja, u biex tinvestiga. Alonso (2018) tkompli billi tgħid "The reason is that speaking is highly variable and there are many aspects related to speaking that could be the focus of attention" (p.105). Fil-fatt, xi studenti semmew il-pronunzja u oħrajn semmew il-vokabolarju.

Fil-bqija ta' dan il-kapitlu, nanalizza r-risposti tal-istudenti f'kull eżerċizzju; inħares lejn ir-risposti kollha tal-istudenti kollha għall-fuljett b'mod ġenerali; nagħti ħarsa lejn il-ġens tan-nomi li l-forma tagħhom titqies bħala eċċezzjoni għall-ġens grammatikali tagħhom; nagħti ħarsa lejn ir-risposti skont it-tipi differenti ta' eżerċizzji; nanalizza wkoll il-ġens vis-à-vis l-etimoloġija tan-nomi; u nqabbel il-ġens stabbilit fil-Malti tan-nomi tal-fuljett ma' dak li għażlu l-istudenti.

### 6.2 Ir-riżultati tal-parteċipanti f'kull eżerċizzju

F'din is-sezzjoni nanalizza r-risposti mogħtija mill-parteċipanti fid-disa' eżerċizzji li ntużaw biex titpinġa stampa aħjar ta' kif il-parteċipanti assenjaw il-ġens lin-nomi. Għal kull eżerċizzju jiġu ppreżentati żewġ grafiċi bit-tweġibiet tal-parteċipanti. Il-kulur aħdar f'kull grafika jirrappreżenta r-risposti tajbin, l-aħmar jirrappreżenta r-riposti ħżiena, u l-oranġjo

jirrappreżenta dawk ir-risposti li juru xi tip ta' interlingwa. Id-data hija ppreżentata wkoll f'tabelli b'aktar dettall f'Appendiċi 15.

Minkejja li xi risposti bħal 'dik l-ilma' huma grammatikalment ħżiena, f'din id-dissertazzjoni ma tqisux bħala ħżiena imma bħala risposti li qed juru l-interlingwa tal-istudenti u li qed jagħtu indikazzjoni ta' kif l-istudenti qed jitgħallmu l-ġens u kif jassenjawh. Ir-risposti li ma qablux mal-ġens stabbilit ġew meqjusa bħala interlingwa u għalhekk ġew magħduda mal-kolonna l-oranġjo fil-grafiċi tal-analiżi. Min-naħa l-oħra, f'każijiet li ma kienx hemm lok għal interlingwa pereżempju n-nom 'pjanta', il-ftit studenti li qisuha bħala maskil, dawk ġew meqjusa bħala żbaljati.

Għalhekk ser jiġu analizzati n-nomi kollha li ntużaw kemm maskili kif ukoll femminili. Kif stabbilixxejna fit-tielet kapitlu, nomi femminili normalment jispiċċaw bit-tarf 'a', filwaqt li nomi maskili ħafna darbi jispiċċaw b'tarf konsonantali jew bil-'u'. Iddeċidejt li għal din id-dissertazzjoni nadotta xi nomi li jmorru lil hinn minn din il-forma u fittixt nomi li minkejja li l-ġens stabbilit tagħhom huwa mod, il-forma tagħhom ma tirriflettix dan. B'kollox intużaw ħmistax-il nom ta' dan it-tip (irreferi għal taqsima 4.6.1) li se jiġu analizzati f'din is-sezzjoni. Tabelli ħmistax u sittax (Appendiċi 16) jippreżentaw id-data b'mod dettaljat skont kif wieġbu għal dawn il-ħmistax-il nom il-parteċipanti. Dawn in-nomi qed nirreferi għalihom bħala nomi b'eċċezzjoni (b'riferiment għall-eċċezzjoni tal-forma).

*6.2.1 L-analiżi tal-ewwel eżerċizzju*




Grafika 1: Ir-risposti ġenerali tal-ewwel eżerċizzju

Grafika 1 tirrappreżenta r-risposti tal-parteċipanti kollha għall-ewwel eżerċizzju li fih wieħed kellu jagħżel il-pronom dimostrattiv għal kull nom. Kważi tliet kwarti tal-parteċipanti, 74.7%, irrispondew b'mod korrett għall-għaxar nomi tal-eżerċizzju. Jista' jkun li r-raġuni għaliex l-istudenti rrispondew b'mod korrett għall-maġġoranza tan-nomi f'dan l-eżerċizzju, kienet li minħabba li l-maġġoranza tan-nomi kienu femminili u kollha jsegwu l-forma femminili, jiġifieri li jispiċċaw bit-tarf femminili 'a', kienet faċli għalihom li jassenjaw il-ġens.

Fil-grammatika Maltija, l-uniċi żewġ nomi li ntużaw f'dan l-eċerċizzju li l-ġens stabbilit tagħhom huwa maskili, huma n-nomi 'ilma' u 'għasel', filwaqt li l-bqija tan-nomi użati f'dan l-eżerċizzju, il-ġens stabbilit fil-Malti għalihom huwa dak femminil (Aquilina, 2006).




Grafika 2: Ir-risposti tan-nomi kollha tal-ewwel eżerċizzju

Għalkemm dawn l-istudenti internazzjonali għandhom sfond differenti u ilhom jitgħallmu l-Malti għal żmien differenti, il-maġġoranza qablu fuq it-tweġibiet tagħhom. Fil-fatt, minbarra n-nom 'ilma' li jirrikjedi analiżi u diskussjoni għalih, għall-bqija tan-nomi 70% jew iktar tal-parteċipanti rrispondew b'mod korrett. Fil-fatt, jekk neskludu n-nom 'ilma', għall-bqija tad-disa' nomi, l-inqas nom li ġab risposti tajbin kien in-nom 'bieba', li 70.3% tar-risposti kienu tajbin filwaqt li l-bqija tas-27.7% tar-risposti kienu inkorretti. Min-naħa l-oħra, b'84.4% tar-risposti tajbin li ġabu kull wieħed in-nomi 'għasel' u 'pjanta', kienu l-iktar żewġ nomi f'dan l-eżerċizzju li l-parteċipanti rrispondew b'mod korrett għalihom. Għaldaqstant, tajjeb li ninnotaw li mhux talli l-maġġoranza tal-parteċipanti qablu fuq it-tweġiba, talli kważi f'kull nom, il-persentaġġ kien qrib ħafna.

In-nom 'ilma' joffri spunt interessanti ħafna għal studju bħal dan. Minkejja li huwa nom meqjus bħala maskili fil-Malti (Aquilina, 2006), jieħu l-forma li normalment tittieħed min-nomi femminili għaliex jispiċċa bil-'a'. Fil-fatt, dan kien wieħed min-nomi li ddaħħal fil-

fuljett bi skop għaliex il-forma tiegħu ma taqbilx mal-ġens stabbilit tiegħu. Fil-fatt 65.6% tar-risposti kienu femminili.

Għalhekk, permezz ta' dawn ir-riżultati, speċjalment permezz tar-riżultati għan-nomi 'ilma' u 'għasel', wieħed jagħraf sekwenza partikolari; li meta l-istudenti jaraw nom li jispiċċa bil-'a', ġeneralment jagħtuh il-femminil, filwaqt li meta jaraw nom li jispiċċa bit-tarf konsonantali, jingħata l-ġens maskil. Dan jaqbel ma' dak li sab Farrugia (2003 & 2018). Fil-kumplament ta' dan il-kapitlu se naraw jekk din l-ipotesi tiġix ikkonfermata u sostnuta. Barra minn hekk, wieħed jista' janalizza wkoll jekk trufijiet oħra li huma meqjusa bħala maskili, fosthom it-tarf vokaliku 'u', jiġux assenjati l-ġens maskil minkejja li fil-Malti huma nomi femminili.

### *6.2.2 L-analiżi tat-tieni eżerċizzju*



Grafika 3: Ir-risposti ġenerali tat-tieni eżerċizzju

Grafika 3 tirrappreżenta r-risposti tal-parteċipanti kollha għat-tieni eżerċizzju. Skont grafika 3 jidher li l-maġġoranza tal-parteċipanti rrispondew b'mod korrett. Min-naħa l-oħra 20.2% rrispondew b'mod inkorrett, u 7.3% filwaqt li m'għażlux il-ġens stabbilit, ir-risposti tagħhom mhumiex inkorretti imma qed juru l-interlingwa.

Għal darboħra, il-maġġoranza tan-nomi kienu femminili (Aquilina, 2006), filwaqt li 'kuker' kien l-uniku nom maskili. F'dan l-eżerċizzju deher ukoll in-nom 'friġġ' li filwaqt li fil-Malti huwa meqjus bħala nom femminil, ma jispiċċax bil-'a'.

Irreferi għal tabella 7 f'Appendiċi 15B bl-analiżi tal-parteċipanti li ma rrispondewx.




Grafika 4: Ir-risposti tan-nomi kollha tat-tieni eżerċizzju

Jekk naqbdu l-ewwel għaxar nomi, u neskludu n-nomi 'friġġ' li jeħtieġ analiżi għalih, u n-nom 'kuker' li huwa l-uniku nom maskili, nindunaw li għandna varjetà ta' perċentwali b'valuri li jvarjaw bejn 64.5% u 82.8%. L-istudenti qablu l-inqas fuq in-nom 'mgħarfa' għaliex

35.5% tal-parteċipanti mmarkaw 'mgħarfa isfar'. Din hija interessanti għaliex minkejja li dan in-nom jieħu l-forma tradizzjonali femminili, xorta waħda kien hemm ammont sostanzjali ta' parteċipanti li m'għażlux il-femminil. Għall-bqija tan-nomi kienu biss minoranza li ma qablux mal-bqija.

Għalkemm in-nom 'friġġ' fil-grammatika Maltija huwa meqjus bħala wieħed femminil (Aquilina, 2006 u Serracino-Inglott, 1975), il-maġġoranza tal-parteċpanti hawnhekk għażlu l-maskil. Jista' jkun li mxew fuq il-forma tan-nom u ddeċidew fuq it-tarf konsonantali. Dan ir-riżultat ivarja minn dak li sab Farrugia (2003). Hu sab li l-istess perċentwal ta' studenti fiż-żewġ gruppi, 88.5%, attribwew il-ġens femminil (p. 203). Għalhekk, jidher li minkejja li f'moħħ il-kelliema Maltin il-ġens tan-nom 'friġġ' huwa stabbilit bħala nom femminili, għall-istudenti internazzjonali dan mhux, anzi pjuttost bil-kontra. Dan isaħħaħ l-ipotesi li rajna fl-eżerċizzju ta' qabel li turi li l-interlingwa tal-istudenti hija li meta nom jispiċċa b'tarf konsonantali, il-maskili huwa ġeneralment assoċjat man-nom.

In-nom maskili 'kuker' huwa wkoll l-aktar nom f'dan l-eżerċizzju li ġab risposti tajbin meta kkumparat mal-bqija tan-nomi. Fil-fatt 92.5% tal-parteċipanti, jiġifieri madwar 59 persuna, attribwew il-ġens maskil lil dan in-nom, filwaqt li l-bqija tal-parteċipanti, attribwew il-femminil. Dan ir-riżultat huwa komuni għal dak li sab Farrugia (2003) fl-istudju tiegħu.

Għaldaqstant, minkejja li l-perċentwali għan-nomi femminili varjaw, il-ħsieb li l-istudenti jattribwixxu l-ġens skont il-forma tan-nom f'dan il-kapitlu ġie kkonfermat għaliex għan-nomi li jispiċċaw bil-'a' attribwew il-ġens femminil, filwaqt li għal dawk in-nomi li

jispiċċaw b’tarf konsonantali, għal darboħra, rajna li ġew assenjati l-maskili. Dan kollu qed juri l-interlingwa tal-istudenti x’inhi.

### *6.2.3 L-analiżi tat-tielet eżerċizzju*



Grafika 5: Ir-risposti ġenerali tat-tielet eżerċizzju

Filwaqt li għall-ewwel żewġ eżerċizzji d-diskrepanza bejn ir-risposti kienet ċara, hawnhekk id-differenza hija bil-wisq inqas. Kienu biss 56.4% tal-parteċipanti li ġabu r-risposti ta’ dan l-eżerċizzju tajbin, perċentwal relattivament baxx meta mqabbel.

Dan l-eżerċizzju kien jinkludi fih biss sitt nomi, nofshom maskili (Aquilina, 2006), u nofshom femminili (Aquilina, 2006). In-nomi meqjusa femminili, jiġifieri ‘art’, ‘purċissjoni’, u ‘għajn’, ma jsegwux il-forma tas-soltu. Din tista’ tkun ir-raġuni għaliex il-perċentwal tar-risposti li juri interlingwa huwa ogħla f’dan l-eżerċizzju mill-oħrajn. Barra minn hekk, minħabba li kien hawn inqas nomi, il-medja biex jinħareġ il-perċentwal tinbidel ħafna

b'sempliċiment nom wieħed. (Irreferi għal Appendiċi 15Ċ għal tabella 8 u d-dettalji tal-parteċipanti li ma wieġbux).




Grafika 6: Ir-risposti tan-nomi kollha tat-tielet eżerċizzju

Hekk kif jidher minn grafika 6, in-nomi maskili qed juru kontinwu ma' dak li rajna qabel, jiġifieri li l-maġġoranza tal-parteċipanti attribwew il-ġens maskili. Għaldaqstant, l-ipotesi ta' tarf in-nom hawnhekk tkompli tissaħħaħ. Barra minn hekk, il-kelma 'nannu' tirreferi għal persuna 'maskili' u li għalhekk, dan il-fatt jista' jkun li kompla jgħin lill-parteċipanti jikkonvinċu ruħhom li dan huwa nom maskil. Minkejja li l-istudenti probabbilment ma kinux jafu t-tifsira tan-nomi kollha użati, hemm ċans kbir li n-nom 'nannu' kienu jafuh mhux biss għax hija qrib ħafna tal-istess kelma f'lingwi oħra fosthom fit-Taljan 'nonno', imma wkoll għaliex ir-reġistru tal-familja huwa minn tal-ewwel li jiġi mgħallem u jibqa' jiġi rivedut fil-lezzjonijiet tal-MLB. Fil-fatt dan kien wieħed mill-iktar nomi fil-fuljett kollu li għalih l-istudenti wieġbu b'mod korrett.

In-nomi femminili 'art', 'purċissjoni', u 'għajn', offrew riżultati interessanti immens għal dan l-istudju. Kienu tliet nomi li flimkien ma' nomi oħra komplew jikkonfermaw l-ipotesi tal-interlingwa. Fil-fatt, għat-tlieta li huma, il-maġġoranza tal-istudenti rrispondew fil-maskil. Jidher li t-tarf konsonantali fin-nomi 'art' u 'għajn' issa jidher b'ċertu saħħa li dejjem qed jattira l-aktar il-ġens maskil. In-nom 'purċissjoni', meqjus bħala femminili (Aquilina, 2006), jieħu forma differenti minn dik li rajna s'issa għaliex jadotta t-tarf vokaliku 'i'. Skont it-tendenza ġenerali li kkonferma statistikament Farrugia (2003), minn analiżi li għamel hu fuq eluf ta' nomi ma' kelliema nattivi, il-forma bit-tarf /ɪ/, normalment hija abbinata aktar mal-ġens femminili (Ciantar, 2021). L-istudenti internazzjonali iżda attribwew aktar il-maskil milli l-femminil b'69.4%. Mill-analiżi li għamilt ħareġ li parteċipanti li ġabu dawn it-tliet nomi kollha tajbin kienu tnejn, Niġerjan u Brażiljan. Min-naħa l-oħra kien hemm disa' studenti, kollha ta' nazzjonalità differenti, li ġabu n-nomi 'art' u 'għajn' tajbin. Ħadd minn dawn ma kien Għarbi u allura r-raġuni għaliex wieġbu tajjeb għan-nom 'għajn' mhix kwistjoni ta' lingwa nattiva. Kien hemm erba' studenti li ġabu kemm in-nom 'art' kif ukoll in-nom 'purċissjoni' tajbin. Dawn ukoll kienu ta' nazzjonalità differenti. Fl-aħħar nett, kien hemm tliet parteċipanti komuni li wieġbu tajjeb għan-nomi 'għajn' u 'purċissjoni'. Dawn kienu Messikana, Ingliża, u Taljana. B'hekk s'issa ma jidhirx li l-lingwa nattiva qiegħda tgħin b'mod partikolari fl-assenjazzjoni tal-ġens.

### *6.2.4 L-analiżi tar-raba' eżerċizzju*




Grafika 7: Ir-risposti ġenerali tar-raba' eżerċizzju

Minkejja li d-differenza bejn il-perċentwal tar-risposti mhix daqshekk b'saħħitha daqs l-ewwel żewġ eżerċizzji, tidher li hija iktar mill-eżerċizzju ta' qabel. Fir-raba' eżerċizzju, 62.6% tal-parteċipanti, ekwivalenti għal 40 parteċipant, wieġbu b'mod korrett. F'dan l-eżerċizzju ġew użati ħames nomi. Kien hemm żewġ nomi li għalihom mhux kulħadd irrisponda (irreferi għal tabella 9 f'Appendiċi 15D).



Grafika 8: Ir-risposti tan-nomi kollha tar-raba' eżerċizzju

Għal darboħra, fl-analiżi ta' dan l-eżerċizzju, jidher li s-sekwenza kompliet għan-nomi 'bieb', 'ħajt', u 'sufan', għaliex il-maġġoranza tal-istudenti, 73.4%, 87.3%, u 73.4% rispettivament, wieġbu b'mod korrett. Għaldaqstant, il-ħsieb li nomi li jispiċċaw b'konsonanti jingħataw ġens maskili, ikompli jissaħħaħ.

In-nom 'Alla' min-naħa l-oħra, minkejja li huwa nom maskili (Aquilina, 2006), jispiċċa bil-vokali 'a'. Il-maġġoranza tal-parteċipanti fil-fatt attribwew il-ġens femminil, iżda jekk wieħed iħares lejn il-perċentwali jirrealizza li d-differenza bejn ir-risposti hija minima. Fil-fatt, ir-risposti huma kważi maqsuma b'55.6% jagħtu l-femminil u 44.4% jagħtu l-maskil. Dan jista' jkun li ġara għal diversi raġunijiet. 'Alla' hija kelma li hija simili għall-istess konnotazzjoni f'lingwi oħra fosthom fl-Għarbi bil-kelma 'Allah' li għandha ġens maskil, u allura numru konsiderevoli ta' studenti attribwew il-ġens maskil. Jista' jkun ukoll li minħabba li l-kelma 'Alla' tirreferi għal persuna maskili/spirtu/Kristu, numru b'saħħtu ta' studenti fehmu li qed

nirreferu għal xi ħadd/xi ħaġa ta' sess maskili. Raġuni oħra tista' tkun dik li titkellem fuqha Spender (1980) fejn tiddiskuti l-ġens maskili bħala n-norma. Jista' jkun li minħabba l-konnotazzjoni ta' grandjożità u importanza li din il-kelma ġġib magħha għal xi wħud, jintgħażel il-maskil minħabba l-kunċett żbaljat tar-relazzjoni li hemm bejn il-ġens u s-sess maskil mal-grandjożità u l-importanza. Għalhekk, dan ir-riżultat qed ikompli juri l-interlingwa ta' dawn il-parteċipanti.

Il-kelma 'arti', li fil-grammatika Maltija hija stabbilita bħala nom femminil (Aquilina, 2006), jidher li l-maġġoranza, b'perċentwal ta' 65.6%, ekwivalenti għal 42 parteċipant, attribwew magħha l-aġġettiv 'sabiħ'. Għalhekk, permezz ta' dan it-tieni eżempju ta' nom femminili li jispiċċa bit-tarf vokaliku 'i', wieħed jista' jibda jibni u jikkonferma l-ħsieb li ġie ċċitat fl-analiżi tal-eżerċizzju ta' qabel, li nomi li jispiċċaw b'dan it-tarf jingħataw il-maskili minn dawn l-istudenti internazzjonali. B'hekk tkompli tinbena l-idea tal-interlingwa tal-istudenti.

*6.2.5 L-analiżi tal-ħames eżerċizzju*




Grafika 9: Ir-risposti ġenerali tal-ħames eżerċizzju

Eżerċizzju ħamsa huwa l-ewwel eżerċizzju li poġġa lin-nom f'kuntest/sentenza. Id-differenza bejn ir-risposti tajbin u l-bqija tal-kategoriji tidher ġmielha b'75.1% tal-parteċipanti jirrispondu b'mod korrett. Nofs in-nomi li ntużaw f'dan l-eżerċizzju kienu jagħmlu parti mil-lista ta' nomi li juru eċċezzjoni. Dawn huma; 'reliġjon' u 'hairband' li minkejja li għandhom forma maskili huma nomi femminili, u 'papà' li mikejja li jispiċċa bil-'a' huwa nom maskili (Aquilina, 2006). Jidher li kull parteċipant wieġeb għal dawn in-nomi (Tabella 10 f'Appendiċi 15E).




Grafika 10: Ir-risposti tan-nomi kollha tal-ħames eżerċizzju

In-nom 'papà' li jispiċċa bit-tarf vokaliku 'a', li kif rajna fl-eżempji ta' qabel tipikament ġie mqabbel mal-ġens femminil, f'dan il-każ ġie assenjat mill-maġġoranza l-maskili. Dan probabbilment minħabba li meta jużaw in-nom 'papà' jirreferu għal persuna ta' sess maskil. Għaldaqstant, ma jsegwix is-sekwenza li ltqajna magħha qabel bħal fil-każ tan-nom 'ilma' u 'Alla'. Hawnhekk tidħol l-idea ta' Corbett (1991) fejn jgħid li meta jkun hemm elementi formali u semantiċi jaħdmu flimkien imma kontra xulxin, il-kriterju semantiku jirbaħ. "Pereżempju, fil-Qafar insibu n-nom 'abbà' (missier) li għalkemm jispiċċa b'vokali aċċentata, u allura skont ir-regoli [...] suppost li huwa nom femminili, la r-referent uman huwa raġel, mela allura jingħata l-ġens maskili" (Ciantar, 2021, p. 28). Nistgħu ngħidu li dan huwa probabbilment li ġara. Hija interessanti li meta l-istudenti jkollhom aktar ċertezza tas-semantika, jew inkella meta jkollhom referent animat marbut ma' dak in-nom, isibuha eħfef li jassenjaw il-ġens b'mod korrett. "Ħafna drabi, il-ġens lin-nomi animati jingħata abbażi tas-sess tar-referent, filwaqt li l-ġens tan-nomi inanimati aktarx jingħata jew b'mod analoġiku,

jew abbażi t-tarf tan-nom (il-kriterju morfofonoloġiku), jew inkella jista' jiġi assoċjat ma' xi reġistru partikolari" (Micallef, 2017, f'Ciantar, 2021, p. 111).

In-nom 'reliġjon' li minkejja li huwa stabbilit bħala nom femminili fil-grammatika Maltija u fid-dizzjunarji fosthom ta' Aquilina (2006), minn xi diskussjonijiet li kelli ma' kelliema nattivi tal-Malti tul dan l-istudju, jidher li anke huma jsibuha diffiċli sabiex jassenjaw il-ġens. Filwaqt li wħud qablu fuq il-ġens femminili għax assoċjawh mal-kelma 'fidi' jew 'knisja', oħrajn ħasbu li għandu jingħata l-ġens maskili għax qabbluha ma' 'Alla' jew 'Kristu'. Din l-inċertezza li dehret fil-kelliema nattivi li ddiskutejt din il-kelma magħhom, dehret ukoll fl-istudenti internazzjonali tal-MLB. Dan jidher għaliex 58.1% tal-istudenti assoċjaw il-maskil, filwaqt li l-bqija tal-istudenti, 41.9%, assoċjawh mal-femminil.

Nom ieħor li offra riżultati interessanti għal dan l-istudju huwa n-nom 'hairband'. Minkejja tarf konsonantali, il-parteċipanti assoċjawh l-iktar mal-femminil, tendenza li tmur kontra dak li rajna s'issa. Dan ir-riżultat huwa wkoll komuni ma' dak li sab Farrugia (2003). Hu sab li 88.9% assoċjaw il-femminil ma' dan in-nom. Jista' jkun li saret din l-għażla għaliex minħabba li jassoċċjaw l-oġġett max-xagħar, sterjotipikament, jitqabbel mas-sess femminil li jista' jwassal għall-għażla tal-ġens femminil.

In-nom 'rużarju' ġie assenjat mill-maġġoranza l-maskili billi għażlu 'huwa twil'. Din l-għażla saret minn 85.9% tal-parteċipanti. Dan l-eżempju jimxi id f'id ma' dak li rajna qabel; li nom li jispiċċa bil-'u' normalment jingħata l-ġens maskili.

### *6.2.6 L-analiżi tas-sitt eżerċizzju*




Grafika 11: Ir-risposti ġenerali tas-sitt eżerċizzju

Din il-grafika qed turi li kif ġara f'xi eżerċizzji oħra, l-istudeni ma ġabux persentaġġ għoli ta' risposti tajbin daqskemm ġabu fl-ewwel ftit eżerċizzji. Dan it-taħriġ kien magħmul minn erba' nomi biss u għalhekk, il-perċentwal jista' jinbidel ħafna b'riżultat wieħed biss.

Il-forma tan-nom 'xemx' tista' toffri dinamika sħiħa ta' risposti. Dawk li rrispondew fil-maskil mhumiex meqjusin bħala ħżiena għax qed juri l-interlingwa tagħhom; li meta nom jispiċċa b'konsonanti, jagħtu l-maskil.

Għal dan l-eżerċizzju, skont tabella 11 (Appendiċi 15F), il-parteċipanti kollha rrispondew in-nomi kollha.




Grafika 12: Ir-risposti tan-nomi kollha tas-sitt eżerċizzju

L-iktar nom li għalih irrispondew b'mod korrett kien in-nom 'żiemel'. Għalih 73.4% tal-parteċipanti rrispondew b'mod korrett. Il-bqija tal-parteċipanti, 26.6%, ekwivalenti għal 17-il parteċipant, għażlu l-pronom 'dik'. It-tieni l-iktar nom li għalih irrispondew b'mod korrett kien in-nom 'ġurdien' b'65.6% tal-parteċipanti. Għalhekk tkompli tissaħħaħ l-ipotesi tal-kriterju formali. Min-naħa l-oħra, l-inqas nom li għalih irrispondew b'mod korrett kien in-nom 'qattus'. Fil-fatt, ir-risposti kienu kważi maqsumin b'59.4% tal-parteċipanti jagħżlu l-maskil u l-bqija tal-40.6% jagħżlu l-femminil. Jista' jkun li dan in-nom kellu daqshekk varjazzjoni fir-risposti minħabba li huwa annimal domestiku, u għalhekk huwa referent animat b'sess partikolari, u l-istudenti setgħu qagħdu fuq is-sess tal-qattus tagħhom. Hawnhekk jidħol il-kriterju semantiku li huwa differenti skont jekk għandhomx qattus jew le.

Tajjeb li nżommu f'moħħna li l-forma ta' dawn it-tliet nomi maskili hija konformi ma' dik tas-soltu, jiġifieri bit-tarf konsonantali. Minkejja li l-perċentwal tal-maġġoranza jvarja,

għal dawn it-tliet nomi, il-maġġoranza tal-parteċipanti għażlu l-ġens maskili u għalhekk, tkompli tiġi kkonfermata l-ipotesi tal-kriterju formali li turi l-interlingwa tal-istudenti.

Bħalma rajna f'eżempji oħra, in-nom 'xemx', minkejja li huwa nom femminili (Aquilina, 2006), ma jimxix mal-forma tradizzjonali. Fil-fatt kienu biss 35.9% li attribwew il-ġens femminil. Dan in-nom ikompli jafferma r-rimarka li saret għat-tliet nomi l-oħra, li nom li jispiċċa bit-tarf konsonantali, għandu tendenza li jiġi assenjat il-maskili, punt li jkompli jafferma l-interlingwa tal-istudenti.

### *6.2.7 L-analiżi tas-seba' eżerċizzju*




Grafika 13: Ir-risposti ġenerali tas-seba' eżerċizzju

Il-perċentwal tar-risposti li juru interlingwa, mhuwiex 'il bogħod ħafna minn dak li juri r-risposti tajbin. Għal darboħra, dan it-taħriġ kien magħmul minn erba' nomi biss u għalhekk kull nom jaffettwa ħafna r-riżultat. Barra minn hekk, dan kien wieħed mit-taħriġiet tal-kuntest, u allura l-istudenti setgħu jsibuha xi ftit bi tqila biex jifhmu x'ġens iridu jassenjaw abbażi tas-sentenza. Punt ieħor li jista' jispjega dawn ir-riżultati huwa li tnejn minn dawn l-

erba’ nomi jispiċċaw bil-vokali ‘a’ minkejja li huma nomi li ġeneralment nirreferu għalihom bil-ġens maskil.

Għal dan l-eżerċizzju kien hemm parteċipant li ma weġibx għan-nom mastrudaxxa (ara Tabella 12 f’Appendiċi 15Ġ).




Grafika 14: Ir-risposti tan-nomi kollha tas-seba' eżerċizzju

Għan-nom ‘mastrudaxxa’, minkejja li fl-istampa għażilt mastrudaxxa raġel minħabba li normalment ikun ta’ sess maskili, u biex nara jekk joqogħdux fuq il-kuntest formali jew jekk imorrux oltre, il-maġġoranza abbinaw il-ġens femminili ma’ dan in-nom. Jista’ jkun li hija kelma li dawn l-istudenti jkunu għadhom ma tgħallmuhiex jew ma semgħuhiex meta jkunu qed jitkellmu ma’ sħabhom għax hija kelma li tissemma’ biss jekk wieħed ikun qed jitkellem fuq suġġett jew f’kuntest partikolari. Għaldaqstant, bħal fil-każ tal-maġġoranza tan-nomi l-oħra, ibbażaw ir-risposta fuq il-forma.

Nom ieħor li juri din it-tip ta' sekwenza huwa n-nom 'raba' li għalih l-istudenti wieġbu b'mod aktar qawwi minn ta' qablu fil-femminil. Fil-fatt, 81.2% tal-parteċipanti mmarkaw 'Hemm ħafna raba sabiħa'. Kienu biss 18.8% li ġabuha tajba. Minħabba n-natura tan-nomi 'mastrudaxxa' u 'raba', iddeċidejt li nanalizza jekk kinux l-istess studenti li wieġbu b'mod korrett għal dawn iż-żewġ nomi. Minn din l-analiżi jidher li kienu biss tliet studenti li ġabu ż-żewġ nomi tajbin iżda li l-lingwi tagħhom ma jidhirli li għandhom ebda konnessjoni partikolari. Dawn kienu Serba, Pollakka, u Ingliża. Dawn iż-żewġ nomi, 'mastrudaxxa' u 'raba', qed ikomplu juru s-sistema tal-interlingwa tal-istudenti.

Min-naħa l-oħra, in-nomi 'żrinġ' u 'kelb' ma taw ebda riżultat li ma kienx mistenni. Fil-fatt, hawnhekk tkompla l-kontinwu. In-nom 'kelb' huwa wieħed mill-aktar nomi li wera ċertezza fost l-istudenti internazzjonali. Probabbli għall-istess raġuni tan-nom 'qattus'.

#### *6.2.8 L-analiżi tat-tmien eżerċizzju*




Grafika 15: Ir-risposti ġenerali tat-tmien eżerċizzju

Mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li l-maġġoranza tal-istudenti wieġbu b'mod korrett il-ġens tal-erba' nomi f'dan it-taħriġ. L-erba' nomi użati huma meqjusa bħala maskili (Aquilina, 2006), u li ġejjin mill-Ingliż. Inkitbu bil-Malti minħabba li huma magħmula minn kelma waħda u ma jitbiegħdux wisq mill-forma oriġinali. Minħabba l-forma tradizzjonali ta' dan il-kliem, dawk li ma wiġbux fil-maskil huma fil-fatt kollha ħżiena għaliex ma kienx hawn lok ta' interlingwa f'dawn in-nomi. Għal dan l-eżerċizzju kien hemm 3 parteċipanti għan-nomi kollha li ma weġbux (Tabella 13 f'Appendiċi 15G).




Grafika 16: Ir-risposti tan-nomi kollha tat-tmien eżerċizzju

Huwa kliem li minkejja li m'ilux fil-Malti daqs kliem ieħor, probabbilment huwa wieħed mill-iktar reġistri użati fost iż-żgħażagħ tal-etajiet tal-parteċipanti li ħadu sehem f'dan l-istudju. Minkejja li n-nomi kollha ġew assoċjati mill-maġġoranza mal-ġens maskili, kollha kemm huma ġew assoċjati bi gradi differenti.

L-iktar nom li għalih irrispondew b'mod korrett kien in-nom 'kompjuter'. 77% tal-parteċipanti assoċjawh mal-maskil. Farrugia (2003) sab li 94% tal-parteċipanti nattivi attribwew il-ġens maskil ma' dan in-nom, filwaqt li 6% assoċjaw miegħu il-ġens femminil. Filwaqt li r-riżultati jaqblu, naraw li l-ġens ta' dan in-nom huwa konsistenti iktar fost il-kelliema nattivi milli fost il-kelliema internazzjonali li qed jitgħallmu l-MLB. Numru sostanzjali ta' parteċipanti rrispondew b'mod korrett ukoll għan-nom 'telefown'. Dan ukoll qabel ma' dak li sab Farrugia (2003), għaliex hu sab li 99.2% tal-parteċipanti attribwew il-ġens maskil.

Ir-risposti għan-nomi 'maws' u 'wajer', urew ċertu inċertezza meta mqabbla man-nomi l-oħra. Għan-nom 'maws', 55.7% għażlu l-maskili u 44.3% għażlu l-femminili. Għan-nom 'wajer' 60.7% għażlu l-ġens maskili filwaqt li 39.3% għażlu l-ġens femminili. Fl-istudju tiegħu Farrugia (2003) uża wkoll in-nom 'wire' (miktub bl-Ingliż), li għalih 99.5% tal-parteċipanti għażlu l-maskili.

Għaldaqstant, dawn in-nomi reġgħu urew li meta nom jispiċċa b'tarf konsonantali, il-possibiltà hija li jintgħażel il-ġens maskil.

#### *6.2.9 L-analiżi tad-disa' eżerċizzju*




Grafika 17: Ir-risposti ġenerali tad-disa' eżerċizzju

Grafika 17 turi li d-distakk bejn ir-riposti tajbin u dawk ta' interlingwa huwa minimu. Il-parteċipanti jidhru li kienu tassew indeċiżi fuq l-għażla tal-ġens tan-nomi ta' dan it-taħriġ. Għal dan it-taħriġ intużaw biss tliet nomi.

In-nom 'stapler' huwa meqjus bħala femminil (Aquilina, 1990) u għalhekk jidher li mhux jimxi mal-forma tradizzjonali tal-ġens femminili minħabba li ma jispiċċax bil-'a'. Min-naħa l-oħra, in-nomi 'printer' u 'pilota' huma normalment meqjusin (għax tista' tkun pilota mara) nomi maskili. Minkejja dan, fl-istudju ta' Farrugia (2003) persuna waħda attribwiet il-ġens femminili lin-nom 'printer'. Dan iżda jista' jkun effett tat-test innifsu minħabba li persuna tista' tiġiha dubju minħabba li jkun qed jagħti l-ġens waqt eżerċizzju u mhux fil-ħajja ta' kuljum. Fid-dizzjunarju ta' Psaila u Aquilina (1992) u f'ta' Aquilina (2006), dan in-nom ma jingħatax. Filwaqt li n-nom 'printer' jimxi mal-forma maskili għaliex jispiċċa b'konsonanti, in-

nom 'pilota' li għandu referent uman u li normalment nassoċjaw miegħu persuna maskili, ma jimxix mal-forma maskili għaliex jispiċċa bil-vokali 'a'.

Hawnhekk ukoll kien hemm 3 parteċipanti li ma rrispondewx għalihom u kienu wkoll l-istess 3 tal-eżerċizzju ta' qabel. Għalhekk, nemmen li minħabba li dawn l-aħħar żewġ eżerċizzji kienu fuq l-istess paġna, sempliċiment qabżu l-paġna u mhux għax ma kinux jafuhom (Tabella 14 f'Appendiċi 15GĦ).



Grafika 18: Ir-risposti tan-nomi kollha tad-disa' eżerċizzju

Mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li l-aktar nom li kienu ċerti fuqu u wieġbu b'mod korrett, kien 'printer'. Nemmen li dan in-nom marru l-aħjar fih għaliex jimxi mal-forma tas-soltu.

In-nom 'pilota' li għandu referent uman u li normalment nossoċjawh ma' persuna maskili, kiseb varjetà ta' risposti. Fil-fatt, ir-riżultat aħħari ta' dan in-nom kien li 44.3% tawh

il-femminil, filwaqt li l-maġġoranza ta' 55.7% tawh il-maskil. Dan juri li waqt li l-maġġoranza probabbilment imxiet mal-kuntest semantiku, il-bqija mxew mal-kuntest formali. Għalhekk nistgħu ngħidu li speċjalment meta n-nom ikollu referent animat, jimxu l-aktar mal-kriterju semantiku, filwaqt li meta jkollu referent inanimat, jimxu mal-kriterju formali.

Għan-nom 'stapler', il-maġġoranza assenjaw il-maskil probabbilment minħabba l-forma tan-nom. Fl-istudju ta' Farrugia (2003), il-maġġoranza assoluta (100%) assenjat il-ġens femminil għan-nom 'stapler'.

Dawn it-tliet nomi jkomplu jikkonfermaw l-ipotesi li bnejna tul din l-analiżi li turi l-interlingwa tal-istudenti; meta nom jispiċċa bil-vokali 'a' probabbilment jingħata l-ġens femminil, filwaqt li meta nom jispiċċa b'konsonanti, jew bil-vokali 'u' jew 'i', probabbilment jingħata l-ġens maskil.

### 6.3 Ir-riżultati ġenerali tal-parteċipanti kollha fl-eżerċizzji kollha




Grafika 19: Ir-riżultati ġenerali tal-fuljett kollu

Grafika 19 turi r-riżultat magħdud f'persentaġġ ta' kif marru l-istudenti fl-eżerċizzji kollha li kien hemm fil-fuljett.

L-istatistika turi li 66.5% tal-istudenti rrispondew b'mod korrett għall-mistoqsijiet kollha li kien hemm fil-fuljett, persentaġġ ogħla ħafna mill-persentaġġ tar-risposti inkorretti jew li wrew xi tip ta' interlingwa. Il-fatt li l-maġġoranza tal-istudenti rrispondew tajjeb fid-disa' eżerċizzji, jista' jindika li dawn l-eżerċizzji u n-nomi li ġew inklużi kienu addattati għal dawn l-istudenti internazzjonali. Wieħed jista' jissopponi wkoll li dawn l-istudenti rnexxielhom jibnu sistema lingwistika li tgħinhom jattribwixxu l-ġens. Minkejja li hemm xi differenzi fil-persentaġġi li rajna tul l-analiżi tal-eżerċizzji, il-fatt li l-istudenti għandhom tendenza li jwieġbu b'mod korrett għall-ġens grammatikali, hija komuni wkoll fix-xogħol ta' Borg (2018).

Minkejja dan, ma kien hemm ebda nom li għalih l-istudenti kollha għażlu l-ġens it-tajjeb. Tajt ħarsa lejn in-nomi li għalihom kien hemm inqas minn għaxra fil-mija tal-parteċipanti, ekwivalenti għal sitt persuni, li rrispondew b'mod inkorrett. Fil-fatt, b'kollox kien hemm biss tliet nomi li għalihom kważi l-parteċipanti kollha rrispondew b'mod korrett. Dawn kienu 'kuker' b'92.2%, 'nannu' b'90%, u 'kelb' b'92.2%. Dawn kienu fit-tieni, fit-tielet, u fis-seba' eżerċizzju li kollha kienu tipi ta' eżerċizzji differenti.

Ippruvajt nanalizza jekk kienx hemm xi ħaġa komuni bejn il-parteċipanti li ġabuhom ħżiena li tista' tagħti ħjiel għal dan. L-unika ħaġa li kellhom komuni hija li kollha kemm huma qalu li jafu l-Ingliż sew, iżda l-bqija kollha kellhom lingwi nattivi differenti. Xi ħaġa komuni li sibt bejn it-tliet nomi hija li għal kull nom dejjem kien hemm xi ħadd Serbjan li ġabha ħażina,

għan-nom ‘kuker’ u ‘nannu’ kien hemm żewġ studenti Albaniżi li ġabuha ħażina, iżda l-bqija tal-istudenti kollha kellhom nazzjonalità differenti fosthom Awstraljan (KGAW)[3] u Skoċċiż (CPS) li ġabu ‘kuker’ u ‘kelb’ ħżiena, Ġorġjan (NJĠ) li ġab ‘kuker’ u ‘nannu’ ħżiena, Ungariż, Pollakk u Litwaniża (FGL) li ġabu n-nom ‘nannu’ ħażin, u Taljan u Ingliża li ġabu n-nom ‘kelb’ ħażin. Għalhekk, il-lingwa nattiva ma kinitx is-sors għal din it-tweġiba. Għan-nomi ‘kuker’ u ‘nannu’, l-istudenti li ġabuhom ħżiena kienu kollha jmorru f’waħda mill-iskejjel partikolari, b’eċċezzjoni għal student li rrisponda ħażin għan-nom ‘nannu’ li kien ġej mit-tieni skola.

Min-naħa l-oħra, l-uniku nom li għalih kważi kulħadd irrisponda b’mod inkorrett, b’56 parteċipant, kien in-nom ‘friġġ’. Dan in-nom kien wieħed min-nomi fil-lista li minkejja li l-forma tiegħu normalment hija użata għal nomi maskili, in-nom ‘friġġ’ huwa meqjus bħala femminili fil-grammatika Maltija. Għalhekk, kien wieħed min-nomi li wera l-interlingwa tal-istudenti. Għal darboħra, ir-raġuni mhix waħda ta’ lingwa nattiva għaliex l-istudenti li ġabuha tajba kollha għandhom nazzjonalità differenti (Albaniża, Awstraljan, Ungariż, Venezwelan, Taljan, Niġerjan, Siberjana, u Brażiljan). L-istudenti li ġabuha tajba kienu mħalltin miż-żewġ skejjel u mhux mill-istess skola.

### 6.4 Ir-riżultati tan-nomi kollha b’eċċezzjoni

Tabella 15 (Appendiċi 16A) turi li d-disa’ nomi femminili kollha, għajr għan-nom ‘hairband’, ġew assoċjati mill-maġġoranza mal-maskil. L-iktar nom li ġie assenjat il-ġens maskil minnhom kien in-nom ‘friġġ’ b’87.5% tal-parteċipanti jagħżlu ‘abjad’. Jista’ jkun li l-perċentwal kien daqshekk għoli għal dan in-nom minħabba li ġej mill-Ingliż u fl-Ingliż ma

[3] L-ittri fil-parentesi wara n-nazzjonalità tal-istudenti huma l-inizjali li servew bħala kodiċi biex niddiferenzja bejn parteċipanti differenti. L-ewwel żewġ ittri jirreferu għall-ewwel ittra tal-isem u l-kunjom tal-istudent/a, filwaqt li t-tielet/ir-raba’ ittra tirreferi għan-nazzjonalità.

hemmx ġens. Fil-fatt it-tieni l-aktar nom li ġie assoċjat mal-maskil kien in-nom 'stapler' b'77%, nom li wkoll ġej mill-Ingliż. Min-naħa l-oħra, għan-nom 'hairband' kien l-iktar li assoċjaw miegħu kien il-ġens femminil probabbilment minħabba li kif diġà aċċennajt għalih, l-oġġett jintuża l-iktar minn persuni femminili.

Għalhekk, meta ma jidħolx b'ċertu saħħa l-ktiterju semantiku, l-istudenti jassenjaw il-ġens skont il-kriterju formali. Jidher ċar li minkejja li n-nomi huma femminili, la ma jispiċċawx bil-'a', probabbilment ma jiġux assenjati l-femminil u viċe versa. Dan il-fatt juri l-interlingwa li dawn l-istudenti internazzjonali qed jibnu biex jgħallmu u jħarrġu lilhom innifishom jifhmu l-ġens grammatikali Malti għal nomi differenti.

Dan ir-riżultat kisbu wkoll Farrugia (2003) meta fl-istudju tiegħu preżenta numru ta' kliem ivvintat lill-parteċipanti u huma kellhom jassenjaw il-ġens. Minħabba li kien ivvintat, l-għażla tagħhom kellha tistrieħ purament fuq il-kriterju formali. Huwa sab li l-parteċipanti wkoll assenjaw il-ġens skont it-tarf u l-maġġoranza tagħhom attribwew il-ġens maskili għaliex in-nomi kollha kienu jispiċċaw b'tarf konsonantali; 'stubinger', 'minger', 'mocket', 'trakit', 'brading', 'chabbing', 'ablement', 'dalement', 'bringout', 'glowout', 'misco', 'stingo', 'fray', 'growby', u 'pely'. Dan juri kemm il-ġens maskil jidher bħala n-norma għaliex huwa l-ġens li tendenzjalment huwa mogħti lin-nomi kollha li jispiċċaw bi kwalunkwe tarf li mhux 'a'. Fil-fatt, fil-kapitlu preċedenti ġie nnutat li l-ġens maskili ntgħażel b'perċentwal ogħla minn dak femminili mill-maġġoranza tal-parteċipanti għall-maġġoranza tan-nomi tul il-fuljett kollu.

Tabella 16 (Appendiċi 16B) turi n-nomi kollha maskili b'eċċezzjoni. Hawnhekk, għal darboħra, il-parti l-kbira tal-parteċipanti assenjaw il-ġens femminil minkejja li huma kollha nomi maskili. L-iktar nom li ġie assoċjat mal-ġens femminil kien in-nom 'raba' li għalih 81.3%

tal-parteċipanti wieġbu 'raba sabiħa'. Minkejja dan, għan-nomi 'papà' u 'pilota', il-parteċipanti ma mxewx mas-sekwenza li rajna fin-nomi l-oħra. Dan għaliex għal dawn iż-żewġ nomi partikolari, minkejja li wkoll jispiċċaw bil-'a', il-maġġoranza assenjaw il-ġens maskil. Jista' jkun li għamlu dan għax it-tnejn li huma għandhom referent uman u filwaqt li 'papà' jirreferi għal persuna ta' sess maskil dejjem, in-nom 'pilota', minkejja li huwa nom b'ġens komuni, x'aktarx dejjem nassoċjaw persuna ta' sess maskili. Dan madanakollu, ma japplikax għan-nomi 'Alla' u 'mastrudaxxa' li b'xi mod it-tnejn li huma għandhom ukoll konnotazzjoni għal referent uman. Il-maġġoranza xorta waħda assenjaw il-ġens femminil għal dawn l-aħħar żewġ nomi.

Għaldaqstant, hawnhekk għandna ħjiel fuq l-interlingwa ta' dawn l-istudenti internazzjonali u jkompli jiġi affermat dak kollu li għidna tul din l-analiżi. L-istudenti li qed jitgħallmu l-MLB jidhru li jistrieħu fuq il-kriterju formali meta ma jkunux jafu t-tifsira tan-nom f'dak il-kuntest partikolari. Jidher ċar li meta l-istudenti kienu jafu n-nom għal-liema oġġett kien qed jirreferi, jiġifieri kienu jafu t-tifsira semantika tan-nom, attribwew il-ġens korrett anke jekk il-forma ma kinitx timxi mal-forma tradizzjonali (jiġifieri li nom femminili jispiċċa bil-'a', u nom maskili jispiċċa b'tarf ieħor). Min-naħa l-oħra, meta ma kinux jafu t-tifsira, ibbażaw ir-risposta tagħhom fuq il-forma tan-nom. Filwaqt li din it-tattika taħdem għall-maġġoranza tan-nomi fil-Malti, għaliex ħafna nomi jimxu mal-forma tradizzjonali, speċjalment dawk ġejjin mis-Semitiku u mir-Rumanz, l-istudenti għandhom jiġu mgħarrfa sabiex joqogħdu attenti għal eċċezzjonijiet bħal dawn, li fil-Malti ma nsibux wisq minnhom.



Grafika 20: Ir-riżultati tan-nomi kollha b'eċċezzjoni

Permezz ta' grafika 20 wieħed jista' jifhem aħjar dak li ħareġ mir-risposti. L-ewwel parti tal-grafika turi l-parteċipanti kif marru fin-nomi kollha b'eċċezzjoni. Din turi li 39.5% tal-parteċipanti rrispondew b'mod korrett. Il-parti tan-nofs u l-aħħar parti ta' grafika 20, tippreżenta dak li urew tabella 15 u 16 (Appendiċi 16) diskussi fil-paragrafi ta' qabel b'mod grafiku li juri b'mod aktar ċar l-istatistika. Jekk wieħed kellu jqabbel, il-parteċipanti rrispondew aħjar in-nomi maskili minn dawk femminili, b'10.8% differenza. Għaldaqstant, dan juri li minkejja li xorta jibqa' l-fatt li l-maġġoranza tal-parteċipanti rrispondew b'mod li ma jurix il-ġens stabbilit fil-Malti għal dawn in-nomi b'eċċezzjoni, kien hemm iktar parteċipanti li rnexxielhom jagħrfu jirrispondu n-nomi maskili f'din il-kategorija b'mod korrett.

## 6.5 Ir-riżultati skont it-tip ta' eżerċizzju

F'din l-analiżi xtaqt ukoll inħares u nanalizza r-risposti tal-istudenti skont it-tipi differenti ta' eżerċizzji użati. Kien għalhekk li ġbart in-nomi skont it-tip ta' eżerċizzju sabiex nifhem jekk kienx hemm xi tip ta' sekwenza jew ħsieb lingwistiku.

### *6.5.1 L-eżerċizzju tal-pronom dimostrattiv*

Eżerċizzju li ntuża għal kull stampa tal-fuljett kien l-eżerċizzju li fih il-parteċipanti kellhom jagħżlu bejn il-pronom dimostrattiv maskil u femminil, 'dak' jew 'dik', skont in-nom mogħti fuq wara. In-nom u l-pronom intużaw f'kuntest iżolat, iżda bħal kull mistoqsija oħra fi kwalunkwe eżerċizzju ieħor, kienu akkumpanjati mill-istampa li turi l-oġġett.

Tabella 17 (Appendiċi 17A) turi n-nomi kollha li ntużaw fl-erba' eżerċizzji tal-pronom dimostrattiv. Dawn l-eżerċizzji kienu l-iktar li ġabru nomi fihom għaliex xtaqt li l-istudnti ma jaqtgħux qalbhom b'eżerċizzji oħra li jistgħu joffru ftit iktar sfida. It-tabella turi wkoll li għall-maġġoranza tan-nomi, għajr għan-nomi 'ilma', 'art', 'purċissjoni', 'għajn', u 'xemx', il-maġġoranza tal-istudenti wieġbu b'mod korrett għalihom. Għalhekk, wieħed jista' jikkonkludi li għal madwar 79% tan-nomi f'dawn l-eżerċizzji, il-maġġoranza tal-istudenti għażlu l-ġens grammatikali korrett. Għalhekk, l-istudenti b'mod ġenerali marru tajjeb fl-eżerċizzju tal-pronom dimostrattiv.



Grafika 21: Ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-pronom dimostrattiv

Kif turi l-grafika, il-maġġoranza tal-istudenti, 66.1% (ekwivalenti għal madwar 42 parteċipant), wieġbu b'mod korrett.

### *6.5.2 L-eżerċizzju tal-aġġettiv*

Fl-eżerċizzju tal-aġġettiv l-istudenti ngħataw nom u mill-parentesi ntalbu jimmarkaw l-aġġettiv. B'hekk, filwaqt li xorta waħda n-nom ħallejtu 'l barra minn kuntest ta' sentenza, xorta qed nanalizzah b'mod differenti milli kieku analizzajtu bil-pronom dimostrattiv. In-nom issa bidel il-pożizzjoni u ġie fuq quddiem filwaqt li l-aġġettiv ġie fuq wara. Barra minn hekk, għal kull nom intuża aġġettiv differenti u b'hekk l-istudenti jiġu mistennija li jħaddmu ftit iktar moħħhom milli jassenjaw biss il-pronom dimostrattiv. Dan it-tip ta' eżerċizzju ntuża darbtejn tul il-fuljett kollu.

Tabella 18 (Appendiċi 17B) turi li minbarra n-nomi 'friġġ', 'Alla', u 'arti', il-maġġoranza tal-parteċipanti taw il-ġens korrett (skont kif inhu mniżżel fil-grammatika Maltija) għall-bqija tan-nomi.



Grafika 22: Ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-aġġettiv

Din il-grafika qed turi li 69.5% tal-parteċipanti wieġbu b'mod korrett. Hawnhekk ukoll naraw qabża fir-riżultati meta jiġu mqabbla l-perċentwali tat-tliet kategoriji (tajbin, ħżiena, interlingwa) ta' dan l-eżerċizzju. F'dawn l-eżerċizzji 12.3% tan-nomi urew l-interlingwa tal-istudenti.

### *6.5.3 L-eżerċizzju tal-kuntest*

Il-fatt li issa l-parteċipanti ma jiltaqgħux ma' nom wieħed biss, iżda ma' sentenza sħiħa b'kostitwenti oħra, jista' jkun li joffri xi diffikultà partikolari biex jassenjaw il-ġens. Għaldaqstant, f'dan l-eżerċizzju l-istudenti kienu mistennija jħaddmu aktar moħħhom fis-sens li jsibu n-nom u jħaddmu l-ġens grammatikali għalih. Tabella 19 (Appendiċi 17Ċ) turi li

għal dan l-eżerċizzju ntużaw 13-il nom. Huwa t-tip ta' eżerċizzju li l-inqas kellu nomi. Ħallejt l-inqas ammont ta' nomi għal dawn l-eżerċizzji għaliex ma xtaqtx li meta jiftħu l-fuljett l-istudenti jaraw ħafna sentenzi u jaqtgħu qalbhom.

Għajr għan-nomi 'raba', 'reliġjon', 'mastrudaxxa', u 'stapler', il-maġġoranza tal-parteċipanti wieġbu b'mod li jaqbel mal-grammtika Maltija għall-bqija tan-nomi. Dawn l-erba' nomi msemmija, kif rajna fl-analiżi fis-sezzjonijiet ta' qabel, il-forma tagħhom tmur lil hinn minn dik tradizzjonali: jiġifieri n-nomi 'reliġjon' u 'stapler' għalkemm huma femminili ma jispiċċawx bil-'a', u n-nomi 'raba' u 'mastrudaxxa' minkejja li normalment huma maskili jispiċċaw bil-'a' (suffiss femminili).



Grafika 23: Ir-riżultati tal-eżerċizzji tal-kuntest

F'dawn l-eżerċizzji jidher li l-maġġoranza tal-istudenti wieġbu b'mod korrett. Fil-fatt, 63.1% tal-parteċipanti, ekwivalenti għal madwar 40 persuna wieġbu b'mod korrett. Għalhekk

jidher li l-maġġoranza tal-parteċipanti kienu kapaċi jagħrfu n-nom u jassenjaw il-ġens grammatikali korrett għalih.

### *6.5.4 L-eżerċizzji kollha mqabblin*

Issa li tajna ħarsa ħafifa lejn kull tip ta' eżerċizzju, tajjeb li wieħed iqabbel flimkien id-data li ħarġet mit-tliet tipi ta' eżerċizzji użati. B'hekk wieħed ikun jista' jagħraf kif l-istudenti l-iktar li jsibuhom komdi u f'liema marru l-aħjar u l-agħar. Din l-analiżi tista' tagħti ħjiel għal xogħol fil-klassi jew għad-dar biex kemm jista' jkun ngħinu lill-istudenti.



Grafika 24: Ir-riżultati tal-eżerċizzji kollha

Mill-grafika wieħed jista' jinnota li l-perċentwali tal-eżerċizzji differenti huma qrib ħafna ta' xulxin. L-iktar eżerċizzju li l-istudenti dehru li marru tajjeb fih kien dak tal-aġġettiv, b'69.5% tal-parteċipanti jirrispondu b'mod korrett. Fix-xogħol tagħhom Zyzik u Azevedo (2009) sabu li l-istudenti li jkunu qed jitgħallmu lingwa barranija sabu l-aktar diffiċli d-

distinzjoni bejn l-aġġettiv u n-nom. Però, din id-diffikultà ma tidhirx li nħasset skont l-istatistika li tidher fi grafika 24 għaliex jidhru li rnexxielhom jifhmu u jagħżlu l-aġġettiv it-tajjeb.

Fid-dissertazjoni tagħha, Borg (2018) sabet li l-iktar eżerċizzju li fih marru tajjeb l-istudenti kien f'dak tal-pronom dimostrattiv. Kien għalhekk li fil-fuljett inkludejt dan l-eżerċizzju għal kull stampa. Minkejja dan, skont id-data li ġbart, jidher li l-parteċipanti marru inqas tajjeb minn kif marru fl-eżerċizzju tal-aġġettiv. Fil-fatt kienu 33.9% tal-parteċipanti li rrispondew b'mod inkorrett f'dawn l-eżerċizzji tal-pronom dimostrattiv.

L-inqas tip ta' eżerċizzju li l-istudenti ġabu risposti tajbin fih kien dak tal-kuntest. Dan kien mistenni għaliex kif ġie diskuss qabel, minħabba li dan l-eżerċizzju kien jinkludi sentenzi sħaħ, l-istudenti jridu joqogħdu iktar attenti li jagħrfu n-nom u jassenjaw il-ġens. Dan seta' kien diffiċli għaliex kif sabet Zyzik (2009), l-istudenti jsibuha diffiċli jagħrfu bejn klassijiet differenti ta' kliem. Minkejja dan, ma kienx l-iktar eżerċizzju li ġabu risposti ħżiena fih għaliex fih kien hemm numru sostanzjali ta' nomi li minkejja li r-risposti tagħhom ma kinux korretti, ma tqisux bħala ħżiena għax urew l-interlingwa tal-istudenti.

Għalhekk, permezz ta' din il-grafika, wieħed jista' jifhem li ma jidhirx li kien hemm xi tip ta' differenza drastika li affettwat l-analiżi b'mod drastiku bejn dawn it-tliet tipi ta' eżerċizzji. Il-perċentwal ta' differenza bejniethom kienet ta' 6.2%, madwar erba' studenti biss.

### 6.6 Ir-riżultati skont l-etimoloġija

F'din id-dissertazzjoni ġew użati nomi b'etimoloġija differenti. Rajt li fil-fuljett jiġu inklużi nomi li ġejjin mis-Semitiku, mir-Rumanz, u mill-Ingliż. Dan għamiltu sabiex inkun nista' nanalizza jekk l-istudenti urewx xi preferenza lejn nomi ta' etimoloġija partikolari, u jekk kienx hemm xi differenza drastika. Din l-analiżi tista' titfa' dawl fuq l-importanza li wieħed għandu jitfa' biex jiġi mgħallem ċertu kliem fil-klassi.



Grafika 25: Ir-riżultati skont l-etimoloġija tan-nomi

Minkejja li wieħed forsi jaħseb li l-istudenti probabbilment se jwieġbu b'mod korrett in-nomi li ġejjin mill-Ingliż, l-ewwel nett għax l-Ingliż xi ftit jew wisq kollha huma familjari miegħu, u t-tieni nett għax in-nomi li ġejjin mill-Ingliż jitrattaw oġġetti li huma aktar marbuta maż-żmien tal-lum, fosthom reġistri marbuta mat-teknoloġija, mal-isport eċċ, in-nomi Ingliżi kienu fil-fatt l-iktar nomi li għalihom irrispondew ħażin. Probabbilment, minħabba li fl-Ingliż ma teżistix sistema ta' ġens, poġġiet sfida fuq l-istudenti biex jagħtu ġens.

Min-naħa l-oħra, l-iktar nomi li wieġbu b'mod korrett għalihom kienu dawk li ġejjin mir-Rumanz. Fil-fatt, 71.8% tal-parteċipanti rrispondew b'mod korrett. Jista' jkun li l-istudenti marru l-aħjar fin-nomi Rumanzi għaliex in-nomi Rumanzi għandhom influwenza minn lingwi differenti fosthom it-Taljan, il-Franċiż, u l-Ispanjol. Għaldaqstant, hemm ċans ikbar li l-istudenti jkunu ltaqgħu ma' kelma simili f'lingwi oħra.

In-nomi Semitiċi huma użati ħafna fil-Malti u kważi kollha għandhom ġens stabbilit fost il-kelliema Maltin. Għaldaqstant, l-istudenti internazzjonali jisimgħu dan il-kliem jitħaddem b'mod frekwenti u b'mod konsistenti. Dan jidher għaliex numru sostanzjali ta' studenti wieġbu b'mod korrett in-nomi Semitiċi.

Tlieta u għoxrin parteċipant kienu ġejjin minn pajjiż li l-ilsien nattiv tiegħu huwa l-Għarbi (2 parteċipanti), it-Taljan (9 parteċipanti), u l-Ingliż (12-il parteċipant). Tabella 4 turi fid-dettall ir-risposti ta' dawn il-parteċipanti skont l-etimoloġija tan-nomi u l-lingwa tagħhom. Din it-tabella turi sezzjonijiet differenti skont il-lingwa nattiva tal-istudenti. Kull garżella hija maqsuma fi tlieta, kaxxa għal kull lingwa. Il-kaxxa ta' fuq ta' kull garżella fiha n-numru tal-istudenti kif ġew immarkati u skont kif inġabru l-kwestjonarji wara xulxin.

Tabella 4: Il-lingwa nattiva tal-istudent vs l-etimoloġija

| **Studenti Għarab** | | |
|---|---|---|
| Student 4 | | |
| Semitiku = 17/24 (70.8%) | Rumanz = 16/21 (76.2%) | Ingliż = 3/9 (33.3%) |
| Student 13 | | |
| Semitiku = 19/24 (79.2%) | Rumanz = 17/21 (81%) | Ingliż = 7/9 (77.8%) |
| **Studenti Taljani** | | |
| Student 8 | | |
| Semitiku = 20/24 (83.3%) | Rumanz = 17/21 (81%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 19 | | |
| Semitiku = 22/24 (91.7%) | Rumanz = 18/21 (85.7%) | Ingliż = 9/9 (100%) |

| | | |
|---|---|---|
| Student 22 | | |
| Semitiku = 18/24 (72%) | Rumanz = 16/21 (76.2%) | Ingliż = 7/9 (77.8%) |
| Student 26 | | |
| Semitiku = 15/24 (63.5%) | Rumanz = 17/21 (81%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 31 | | |
| Semitiku = 20/24 (83.3%) | Rumanz = 18/21 (85.7%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 46 | | |
| Semitiku = 15/24 (62.5%) | Rumanz = 17/21 (81%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 51 | | |
| Semitiku = 17/24 (70.8%) | Rumanz = 17/21 (81%) | Ingliż = 4/9 (44.4%) |
| Student 55 | | |
| Semitiku = 20/24 (83.3%) | Rumanz = 15/21 (71.4%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 56 | | |
| Semitiku = 17/24 (70.8%) | Rumanz = 18/21 (85.7%) | Ingliż = 7/9 (77.8%) |
| **Studenti Ingliżi** | | |
| Student 3 | | |
| Semitiku = 19/24 (79.2%) | Rumanz = 14/21 (66.7%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 6 | | |
| Semitiku = 14/24 (58.3%) | Rumanz = 14/21 (66.7%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 14 | | |
| Semitiku = 12/24 (50%) | Rumanz = 12/21 (57.1%) | Ingliż = 4/9 (44.4%) |
| Student 25 | | |
| Semitiku = 16/24 (66.7%) | Rumanz = 14/21 (66.7%) | Ingliż = 3/9 (33.3%) |
| Student 34 | | |
| Semitiku = 16/24 (66.7%) | Rumanz = 13/21 (61.9%) | Ingliż = 5/9 (55.6%) |
| Student 36 | | |
| Semitiku = 19/24 (79.2%) | Rumanz = 16/21 (76.2%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 39 | | |
| Semitiku = 20/24 (83.3%) | Rumanz = 16/21 (76.2%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 41 | | |
| Semitiku = 16/24 (66.7%) | Rumanz = 11/21 (52.4%) | Ingliż = 7/9 (77.8%) |
| Student 50 | | |
| Semitiku = 13/24 (54.3%) | Rumanz = 15/21 (71.4%) | Ingliż = 6/9 (66.7%) |
| Student 53 | | |
| Semitiku = 16/24 (66.7%) | Rumanz = 13/21 (61.9%) | Ingliż = 3/9 (33.3%) |
| Student 59 | | |
| Semitiku = 15/24 (62.5%) | Rumanz = 12/21 (57.1%) | Ingliż = 7/9 (77.8%) |
| Student 61 | | |
| Semitiku = 19/24 (79.2%) | Rumanz = 17/21 (81%) | Ingliż = 7/9 (77.8%) |

It-tabella turi li ż-żewġ studenti Għarab marru l-aħjar fin-nomi li ġejjin mir-Rumanz. Student 4 fil-fatt ġab 76.2% tar-risposti tan-nomi Rumanzi tajbin filwaqt li student 13 ġab 81% tagħhom tajbin. Jidher ukoll li l-inqas li marru tajjeb kien fin-nomi li ġejjin mill-Ingliż. Għan-nomi kollha li ġejjin mill-Ingliż, l-ewwel student ġab il-maġġoranza tar-risposti għan-nomi Ingliżi ħżiena. It-tieni student mar aħjar mill-ewwel wieħed għaliex ġab 77.8% tan-nomi tajbin. Għan-nomi Semitiċi, l-istudenti ġabu 70.8% u 79.2% tar-risposti tajbin rispettivament. Minbarra li student 13 ġab riżultati aħjar minn ta' student 4, ġab ukoll marki simili jew viċini ta' xulxin fit-tliet gruppi ta' nomi ta' etimoloġiji differenti.

Id-disa' studenti Taljani, ġabu riżultati differenti minn xulxin. Fil-fatt, kienu biss ftit iktar min-nofs tagħhom, ħames studenti, li marru l-aħjar fin-nomi Rumanzi. Min-naħa l-oħra, l-erba' studenti l-oħra, tnejn minnhom, student 8 u 55, marru l-aħjar fin-nomi Semitiċi b' 83.3% kull wieħed, filwaqt li t-tnejn l-oħra, studenti 19 u 22, marru l-aħjar fl-Ingliż tant li student 19 ġab 100% tan-nomi Ingliżi tajbin. Skont it-tabella, dawk li marru l-aħjar fin-nomi Rumanzi, tlieta minnhom marru l-agħar fis-Semitiku, filwaqt li t-tnejn l-oħra marru l-agħar fl-Ingliż.

Il-bqija tat-12-il student Ingliż, kienu biss tnejn minnhom li marru l-aħjar fl-Ingliż, student 41 u 59 b'77.8% kull wieħed. Min-naħa l-oħra, ħames studenti marru l-aħjar fin-nomi li ġejjin mis-Semitiku, u tlieta li marru l-aħjar fin-nomi Rumanzi. Il-bqija taż-żewġ studenti ġabu l-istess marka bejn żewġ gruppi etimoloġiċi differenti; student 6 ġab 66.7% tar-risposti għan-nomi Rumanzi u Ingliżi tajbin, filwaqt li student 25 ġab 66.7% tar-ripsosti għan-nomi Semitiċi u Rumanzi b'mod korrett u mar l-agħar fin-nomi Ingliżi.

B'mod ġenerali, din l-analiżi għinitni nifhem li dawn l-istudenti ma marrux l-aħjar fin-nomi li ġejjin mil-lingwa nattiva tagħhom. B'eċċeżżjoni għal dawk il-ħames studenti Taljani li marru l-aħjar fin-nomi Rumanzi u ż-żewġ studenti Ingliżi li marru l-aħjar fin-nomi Ingliżi, il-bqija tal-istudenti ġabu l-iżjed risposti tajbin għal nomi li ma kinux ġejjin mil-lingwa nattiva tagħhom. Permezz tat-tabella, wieħed jista' jinnota li dan il-kampjun ta' studenti ġabu l-aktar risposti tajbin għal nomi Rumanzi, b'għaxar parteċipanti minn 23. Dan ir-riżultat deher ukoll permezz ta' grafika 25 fejn il-parteċipanti kollha li ħadu sehem fil-fuljett ukoll marru l-aħjar fin-nomi Rumanzi. Wara n-nomi Rumanzi, l-iktar grupp etimoloġiku li marru tajjeb fih kien dak Semitiku b'seba' parteċipanti. L-inqas grupp etimimoloġiku li marru tajjeb fih kien dak Ingliż b'erba' studenti biss li ġabu l-ogħla persentaġġ f'dan il-grupp. Dan l-aħħar riżultat ukoll ġie estiż għall-parteċipanti kollha li ħadu sehem fil-fuljett għaliex skont grafika 25, l-istudenti marru l-agħar fin-nomi Ingliżi.

Għaldaqstant, m'għandniex nieħdu l-kunċett tal-ewwel lingwa b'benfatt għaliex dan kollu juri li jista' joffri kumplikazzjonijiet u sfidi lill-studenti u mhux neċessarjament għajnuna. Pereżempju, filwaqt li wieħed jista' jifhem li filwaqt li s-semantika ta' xi kliem tista' tkun l-istess jew simili bejn lingwa u oħra, pereżempju l-kelma 'sistema', li tirreferi għall-istess kunċett fil-Malti u fit-Taljan, il-ġens jista' jvarja bejn lingwa u oħra. Pereżempju fil-Malti nirreferu għan-nom 'sistema' fil-femminil, filwaqt li fit-Taljan fil-maskili (Ciantar, 2020).

### 6.7 Ir-riżultati ġenerali tal-parteċipanti kollha vis-à-vis l-ġens stabbilit fil-Malti

F'din id-dissertazzjoni xtaqt nanalizza u nqabbel il-ġens li għażlu u attribwew l-istudenti għan-nomi fil-fuljetti, vis-à-vis il-ġens stabbilit tagħhom fil-grammatika Maltija.



Grafika 26: Ir-riżultati tal-parteċipanti vis-à-vis l-ġens stabbilit

Grafika 26 qed turi r-risposti tal-istudenti vis-à-vis l-ġens stabbilit tan-nomi fil-Malti. Fil-fatt, jidher li għal 63.4% tan-nomi femminili ġew attribwiti l-ġens femminil mill-maġġoranza tal-parteċipanti kif inhu stabbilit fil-grammatika Maltija.

Min-naħa l-oħra, l-istess grafika turi li jekk ngħaqqdu l-kolonna tar-risposti ħżiena u l-kolonna tar-risposti li juru l-interlingwa, jirriżulta li għal 36.6% tan-nomi femminili, il-maġġoranza tal-parteċipanti attribwew il-maskil. Però, il-maġġoranza ta' dan il-persentaġġ, 21.5%, kienu risposti għal nomi li ma jsegwux il-forma tradizzjonali ta' nomi femminili, jiġifieri li jispiċċaw bil-'a' u allura mhumiex meqjusin bħala żbaljati. Fil-fatt, huma nomi li ġew inklużi fil-fuljett intenzjonalment sabiex tiġi analizzata l-attribuzzjoni tal-ġens lil nomi bħal dawn.

Grafika 26 tippreżenta wkoll ir-risposti għan-nomi maskili li kien hemm fil-fuljett. Il-kolonni li qed jirrappreżentaw dan qed juru li skont id-data miġbura l-istudenti ġabu 69.7%

tan-nomi maskili tajbin. Filwaqt li n-nomi maskili m'għandhomx forma waħda partikolari fil-Malti, xorta waħda l-maġġoranza tal-istudenti għarfu ħafna min-nomi maskili u wieġbu b'mod korrett.

Mid-data li nġabret jidher li b'mod ġenerali, il-ġens maskil ġie magħżul iktar milli ġie magħżul il-ġens femminil. Fil-fatt, il-maskil intgħażel b'persentaġġ ta' 53.2%. Hawnhekk jidher li r-riżultati qablu ma' dak li sabet Spender (1980), "Spender tikkonsidra l-fatt li l-ġens maskili minn dejjem tqies bħala n-norma lingwistika bħala l-aktar regola influwenti u inġurjuża li qatt saret" (Farrugia, 2003, p.7). Fil-fatt, Farrugia (2003) sab li fl-ewwel parti tal-istudju 76.9% tan-nomi, fit-tieni parti 66.6%, u fit-tielet parti 71.6% tan-nomi ngħataw il-ġens maskil mill-maġġoranza tal-parteċipanti. Dan ir-riżultat xiref ukoll fit-teżi li saret fl-2021 (Ciantar, 2021) fejn instab li "87.5% tan-nomi ġew ikkunsidrati mill-maġġoranza bħala maskili" (p.109). Minkejja li r-riżultati ta' Farrugia (2003) u Ciantar (2021) jippreżentaw dan fid-dawl ta' nomi li huma missellfa mill-Ingliż, f'din id-disseratzzjoni, minkejja li l-persentaġġ ta' 53.2% huwa relattivament inqas minn dawk imsemmija fiż-żewġ studji l-oħra, wieħed tajjeb li jżomm f'moħħu li f'dan l-istudju, ġew użati wkoll nomi Semitiċi u Rumanzi li daħlu u ilhom jitħaddmu fil-Malti għal mijiet ta' snin meta kkumparati ma' nomi mill-Ingliż li bdew diħlin fil-Malti għal dawn l-aħħar erbgħin sena.

## Is-Seba' Kapitlu

# 7 Id-Diskussjoni

F'dan il-kapitlu nħarsu lejn il-punti saljenti li ħarġu mill-analiżi li saret fil-kapitli preċedenti. Inħarsu lejn il-mistoqsijiet ta' riċerka u nweġbuhom skont dak li ġie analizzat, u nevalwaw kif dan kollu li rajna huwa relevanti għat-tagħlim.

## 7.1 L-ewwel mistoqsija ta' riċerka

Jidher li ġie kkonfermat li b'mod ġenerali l-istudenti għandhom tendenza li jassenjaw il-ġens femminili lil dawk in-nomi li jispiċċaw bit-tarf vokaliku 'a', filwaqt li jassenjaw il-ġens maskili lil kliem ieħor li jispiċċa b'tarf konsonantali, bl-'u', jew bl-'i'. tarf ieħor. Dan juri l-interlingwa li dawn l-istudenti internazzjonali bnew u qed jużaw fis-sistema lingwistika u fit-tħaddim tal-Malti fil-proċess tat-tagħlim tagħhom. Dawn l-istudenti urew li kienu għaddejjin minn proċess ta' interlingwa għaliex fil-maġġoranza tagħhom jidhru li qed jakkwistaw il-ġens grammatikali fil-MLB.

It-tieni parti tal-mistoqsija tistrieħ fuq l-etimoloġija tan-nom. Tul l-analiżi pprovajt nanalizza jekk ċertu żbalji sarux minħabba l-ewwel lingwa jew le billi pprovajt inqabbel il-lingwi tal-istudenti li ġabu r-risposta tajba jew ħażina skont il-każ. Għamilt ukoll analiżi dettaljata tal-istudenti Għarab, Taljani, u Ingliżi li ħadu sehem f'dan l-istudju. Dan jidher f'tabella 4 li rreferejt għaliha f'sezzjoni 6.6.

Minkejja li l-ewwel lingwa setgħet tkun ta' għajnuna biex jifhmu t-tifsir, tabella 4 (f'kapitlu 6) turi li ma jidher li kien hemm ebda sistemazzjoni jew sekwenza nnotata li turi li hemm xi rabta bejn l-ewwel lingwa, l-etimoloġija tan-nom, u l-għażla tal-ġens. Għaldaqstant,

id-dawl li tefgħu l-istudenti Għarab u Taljani fl-intervisti meta qalu li l-ewwel lingwa tagħhom tgħinhom jifhmu ċertu kliem, issa hija ċara li din l-għajnuna hija biss fuq livell semantiku u mhux sintattiku/grammatikali. Għaldaqstant, dan ifisser li l-ewwel lingwa tagħhom tgħinhom jifhmu xi jfisser nom, eżempju bin-nom 'xemx' fil-Malti, l-istudenti Għarab jifhmu għal liema referent qed jirreferi għaliex fil-lingwa tagħhom, jirreferu għal dan ir-referent bħala شمس (shams), imma ma tgħinhomx ikunu jafu jekk dak in-nom għandux ġens maskili jew femmili fil-lingwa fil-mira. Skont Marian et al. (2021),

> Native language similarity has long been known to be a powerful resource for language learning. In many cases, the ease and efficiency of language acquisition can be modulated by existing language knowledge and the actual (Ringbom, 2007) or perceived (Kellerman, 1978; Odlin, 1989) formal similarities between languages (p. 2).

Għalhekk jidher li filwaqt li l-istudenti jibnu l-interlingwa tagħhom fuq il-forma tan-nom, speċifikament fuq tarf in-nom, din is-sistema japplikawha b'mod wiesa' għal-lingwa mingħajr xi tip ta' sistemazzjoni etimoloġika li tiddistingwi xi tip ta' assenjar ta' ġens minn ieħor għal nomi differenti.

### 7.2 It-tieni u t-tielet mistoqsija ta' riċerka

Rajna diffikultajiet u għajnuniet differenti li jiltaqgħu magħhom kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti waqt it-tagħlim tal-MLB. Filwaqt li għandna naħdmu biex inżommu l-livell ta' għajnuniet li hemm għall-għalliema u l-istudenti, tajjeb li naħdmu sabiex intejbu u niżviluppaw dak li qed joħloq xi tip ta' diffikultà.

Is-sistema edukattiva għandha taħdem mhux biss biex tagħmel ċert li l-istudenti għandhom provista ta' edukazzjoni b'saħħitha, imma wkoll li l-għalliema huma appoġġjati biżżejjed u mħejjija tajjeb sabiex huma stess ikunu kapaċi jappoġġjaw u jgħallmu lill-istudenti tagħhom bl-aħjar mod. Fil-fatt, Veldman et al. (2020) irriċerkaw id-differenzi fl-attitudnijiet u t-twemmin tal-għalliema, u kif dawn id-differenzi jistgħu jgħinu lill-istudenti fit-tagħlim tagħhom. Ir-riċerkaturi jsemmu kif attitudnijiet u twemmin pożittivi jwassalu għal kisbiet u suċċessi pożittivi tal-istudenti (p. 103). Jekk l-għalliema ma jsibux l-għajnuna meħtieġa u jħossuhom mitluqa għal riħhom, l-istudenti se jbatu. Ir-riċerka turi li l-kwalità tal-għalliema u kemm huma mħarrġa, huma elementi prinċipali li jwasslu għat-tagħlim u l-iżvilupp tal-istudenti. Xi studjużi, fosthom Harris u Sass (2011), jemmnu li l-kwalità tal-għalliema tiġi mit-taħriġ u l-preparazzjoni tagħhom. Harris u Sass (2011) jisħqu li l-għalliema għandhom jiġu mogħtija taħriġ b'saħħtu qabel jibdew il-kariga fuq livell universitarju, u taħriġ waqt li qed isegwu l-kariga t'għalliema. Huma jirreferu għal dawn it-tipi ta' taħriġ bħala "formal pre-service university education, in-service professional development, and informal training acquired through on-the-job experience" (p. 798). Layolka et al. (2019), jippreżentaw b'mod statistiku għalxiex jista' jwassal in-nuqqas ta' taħriġ u preparazzjoni. Huma jsemmu pereżempju differenzi fil-marki tal-istudenti. Sfortunatament, xi riċerkaturi sabu li numru sostanzjali ta' għalliema f'pajjiżi żviluppati mhumiex ippreparati biżżejjed biex jgħallmu, u huma nieqsa mill-għarfien u l-ħiliet biex jippromwovu u jtejbu t-tagħlim tal-istudenti (2019). Għaldaqstant, minkejja li issa l-MLB ilu jiġi mgħallem għal numru ta' snin, huwa tajjeb li l-għalliema jingħataw taħriġ tul is-snin.

Dan jista' jnaqqas il-problema ta' dimotivazzjoni li l-istudenti jinsabu fiha. In-nuqqas ta' interess u motivazzjoni msemmi mill-għalliema fl-intervisti, jitkellmu fuqu Tsalikova u

Pakothina (2021) meta fl-istudju tagħhom jisħqu li, "quite a lot of young people do not always have the desire to learn foreign languages" (p.39). Bħala edukaturi għandna ngħinu lill-istudenti jifhmu li t-tagħlim tal-Malti m'għandhomx jarawh bħala xi ħaġa li ssir ta' bilfors, imma għandhom jarawh bħala għodda neċessarja li biha jistgħu jintegraw ruħhom aktar fis-soċjetà Maltija u għal opportunitajiet varji intelletwali u soċjali. Dornyei (1996) jiddeskrivi n-natura multidimensjonali tal-motivazzjoni; fenomenu b'dimensjoni soċjali u personali. Fil-fatt, skont Naydenova u Katsarova (2021), "Learning a foreign language has a strong social character [...] this is 'learning to be a different social person', learning to identify with the foreign language community and in some cases adopting a different culture and new behaviors..." (p. 268). Jisħqu li r-riċerka f'dan il-qasam għandha tħares lejn modi effettivi ta' kif lingwa barranija tiġi mgħallma lil studenti internazzjonali. Huma jgħidu, "This requires continuous research on the dynamics of students' interest in learning a foreign language, in order to stimulate motivation to learn by increasing the quality of language learning through the use of more effective forms of learning" (p. 267).

L-għalliema fl-intervisti tkellmu fuq il-problema ta' komunikazzjoni bejnhom u bejn l-istudenti. Sánchez-Menéndez u Basurto-Santos (2021) sabu problema fl-implimentar tal-approċċ komunikattiv fil-klassi. Skonthom, "The most recurring problem was that the teachers had expected to use English as a pivot language to teach Spanish" (p. 7). Paulikova (2017) temmen li meta individwu jkun qiegħed jitgħallem lingwa barranija, it-taħdit huwa wieħed mill-aktar rekwiżiti importanti għal komunikazzjoni ta' suċċess bejn individwi differenti. Hi tisħaq li biex wieħed jifformula taħdit li jinftiehem u li bih jikkomunika messaġġ sinifikanti, hemm ħafna fatturi influwenti li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni. Tajjeb li wieħed jirrealizza li anke meta nkunu qed nitkellmu bil-lingwa nattiva tagħna, xi kultant nistgħu nsibu

xi sfidi biex nikkomunikaw, għaliex is-sistema komunikattiva hija waħda kkumplikata. Għaldaqstant, il-fatt li wieħed isibha aktar diffiċli biex jikkomunika bil-lingwa fil-mira m'għandhiex tkun xi ħaġa sorprendenti (Paulikova, 2017). Howatt u Smith (2014) jesprimu t-tħassib tagħhom meta jgħidu li l-prinċipji bażiċi tal-lum il-ġurnata fuq it-taħdit b'ilsien barrani jippromwovu li l-istudenti għandhom jiġu mħarrġa kif jibnu konverżazzjoni "ta' kuljum". Però, skonthom, din hija xi ħaġa li hija diffiċli biex tilħaqha fil-klassi minħabba li ħafna għalliema għandhom it-tendenza li jissorveljaw l-istudenti tagħhom il-ħin kollu waqt il-proċess tat-tagħlim, punt li aċċennajt għalih f'kapitlu 2. Fuq dan, Thornbury (1995) jaħseb li kważi l-metodi u t-tekniki kollha tat-tagħlim jikkonċentraw b'mod esklussiv fuq il-vokabularju, il-grammatika u l-pronunzja, mingħajr ma jagħtu kas il-konverżazzjoni reali ta' kuljum. Hu jżid li l-konverżazzjoni vera u ġenwina hija kważi nieqsa kompletament mill-klassi u għalhekk, l-istudenti ma jħossuhomx ippreparati biex jikkomunikaw bil-lingwa fil-mira.

Sabiex tonqos il-problema tal-komunikazzjoni, wieħed għandu forsi jaħseb f'soluzzjoni biex l-istudenti kollha fil-klassi jkunu jistgħu jitgħallmu u jsaħħu l-kompetenza tagħhom fil-Malti. Għalhekk, nistgħu pereżempju niftħu korsijiet qosra barra l-ħin tal-iskola offruti mid-dipartiment tal-edukazzjoni stess, li fihom l-istudenti jiġu mgħallma l-livell bażiku tal-Malti fuq livell individwali jew gruppi żgħar ħafna, sabiex la darba jidħlu fil-klassi jkunu jistgħu jmexxu u jikkomunikaw mingħajr diffikultà kbira mal-bqija tal-istudenti u mal-għalliema. Dan jista' jgħinhom ukoll fil-kwalità ta' ħajja li jgħixu. Scally u Jiang (2020) jgħidu li studenti internazzjonali meta ma jkunux jafu l-lingwa għandhom tendenza li ma jitħalltux ma' dik is-soċjetà u jfittxu li jissoċjalizzaw biss ma' persuni li jitkellmu l-istess lingwa tagħhom (p. 1336). Fil-fatt, dan il-punt tkellem fuq student T1.

Ir-riżorsi urew li kienu ta' għajnuna kemm għall-għalliema kif ukoll għall-istudenti. L-użu ta' riżorsi differenti huwa importanti kemm biex jiffaċilita ħajjet l-għalliema kif ukoll dik tal-istudenti. Skont Zhara (2020), l-użu tar-riżorsi huwa importanti mhux biss biex jagħmel il-lezzjoni iktar attraenti u interessanti, imma jgħin ukoll lill-istudenti jitgħallmu b'mod aktar effettiv u biex jiżviluppaw xi ħiliet.  Bihom il-lezzjoni ssir aktar interessanti mhux biss għall-istudenti imma wkoll għall-għalliema. Clapp (1906) jgħid, "The picture speaks more eloquently than any description which we may hear or read" (p. 180). Bl-użu tal-istampi fil-klassi, riżorsa użata ta' spiss kif rajna fl-intervisti, jistgħu jipproduċu sens ta' eċitament fost l-istudenti, xi ħaġa li ġiet innutata wkoll minn Catherine J. Lanctot (2013) fi studju li għamlet fuq it-tagħlim tal-Istorja fil-klassi permezz tal-filmati. Hi qalet li għalkemm ħafna mill-filmati li jintużaw fil-klassi jagħtu informazzjoni li tista' tintlaħaq b'modi oħrajn, l-użu tal-filmati jqajjem ċertu eċitament għat-tagħlim fost l-istudenti li ebda riżorsa oħra ma tista' (p. 419). Dan jgħin biex l-istudenti jinteressaw u jimmotivaw ruħhom għal-lezzjonijiet tal-MLB. Permezz tagħhom, wieħed jappella għal stili ta' tagħlim differenti, u għalhekk, l-istudenti jirnexxielhom jitgħallmu iktar filwaqt li l-għalliema jirnexxielhom iwasslu l-għan tagħhom b'mod eħfef u aktar effettiv.

Punt ieħor interessanti huwa li r-riżorsi tajjeb li jsiru permezz tal-ħidma kollaborattiva bejn l-għalliema. Permezz ta' hekk jinbnew komunitajiet ta' tagħlim professjonali u għalliema kritiċi. Xi fatturi li joħorġu minn din il-kollaborazzjoni huma li jiġi avvanzat l-għarfien tal-għalliema, trawwem il-kolleġjaletà, tnaqqas l-iżolalment fost l-għalliema, u twassal lill-għalliema jgħarfu għarfien ġdid dwar it-tagħlim, kemm bħala 'teaching' kif ukoll bħala 'learning'. Però, l-aktar element importanti ta' din il-ħidma kollaborattiva huwa li jitjieb it-tagħlim għall-istudenti (Caskey & Carpenter, 2014).

### 7.3 Ir-relevanza tar-riżultati għat-tagħlim

Studji bħal dan huma importanti għal ħafna raġunijiet. Permezz tagħhom, wieħed ikun jista' jħares lejn ċertu kwistjonijiet fis-sistema edukattiva li wħud minnhom jistgħu jitjiebu għall-ġid tat-tagħlim tal-istudenti.

Waħda mill-problemi li naraw fis-sistema edukattiva preżenti, hija li t-tagħlim fil-klassi ħafna drabi jdur ma' kotba sistematiċi u jitwarrbu l-istrateġiji tat-tagħlim. Dan jirrifletti t-twemmin żbaljat tal-għalliema dwar it-tagħlim, għaliex jaħsbu li wara li jkunu għallmu għarfien sistematiku, l-istudenti jkunu kapaċi jifhmu l-għarfien relatat tal-lingwa fil-mira b'mod sħiħ u korrett. Però, dan l-istudju fost studji oħra juri li ħafna drabi meta l-istudenti jiksbu għarfien ġdid, jiksbuh minħabba li tant jagħmlu użu subkonxju tajjeb tal-istruttura tal-interlingwa, li jinternalizzaw l-informazzjoni tal-lingwa l-ġdida biex jiffurmaw sistema ġdida ta' għarfien ġdid (Sheng, 2007). Minħabba n-nuqqas ta' għarfien mill-għalliema dwar l-interlingwa tal-istudenti, għandhom jiġu inkoraġġuti sabiex ifittxu studji bħal dan u oħrajn bħal ta' Camilleri Grima (2015, 2016, 2020 & 2021) u Żammit (2019, 2022a & 2022b) li saru f'kuntest lokali. Għandhom jirreferu għalihom u jirrelataw ma' dak li nstab, sabiex jifhmu u jitgħallmu l-mod kif dawn l-istudenti jitgħallmu l-lingwa barranija, x'jista' jgħinhom, u x'inhu dak li jtellifhom, sabiex dejjem itejbu l-esperjenza ta' tagħlim tal-istudenti.

Dan l-istudju għalhekk juri l-importanza li l-għalliema fl-iskola jgħallmu strateġiji ta' tagħlim differenti. B'hekk, l-istudenti jkollhom l-abbiltà li janalizzaw u jorganizzaw informazzjoni ġdida. Konsegwentament, l-istudenti jkunu kapaċi jevalwaw il-proċess tat-tagħlim b'mod xieraq (Sheng, 2007). Dan jgħin lill-istudenti sabiex ikunu kapaċi jagħrfu s-sors ta' tagħlim tat-tieni lingwa, jiġifieri s-sors li jesponihom għal-lingwa. Pereżempju naraw il-

problema li ħafna ġenituri internazzjonali li tgħallmu l-Malti, jipprovaw jgħaddu l-informazzjoni u jgħallmu l-lingwa lil uliedhom. Iżda minkejja l-motivazzjoni tagħhom, il-preżentazzjoni tagħhom hija differenti mil-lingwa fil-mira. Għalhekk, lanqas jekk l-istudenti jaqbdu dik l-informazzjoni kollha mogħtija mill-ġenituri ma jkunu tgħallmu l-lingwa kif jafuha l-kelliema nattivi, għaliex dak li jkunu qed jieħdu hija interlingwa wkoll. Dan l-istudju jitfa' dawl fuq l-importanza li l-istudenti jkollhom sors ta' tagħlim b'saħħtu li jistgħu jfittxuh 'il barra mill-klassi fil-ħajja ta' kuljum permezz tal-istrateġiji mgħallma fil-klassi sabiex jiġu esposti għal-lingwa nattiva fid-diskors ta' kuljum. Dan jgħinhom jibnu sistema lingwistika b'saħħitha.

Għaldaqstant, dan l-istudju u oħrajn bħalu jissuġġerixxu li bħala għalliema għandna nibqgħu ngħallmu strateġiji ta' tagħlim differenti, fosthom starteġiji li jgħinu lit-tfal jifhmu u jirrealizzaw is-sistema tal-interlingwa mibnija inkonxjament. Fuq hekk, Sheng (2007) tgħid, "In my view, reflecting on cognition is an effective strategy, which makes their covert interlanguage system become overt" (p.37). Dan nistgħu nagħmluh billi wara li tkun ġiet spjegata xi ħaġa, l-għalliema tirrekordja lill-istudenti kif jitkellmu, u jaqsmu informazzjoni ma' studenti oħra fost oħrajn, biex b'hekk l-istudenti jkollhom iċ-ċans li jipprattikaw dak li tgħallmu. Iktar importanti minn hekk, bil-għajnuna tal-għalliema, l-istudenti jistgħu jqabblu l-interlingwa tagħhom mal-lingwa fil-mira li qed jipprovaw jitgħallmu, u b'hekk jaraw id-differenzi u x'għandhom ibiddlu jew jirranġaw. Dan huwa proċess ta' riflessjoni konjittiva, li waqtu l-istudenti jiżviluppaw l-abbiltà li jitgħallmu b'mod awtonomu u jevitaw l-influwenza negattiva li s-sistema tal-interlingwa tagħhom tpoġġilhom fuq il-proċess tat-tagħlim (Sheng, 2007). Għalhekk, l-għalliema kif ukoll l-istudenti jridu jaħdmu sabiex isiru konxji tal-interlingwa.

Huwa permezz ta’ studji bħal dan li jgħinu lill-għalliema jtejbu l-pedagoġija tagħhom. L-għalliema għandhom jifhmu li jridu jagħtu feedback tajjeb lill-istudenti. L-għalliema għandhom ukoll jifhmu u jitgħallmu li jridu jfiehmu lill-istudenti li m’għandhomx għalfejn jinkwetaw li jagħmlu xi żbalji, imma jridu jassumu li l-iżbalji li jagħmlu huma parti mill-proċedura ta’ żvilupp bejn il-lingwa materna u t-tieni lingwa. Fit-tagħlim ta’ lingwa barranija, l-‘iżbalji’ tal-istudenti huma kkawżati minn diversi proċessi differenti. Dawn jinkludu: 1. jissellfu sekwenzi mill-ilsien nattiv; 2. jestendu xi sekwenzi mil-lingwa fil-mira; 3. jesprimu t-tifsir billi jużaw kliem u grammatika li diġà jafu.

Dan l-istudju jista’ jgħin lill-għalliema jtejbu l-pedagoġija tagħhom minn żewġ naħat. L-ewwel nett dan l-istudju jgħin lill-għalliema jifhmu kif l-istudenti jibnu l-interlingwa tagħhom. Dan l-istudju speċifikament juri b’mod ċar kif il-maġġoranza tal-istudenti internazzjonali jitgħallmu l-ġens grammatikali u kif jassenjawh fil-Malti. Minħabba li t-terminu interlingwa ma jippuntax direttament la lejn il-lingwa nattiva u lanqas lejn dik fil-mira, l-iżbalji tal-istudenti ma jistgħux jidhru biss bħala sinjal ta’ falliment, imma bħala evidenza ta’ żvilupp. Il-kunċett tal-interlingwa llibera t-tagħlim tal-lingwa u witta t-triq għal metodi komunikattivi ta’ tagħlim. Minħabba li dawn l-‘iżbalji’ issa huma kkunsidrati bħala riflessjoni tas-sistema lingwistika temporanja tal-istudenti, huma meqjusa bħala parti naturali mill-proċess tat-tagħlim.

It-tieni nett, dan l-istudju jgħin lill-għalliema jifhmu x’inhuma d-diffikultajiet tal-istudenti sabiex kemm jista’ jkun inaqqsu l-probabbiltà ta’ dawn id-diffikultajiet fil-klassi u jkomplu jaħdmu fuq dak li jgħin lill-istudenti. Jgħinhom jifhmu wkoll id-diffikultajiet u l-

għajnuniet li għalliema oħra jsibu. Dan għandu jimmotivahom sabiex b'mod kollaborattiv jgħinu lil xulxin u jaħdmu flimkien.

B'mod ġenerali, dawn l-istudji jgħinu b'modi differenti s-sitwazzjoni fil-klassi kemm min-naħa tal-għalliema kif ukoll min-naħa tal-istudent. Skont Larsen-Freeman u Long (1991), "the fundamental goals of SLA research is to facilitate and expedite the SLA process, and appropriate instruction will undeniably make a contribution" (p. 6). Dan huwa fil-fatt wieħed mill-punti prinċipali li jitkellem fuqu Ellis fix-xogħol tiegħu *Instructed Second Language Acquisition* (1990).

F'Appendiċi 18 wieħed jista' jsib aktar diskussjoni fuq dan marbuta mal-Qafas Komuni Ewropew, ma' referenzi eżistenti fis-sillabu b'rabta mal-kisbiet, u punti għal titjib.

**It-Tmien Kapitlu**

# 8 Il-Konklużjoni

Iż-żewġ għanijiet ta' din id-dissertazzjoni kienu li nanalizzaw l-interlingwa u l-mod kif jitgħallmu l-ġens l-istudenti internazzjonali, u li nifhmu d-diffikultajiet u l-għajnuniet li jsibu l-istudenti u l-għalliema waqt it-tagħlim tal-MLB. Din ir-riċerka tpoġġi lill-istudenti kif ukoll lill-għalliema, iż-żewġ partijiet f'din it-tranżazzjoni ta' tagħlim, fil-qalba tal-ħsieb.

Dan l-istudju jikkonkludi li ġeneralment l-istudenti jistrieħu fuq il-kriterju formali sabiex jassenjaw il-ġens. Dan jorbot ma' dak li l-għalliema qalu fl-intervista; li jgħallmu lill-istudenti l-ġens skont it-tarf tan-nom. Waħda mill-konklużjonijiet fil-fatt hija li minkejja li l-istudenti kienu ġejjin minn pajjiżi u sfond differenti, b'mod ġenerali jidhru li jħaddmu interlingwa simili minħabba li fil-każijiet kważi kollha, il-maġġoranza qablu fuq il-ġens u jidhru li qed jitgħallmu l-ġens għaliex il-maġġoranza rrispondew b'mod korrett. B'hekk jidher li permezz ta' din l-interlingwa, li tistrieħ fuq il-kriterju formali, l-istudenti resqin lejn il-lingwa fil-mira. Deher ukoll li l-etimoloġija tal-kliem vis-à-vis l-lingwa nattiva tal-istudenti ma tpoġġi lill-istudenti f'ebda vantaġġ.

Permezz ta' dan l-istudju nifhmu li l-għalliema u l-istudenti jsibu għadd ta' diffikultajiet bħall-problema ta' komunikazzjoni fil-klassi minħabba l-lingwa, u n-nuqqas ta' motivazzjoni li tinħass lejn it-tagħlim tal-MLB. Min-naħa l-oħra, mill-intervisti nafu li jsibu wkoll xi għajnuniet speċjalment ir-riżorsi użati fil-klassi u l-kollaborazzjoni fit-tħejjija tal-lezzjonijiet bejn l-għalliema.

## 8.1 Limitazzjonijiet

Fi studju bħal dan, wieħed jista' jsib xi limitazzjonijiet marbuta ma' dak li sar. Waħda mil-limitazzjonijiet kienet li fil-fuljett kelma partikolari dehret darba biss u li għalhekk, ma stajtx nikkonferma jekk student irrispondiex tajjeb jew ħażin għax irraġunaha b'xi mod, jew inkella jekk tefgħuhiex għal sieqha. Li kieku xi kliem irrepetejtu, kont inkun nista' nikkonferma dan billi nara l-istudent applikax l-istess ġens fiż-żewġ każijiet jew le.

|---|---|---|---|---|---|
| Valid | dan | **37** | 57.8 | **60.7** | 60.7 |
| | din | **24** | 37.5 | **39.3** | 100.0 |
| | Total | **61** | 95.3 | **100.0** | |
| Missing | System | **3** | 4.7 | | |
| Total | | **64** | 100.0 | | |

## Frequencies

### Statistika

| | | Pilota | Stapler | Printer |
|---|---|---|---|---|
| N | Valid | 61 | 61 | 61 |
| | Missing | 3 | 3 | 3 |

## Frequency Table

### Pilota

| | | Frequency | Percent | Valid Percent | Cumulative Percent |
|---|---|---|---|---|---|
| Valid | famuż | **34** | 53.1 | **55.7** | 55.7 |
| | famuża | **27** | 42.2 | **44.3** | 100.0 |
| | Total | **61** | 95.3 | **100.0** | |
| Missing | System | **3** | 4.7 | | |
| Total | | **64** | 100.0 | | |

### Stapler

| | | Frequency | Percent | Valid Percent | Cumulative Percent |
|---|---|---|---|---|---|
| Valid | imkisser | **47** | 73.4 | **77.0** | 77.0 |
| | imkissra | **14** | 21.9 | **23.0** | 100.0 |
| | Total | **61** | 95.3 | **100.0** | |
| Missing | System | **3** | 4.7 | | |
| Total | | **64** | 100.0 | | |

### Printer

| | | Frequency | Percent | Valid Percent | Cumulative Percent |
|---|---|---|---|---|---|
| Valid | tajjeb | **44** | 68.8 | **72.1** | 72.1 |
| | tajba | **17** | 26.6 | **27.9** | 100.0 |
| | Total | **61** | 95.3 | **100.0** | |
| Missing | System | **3** | 4.7 | | |
| Total | | **64** | 100.0 | | |

**Appendiċi 12: Kif analizzajt l-intervisti?**

Għamilt użu minn kuluri differenti. Pereżempju fl-intervisti tal-għalliema użajt il-kulur aħdar meta r-risposti kienu komuni, u l-kuluri roża u vjola meta kien hemm differenza fir-risposti mogħtija mill-parteċipanti; roża għall-għalliema mara u vjola għall-għalliem raġel. Għall-analiżi tal-intervisti tal-istudenti użajt il-blu u l-aħmar għall-istudenti Għarab, l-aħdar u l-oranġjo għall-istudenti Taljani, u r-roża u l-vjola għall-istudenti Ingliżi. Dan il-metodu għinni ħafna għaliex stajt nara b'mod ċar it-tip ta' data li kont ġbart u ħarġu b'mod ċari r-riżultati. Stajt nara fejn il-parteċipanti kienu qablu u għaldaqstant kienet ħarġet tema, u rajt istanzi oħrajn li fihom il-parteċipanti kellhom ideat u opinjonijiet differenti.

F'din id-dissertazzjoni ddeċidejt li nadotta s-sistema tal-kodiċi biex nirreferi għall-parteċipanti milli nivvinta isem li jixbah lil dak oriġinali. Għall-għalliema użajt il-kodiċi GħF u GħM għall-għalliema femminili u maskili rispettivament, u għamilt l-istess għall-istudenti fejn użajt Għ1 u Għ2 għall-istudenti Għarab, T1 u T2 għall-istudenti Taljani, u I1 u I2 għall-istudenti Ingliżi. Dan il-metodu għini ninduna u nagħraf malajr għal-liema parteċipant inkun qed nirreferi mingħajr ma niżvela l-identità tal-persuna.

## Appendiċi 13: Kampjuni tal-formoli tal-intervisti

### *Kampjun mill-intervisti mal-għalliema*

Intervisti mal-għalliema

1. Kemm ilek tgħallem il-Malti għall-barranin?

3 snin.

2. X'inhi l-ikbar differenza li tara bejn il-lezzjoni tal-MLB u tal-ewwel lingwa?

Ma japprezzawx il-lingwa Maltija. Il-maġġor. ma jinteressawx ruħhom

3. Taħseb li kont ippreparat/a biżżejjed biex tibda tgħallem il-MLB?

Le, għax meta konna nistudjaw l-MTL ma konniex ngħallmu MLB u sibna kollox ġdid

4. X'taħseb mir-riżorsi li nħolqu bejn l-għalliema kollha għal dan is-sillabu?

Huma utli ħafna, ħafna xogħol ċert, b'livell tajjeb.

5. X'issib l-iktar ta' sfida fit-tagħlim tal-MLB?

It-tagħlit -kif jitkellmu ~~Biex~~ Ċerti temi jkunu tqal għalihom anke t-termini tqal għalihom tal-poeżija.

6. B'liema lingwa twassalha l-lezzjoni? L-iktar bil-Malti jew bl-Ingliż?

Translation. Nippruva bil-Malti imma jkolli neqleb bl-Ingliż.

7. Tħoss li hija ta' sfida li xi drabi l-Malti tgħallmu permezz tal-lingwa Ingliża? Għaliex?

Iva, ċerti kliem niblanċja kgħandi ngħid għax jien ma nistħajja Ingliż.

8. X'isibu l-iktar tqil biex jifhmu l-istudenti fil-MLB?

Il-konjugazzjoni tal-verb.

9. Kunċetti lingwistiċi li ma jeżistux fil-lingwu nattivi tagħhom, pereżempju studenti Ingliżi u t-tagħlim tal-ġens grammatikali, hemm min isibhom faċli biex jitgħallimhom? Jew isibuhom tqal wisq?

Meta ngħidilhom li tispiċċa bl-a eżempju jmexxu. ~~[illegible]~~ Meta ntihom ħjieli u eċċezzjonijiet jifhmu aktar

10. Il-ġens grammatikali kif jitgħallmuh?

Skont it-tarf tan-nom u nuża eżempji.

11. Liema huma l-aktar metodi/riżorsi li jaħdmu fit-tagħlim tal-ġens grammatikali?

Eżempji./videos.

***Kampjun mill-intervisti mal-istudenti***

Intervisti mal-istudenti

1. What is your country of origin?

Sicilia | Italy.

2. What is your first language?

Taljan.

3. Is this the first country you moved to?

Yes, first country.

4. How long have you been living in Malta?

10 snin.

5. What was the reason for moving into Malta?

Due to family moving here.

6. Do you like Malta and its language?

Yes, I like living here (school | football). I like the language. Nifhem kważi kollox. Biex nitkellem naqra diffiċli.

7. Do you like learning Maltese?

Iva, nħobbhom il-lingwi.

8. Do you think the language is easy or hard to learn? Why?

Le, għax nitkellem ħafna mal-oħrajn u nipprattika.

9. Did you always want to learn Maltese since you arrived in Malta? Why?

Le, qabel kont private school u ma kellix bżonnu.

10. Are you the only one in your family who is learning Maltese?

Le, Ingliż biss.

11. Apart from Maltese lessons, do you have other opportunities where you can practice the language? If yes, where?

Il-football u mal-ħbieb.

12. What do you like most about the Maltese lessons?

Meta nitkellmu fuq affarijiet li nħobb nagħmel | familja | passatempi.

**Appendiċi 14: Tabella bbażata fuq l-ewwel paġna tal-fuljett**

Tabella 5: Ir-risposti tal-parteċipanti kollha għall-mistoqsijiet tal-ewwel paġna

| | Dettalji | | | Il-Malti qed isibuh tqil? | | | | | | Il-lingwi li sawru l-Malti - liema jafu minnhom? | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru | Pajjiżi li għixu fihom | Lingwi li jitkellmu d-dar | Lingwi oħra li jafu | Iva | Le | Għaliex? | X'isibu tqil? | X'isibu ħafif? | | Għarbi | Rumanz | Ingliż |
| 1 | Serbia; Malta | Serbian | English | | x | I don't find it hard to learn | To speak | To read | | | | |
| 2 | Bulgaria; Greece; Belgium; Malta | Bulgarian | Bulgarian; Serbian; Macedonian; English | | x | I understand it | Some vocabulary | Some words | | | | |
| 3 | Wales; Malta | English | Welsh; Italian | x | | I struggle to learn new languages | Speaking | Reading | | | | x |
| 4 | Egypt; Libya; Tunisia; Turkey; Italy; Slovakia; Malta | Arabic | English; Maltese; French | | x | Because I am Arabic | Nothing | Speaking | | x | | |
| 5 | Albania; Greece | Albanian | English; Turkish | x | | It is hard to speak | Speaking | Reading | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Australia | English | Nothing | N/ A | N/A | Sometimes it can be hard and sometimes it can be easy | To write | To understand | | | | x |
| 7 | Serbia | Serbian | English | x | | It is a difficult language | The entire language | Numbers and colours | | | | |
| 8 | Italy | Italian | English; Spanish | x | | Because there are so much words in Arabic | Speaking | Understanding some words | | | x | |
| 9 | Bulgaria | Bulgarian | English; French | x | | The pronunciation and letters are hard | Writing | Reading | | | | |
| 10 | Romania | Romanian; English | French | x | | The pronunciation is hard | Everything | Reading | | | | x |
| 11 | Japan | Japanese | English | x | | It is hard | N/A | Hearing | | | | |
| 12 | Hungary | Hungarian | English | x | | It is hard | Speaking; writing; pronunciation | Nothing | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Libya | Arabic | Spanish (a little bit) | | x | It depends on what we are learning | Writing and reading | Listening | | x | | |
| 14 | Scotland | English | English | x | | It is hard | N/A | N/A | | | | x |
| 15 | Venezuela; Italy | Spanish; English | N/A | x | | Writing is hard | Writing; reading | Nothing | | | x | x |
| 16 | Poland | Polish; English | Spanish; German | x | | It is very different than Polish and the grammar is very hard | Reading; speaking; writing | Nothing | | | | x |
| 17 | Serbia; Malta | Serbian; English | German; Russian | x | | The pronunciation is hard | Speaking | Reading | | | | x |
| 18 | Poland | Polish | German; English | | x | I don't find it hard to learn | N/A | N/A | | | | |
| 19 | Italy | Italian | English; Spanish | | x | I've learnt it for so many years | Nothing | Everything | | | x | |
| 20 | Serbia | Serbian | Macedonian; English | | x | I find no difficulties | N/A | N/A | | | | |
| 21 | Hungary | Hungarian | Spanish; English | x | | N/A | Everything | Nothing | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | Italy | Italian | Italian; Spanish; Serbian | | x | Because there are some words similar to Italian | Some hard words | Some numbers and words | | | x | |
| 23 | Albania | Albanian | English | x | | Because there are a lot of words that I don't know | Reading | Short words | | | | |
| 24 | Albania | Albanian | English | | x | I understand most of the words | Writing | N/A | | | | |
| 25 | England | English | N/A | | x | Because I have been living here for nine years | Nothing | Almost everything | | | | x |
| 26 | Italy | Italian | English; Spanish | | x | Some words are very similar to Italian | Grammar | The accent | | | x | |
| 27 | Serbia | Serbian | Italian; English | | x | Because I have been living here for seven years | Long words | Understanding | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Nigeria | English | English | | x | Because I have been living here for ten years | Reading; writing | Understanding | | | | x |
| 29 | Georgia | Georgian | English; German | | x | Because I have been living here for a long time | N/A | N/A | | | | |
| 30 | Serbia | Serbian | English | | x | Reading is easy | Reading | Speaking | | | | |
| 31 | Italy; Spain | Italian | Spanish; English | x | | I don't like the language | Spelling and writing | Reading and listening | | | x | |
| 32 | Bosnia; Malta | Serbian/Bosnian | Italian; English | x | | The whole language is difficult but not hard. I have been learning it for six years. | Writing; speaking | Reading; listening | | | | |
| 33 | Malta; Serbia | Serbian | Macedonian; English; Bosnian; Bulgarian | | x | I have been studying for many years now | Speaking | Understanding | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Ireland | English | N/A | | x | Because I hear it a lot | Spelling and understanding | Listening | | | | x |
| 35 | Philippenes | Tagalog; Bisayas; English | Italian | | x | My dad is Maltese so he speaks to me in Maltese | Writing | Speaking and reading | | | | x |
| 36 | England | English | N/A | x | | I struggle remembering words and pronunciation | Everything | Some numbers | | | | x |
| 37 | Mexico; Malta | Spanish; English | Italian | x | | It is difficult | Writing and spelling | Reading | | | x | x |
| 38 | Hungary; Malta | Hungarian; English | Maltese | | x | Because I have been learning it for a long time | Speaking | Writing | | | | x |
| 39 | England | English | Maltese | | x | I have been learning it almost my whole life | Spelling; writing | Reading and speaking | | | | x |
| 40 | Bruni; Oman; Malta | French; English | N/A | x | | It is hard | Grammar; speaking | Pronunciation | | | x | x |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Ireland | English | Czech | x | | I don't know basic vocabulary | Writing; speaking; listening | Spelling; attributing the article | | | | x |
| 42 | Macedonia; Malta | Macedonian | Croatian; Italian; English | x | | Because it is hard | Speaking | Reading | | | | |
| 43 | Romania; Malta | Romanian | Spanish | x | | The words are difficult | Vocabulary | Speaking about the topic of family | | | | |
| 44 | Lithuania; Malta | Lithuanian | N/A | | x | I have been listening to it for a lot of years and got used to it | N/A | N/A | | | | |
| 45 | Ukraine | Ukranian; English | Russian | x | | I don't know the language, it is hard | Speaking; writing | Reading | | | | x |
| 46 | Italy; Malta | Italian | English; Spanish | x | | The language is hard | Speaking | Understanding | | | x | |
| 47 | Spain; Malta | Spanish; English | Philippine; Maltese | | x | I have been living here for a long time | Speaking | Understanding | | | x | |
| 48 | Serbia | Serbian | English | | x | The language is very interesting and I love the teacher | I don't know | The numbers | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 49 | Romania | Romanian | Spanish | | x | Because it is similar to other languages | Verbs | The topics of family, food, and animals | | | | |
| 50 | Wales | English | N/A | | x | It is not always hard | Speaking | Reading | | | | x |
| 51 | Italy; Malta | Italian | English; Spanish | | x | I have been living in Malta for nine years. I understand almost everything | Writing | Reading; speaking | | | x | |
| 52 | Serbia; Germany; Malta | Serbian; English | Spanish | | x | N/A | Some words I do not understand | Grammar and numbers | | | | x |
| 53 | England | English | Spanish | | x | I speak it a lot because I have Maltese friends | New words; spelling | Speaking | | | | x |
| 54 | Bulgaria; Malta | Bulgarian | English; French | | x | Because I understand most of the language | Speaking; writing | Understanding | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 55 | Italy; Bulgaria | Italian; Bulgarian | English | | x | Because it is similar to Italian | Almost nothing | The names of the months | | | x | |
| 56 | Sicily | Italian | English; German; Spanish | | x | The language is not difficult | Nothing | Everything | | | x | |
| 57 | Romania | Romanian | English | x | | I keep mixing up words. It is hard | Everything | Unsure | | | | |
| 58 | Serbia; Malta | Serbian | English | x | | It is hard | Everything | The names of the animals | | | | |
| 59 | England; Malta | English | Spanish | x | | It is confusing | Speaking; the alphabet | Nothing | | | | x |
| 60 | Serbia; Malta | Serbian | English | x | | It is hard | Everything | The numbers | | | | |
| 61 | England; America; Malta | English | Spanish | | x | I know the language | Nothing | Everything | | | | x |
| 62 | Zimbabwe; England; Malta | Shona | English | | x | It is not difficult and I have Maltese relatives which helps | Speaking | Everything | | | | |
| 63 | Latvia; Malta | Russian | English | x | | It is similar to Arabic | Speaking | Grammar | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 | Brazil | Portugese; English | German | | x | My stepfather who is Maltese helps me practice it | N/A | Almost everything | | | x | x |

L-ewwel kolonna tat-tabella turi n-numru abbinat għal kull student. It-tieni kolonna turi r-risposti għall-mistoqsija li fiha l-istudenti ġew mistoqsija f'liema pajjiżi għixu huma tul ħajjithom. Permezz ta' din il-mistoqsija, wieħed jista' jifhem aħjar l-isfond li minnu jkunu ġejjin l-istudenti. It-tielet kolonna turi l-lingwi mitkellma d-dar filwaqt li r-raba' turi l-lingwi li l-istudenti jafu jitkellmu imma li mhux neċessarjament jitkellmuhom fil-ħajja ta' kuljum. Permezz ta' dawn l-aħħar żewġ kolonni, wieħed jifhem aħjar l-isfond lingwistiku ta' dawn l-istudenti internazzjonali. Din id-data tista' titfa' wkoll dawl fuq xi elementi marbuta mal-etimoloġija aktar 'il quddiem.

## Appendiċi 15: Tabelli dettaljati tar-risposti ta' kull eżerċizzji

### *15A: Tabella ta' eżerċizzju 1*

Tabella 6: Tabella bir-riżultati tal-ewwel eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Mejda (dan/din) | Numru | 13 | **51** | 64 |
| | Persentaġġ | 20.3% | **79.7%** | |
| Ilma *(*dan/din) | Numru | **22** | 42 | 64 |
| | Persentaġġ | **34.4**% | 65.6% | |
| Kazzola (dan/din) | Numru | 12 | **52** | 64 |
| | Persentaġġ | 18.8% | **81.3**% | |
| Għasel (dan/din) | Numru | **54** | 10 | 64 |
| | Persentaġġ | **84.4**% | 15.6% | |
| Żebbuġa (dan/din) | Numru | 13 | **51** | 64 |
| | Persentaġġ | 20.3% | **79.9%** | |
| Pjanta (dan/din) | Numru | 10 | **54** | 64 |
| | Persentaġġ | 15.6% | **84.4%** | |
| Purtiera (dan/din) | Numru | 14 | **50** | 64 |
| | Persentaġġ | 21.9% | **78.1**% | |
| Sarvetta (dan/din) | Numru | 12 | **52** | 64 |
| | Persentaġġ | 18.8% | **81.3**% | |
| Soppa (dan/din) | Numru | 17 | **47** | 64 |
| | Persentaġġ | 26.6% | **73.4**% | |
| Bieba (dan/din) | Numru | 19 | **45** | 64 |
| | Persentaġġ | 29.7% | **70.3**% | |

Tabella 6 qed tippreżenta d-data miġbura mill-fuljett għall-ewwel għaxar nomi bit-tema kulinarja. Kif qed turi t-tabella, għal dawn l-għaxar nomi, l-64 parteċipant kollha rrispondew għal dawn in-nomi u ħadd ma ħalla xi risposti vojta. Ir-riżultati fuq tabella 6 jiġu ppreżentati b'mod viżwali u diskussi aħjar permezz ta' grafika 1.

***15B: Tabella ta' eżerċizzju 2***

Tabella 7: Tabella bir-riżultati tat-tieni eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Tuffieħa (aħmar/ħamra) | Numru | 12 | **52** | 64 |
| | Persentaġġ | 18.8% | **81.3%** | |
| Ħelwa (żgħir/żgħira) | Numru | 12 | **52** | 64 |
| | Persentaġġ | 18.8% | **81.3%** | |
| Larinġa (kbir/kbira) | Numru | 12 | **51** | 63 |
| | Persentaġġ | 19.0% | **81.0%** | |
| Skutella (abjad/bajda) | Numru | 17 | **47** | 64 |
| | Persentaġġ | 26.6% | **73.4%** | |
| Furketta (aħdar/ħadra) | Numru | 19 | **44** | 63 |
| | Persentaġġ | 30.2% | **69.8%** | |
| Tieqa (imkisser/imkissra) | Numru | 12 | **50** | 62 |
| | Persentaġġ | 19.4% | **80.6%** | |
| Borma (fond/fonda) | Numru | 19 | **45** | 64 |
| | Persentaġġ | 29.7% | **70.3%** | |
| Sikkina (tajjeb/tajba) | Numru | 13 | **51** | 64 |
| | Persentaġġ | 20.3% | **79.7%** | |
| Mgħarfa (isfar/safra) | Numru | 22 | **40** | 62 |
| | Persentaġġ | 35.5% | **64.5%** | |
| Kuċċarina (żgħir/żgħira) | Numru | 11 | **53** | 64 |
| | Persentaġġ | 17.2% | **82.8%** | |
| Friġġ (abjad, bajda) | Numru | 56 | **8** | 64 |
| | Persentaġġ | 87.5% | **12.5%** | |
| Kuker (sabiħ/sabiħa) | Numru | **59** | 5 | 64 |
| | Persentaġġ | **92.2%** | 7.8% | |

Għal xi raġuni jew oħra, għan-nomi 'larinġa' u 'furketta' kien hemm parteċipant li ma rrispondiex, filwaqt li għan-nomi 'tieqa' u 'mgħarfa' kien hemm żewġ parteċipanti li ma rrispondewx. L-uniku parteċipant komuni li ma rrispondiex għal dawn in-nomi kien student 30, student Serbjan, li ma rrispondiex kemm għan-nom 'furketta' kif ukoll għan-nom 'tieqa'. Barra minn hekk, għan-nom 'tieqa' t-tieni student li ma rrispondiex kien Serbjan ukoll. Għalhekk, iż-żewġ studenti li ma rrispondewx għan-nom 'tieqa' kienu żewġ Serbi. In-nom 'tieqa' fil-lingwa Serba, li hija 'prozor', għandha l-ġens grammatikali maskil. Jista' jkun li dawn

l-istudenti ma rrispondewx dan in-nom minħabba li fil-lingwa nattiva tagħhom in-nom jieħu ġens, filwaqt li fil-lingwa Maltija jieħu ġens ieħor. Fuq dan Bassetti (2014) tgħid li l-assenjament tal-ġens għall-istess nom f'lingwi differenti jista' jinbidel. Min-naħa l-oħra, għan-nom 'mgħarfa', minkejja li wkoll kien hemm żewġ studenti li ma rrispondewx, ma jidher li kien hemm ebda konnessjoni bejniethom għaliex kienu student 24 u 31, li kienu Albaniża u Taljan rispettivament. Għan-nom 'larinġa', kienet studenta Ingliża li ma rrispondietx, parteċipanta li fil-lingwa nattiva tagħha ma teżistix is-sistema tal-ġens grammatikali. Probabbli ma rrispondewx għax ma kinux ċerti mit-tweġiba. Fil-każ ta' 'furketta', 'tieqa' u 'larinġa' li suppost kienu faċli ħafna juri li ma tgħallmux ir-regola li l-'a' tindika l-femminil. Għall-bqija tat-tmien nomi, kulħadd irrisponda.

### ***15Ċ: Tabella ta' eżerċizzju 3***

Tabella 8: Tabella bir-riżultati tat-tielet eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Ktieb (dan/din) | Numru | 49 | 14 | 63 |
| | Persentaġġ | 77.8% | 22.2% | |
| Saqaf (dan/din) | Numru | 48 | 16 | 64 |
| | Persentaġġ | 75.0% | 25.0% | |
| Art (dan/din) | Numru | 46 | 18 | 64 |
| | Persentaġġ | 71.9% | 28.1% | |
| Purċissjoni (dan/din) | Numru | 43 | 19 | 62 |
| | Persentaġġ | 69.4% | **30.6%** | |
| Nannu (dan/din) | Numru | **58** | 6 | 64 |
| | Persentaġġ | **90.6%** | 9.4% | |
| Għajn (dan/din) | Numru | 41 | **23** | 64 |
| | Persentaġġ | 64.1% | **35.9%** | |

Minkejja li l-ammont ta' nomi f'dan l-eżerċizzju kien wieħed minimu meta kkumparat mal-eżerċizzji l-oħra, xorta waħda kien hemm xi studenti li ma wiġbux għall-mistoqsijiet kollha. Fil-fatt, għan-nom 'ktieb' wieġbu 63 parteċipant, u għan-nom 'purċissjoni' wieġbu 62 parteċipant. Għan-nom 'ktieb' kienet student 24, studenta Albaniża, li ma weġbitx. Min-naħa l-oħra, għan-nom 'purċissjoni' kienu studenti 16 u 44, studenta mil-Litwanja u oħra mill-Polonja, li ma wiġbux. Għalhekk ma kienx hemm konnessjoni mhux biss għaliex l-istudenti ma kinux komuni bejn in-nomi, imma għaliex il-lingwi tal-istudenti ma kinux l-istess lanqas.

***15D: Tabella għal eżerċizzju 4***

Tabella 9: Tabella bir-riżultati tar-raba' eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Alla (kbir/kbira) | Numru | **28** | 35 | 63 |
| | Persentaġġ | **44.4%** | 55.6% | |
| Arti (sabiħ/sabiħa) | Numru | 42 | **22** | 64 |
| | Persentaġġ | 65.6% | **34.4%** | |
| Bieb (żgħir/żgħira) | Numru | **47** | 17 | 64 |
| | Persentaġġ | **73.4%** | 26.6% | |
| Ħajt (lixx/lixxa) | Numru | **55** | 8 | 63 |
| | Persentaġġ | **87.3%** | 12.7% | |
| Sufan (komdu/komda) | Numru | **47** | 17 | 64 |
| | Persentaġġ | **73.4%** | 26.6% | |

Skont tabella 9, għal xi raġuni jew oħra, kien hemm student wieħed għan-nomi 'Alla' u 'ħajt' li ma rrispondihomx. Għan-nom 'Alla' kienet studenta Ukrena li ma weġbitx, filwaqt li għan-nom 'ħajt' kienet studenta Albaniża li ma weġbitx. Huma żewġ nomi Għarab filwaqt li l-lingwi ta' dawn iż-żewġ parteċipanti m'għandha ebda konnessjoni qawwija mal-lingwa Għarbija. Din tista' tkun raġuni waħda għaliex l-istudenti ma rrispondewx.

### *15E: Tabella għal eżerċizzju 5*

Tabella 10: Tabella bir-riżultati tal-ħames eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Reliġjon (nisrani/nisranija) | Numru | 36 | **26** | 62 |
| | Persentaġġ | 58.1% | **41.9%** | |
| Papà (qiegħed/qiegħda) | Numru | **55** | 9 | 64 |
| | Persentaġġ | **85.9%** | 14.1% | |
| Hairband (sabiħ/sabiħa) | Numru | 17 | **47** | 64 |
| | Persentaġġ | 26.6% | **73.4%** | |
| Ziju (jilgħab/tilgħab) | Numru | **50** | 14 | 64 |
| | Persentaġġ | **78.1%** | 21.9% | |
| Kuġin (għandu/għandha) | Numru | **54** | 10 | 64 |
| | Persentaġġ | **84.4%** | 15.6% | |
| Rużarju (twil/twila) | Numru | **55** | 9 | 64 |
| | Persentaġġ | **85.9%** | 14.1% | |

Tabella 10 qed turi li għall-maġġoranza tan-nomi, l-64 parteċipant kollha wieġbu għal dawn in-nomi minbarra għan-nom 'reliġjon' li għalih żewġ parteċipanti ma wiġbux.

### *15F: Tabella għal eżerċizzju 6*

Tabella 11: Tabella bir-riżultati tas-sitt eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Żiemel (dan/din) | Numru | **47** | 17 | 64 |
| | Persentaġġ | **73.4%** | 26.6% | |
| Qattus (dan/din) | Numru | **38** | 26 | 64 |
| | Persentaġġ | **59.4%** | 40.6% | |
| Ġurdien (dan/din) | Numru | **42** | 22 | 64 |
| | Persentaġġ | **65.6%** | 34.4% | |
| Xemx (dan/din) | Numru | 41 | **23** | 64 |
| | Persentaġġ | 64.1% | **35.9%** | |

Skont tabella 11, il-parteċipanti kollha rrispondew għal dawn l-erba' mistoqsijiet. Għaldaqstant, jidher li ħassewhom komdi jirrispondu dawn in-nomi. Dan jista' jkun

minħabba li t-tema tal-annimali fost oħrajn, hija waħda mill-ewwel temi li jitgħallmu u allura, dawn in-nomi ma kinux ġodda għalihom.

***15Ġ: Tabella għal eżerċizzju 7***

Tabella 12: Tabella bir-riżultati tas-seba' eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Raba (sabiħ/sabiħa) | Numru | **12** | 52 | 64 |
| | Persentaġġ | **18.8%** | 81.3% | |
| Mastrudaxxa (huwa tajjeb/hija tajba) | Numru | **23** | 40 | 63 |
| | Persentaġġ | **36.5%** | 63.5% | |
| Żrinġ (aħdar/ħadra) | Numru | **46** | 18 | 64 |
| | Persentaġġ | **79.1%** | 28.1% | |
| Kelb (sabiħ/sabiħa) | Numru | **59** | 5 | 64 |
| | Persentaġġ | **92.2%** | 7.8% | |

Tabella 12 qed turi li minbarra n-nom 'mastrudaxxa' li għalih persuna waħda ma rrispondietx għalih, għall-bqija tan-nomi, l-parteċipanti kollha rrispondew b'xi mod jew ieħor. Jista' jkun li l-parteċipant li ma rrispondiex għan-nom 'mastrudaxxa', għamel dan minħabba li dan in-nom għandu referent animat.

***15G: Tabella għal eżerċizzju 8***

Tabella 13: Tabella bir-riżultati tat-tmien eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Telefown (dan/din) | Numru | **45** | 16 | 61 |
| | Persentaġġ | **73.8%** | 26.2% | |
| Maws (dan/din) | Numru | **34** | 27 | 61 |
| | Persentaġġ | **55.7%** | 44.3% | |
| Kompjuter (dan/din) | Numru | **47** | 14 | 61 |
| | Persentaġġ | **77.0%** | 23.0% | |
| Wajer (dan/din) | Numru | **37** | 24 | 61 |
| | Persentaġġ | **60.7%** | 39.3% | |

L-aħħar kolonna ta’ tabella 13, immarkata bl-aħmar, tindika li 3 mill-parteċipanti ma weġbux. Minħabba li għal kull nom kien hemm l-istess ammont ta’ studenti li ma weġbux, iddeċidejt li nanalizza jekk dawn it-tliet parteċipanti kinux l-istess għall-erba’ nomi li huma. Mill-analiżi stajt nikkonferma li kienu l-istess parteċipanti; Pollakka, Serba, u Ungeriż. Għal dan jista’ jkun hemm żewġ raġunijiet; jew minħabba li kienet l-aħħar paġna qabżuha bi żball jew ma xtaqux ikompluha, jew inkella, ma kinux jafu kif iridu jwġibuhom. Jista’ jkun ukoll li l-fatt li n-nomi Ingliżi nkitbu bil-Malti, fixklu xi ftit lill-parteċipanti. Ir-raġuni li ma laħħqux inqatgħet barra minħabba li kull grupp li ħa sehem fil-fuljett spiċċa qabel il-ħin allokat.

### ***15GĦ: Tabella għal eżerċizzju 9***

Tabella 14: Tabella bir-riżultati tad-disa’ eżerċizzju

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Pilota (famuż/famuża) | Numru | **34** | 27 | 61 |
| | Persentaġġ | **55.7%** | 44.3% | |
| Stapler (imkisser/imkissra) | Numru | 47 | **14** | 61 |
| | Persentaġġ | 77.0% | **23.%** | |
| Printer (tajjeb/tajba) | Numru | **44** | 17 | 61 |
| | Persentaġġ | **72.1%** | 27.9% | |

Tabella 14 għal darboħra turi li tliet parteċipanti ma rrispondewx għalihom. Fil-fatt, huma l-istess parteċipanti li ma wiġbux għan-nomi tal-eżerċizzju ta’ qabel. Għaldaqstant, nemmen li dawn inqabżu mingħajr ma ndunaw minħabba li kienu fl-aħħar paġna.

**Appendiċi 16: Nomi ta' eċċezzjoni**

***16A: Nomi t'eċċezzjoni femminili***

Tabella 15: Ir-riżultati tan-nomi femminili b'eċċezzjoni

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Friġġ (abjad, bajda) | Numru | 56 | **8** | 64 |
| | Persentaġġ | 87.5% | **12.5%** | |
| Art (dan/din) | Numru | 46 | **18** | 64 |
| | Persentaġġ | 71.9% | **28.1%** | |
| Purċissjoni (dan/din) | Numru | 43 | **19** | 62 |
| | Persentaġġ | 69.4% | **30.6%** | |
| Għajn (dan/din) | Numru | 41 | **23** | 64 |
| | Persentaġġ | 64.1% | **35.9%** | |
| Reliġjon (nisrani/nisranija) | Numru | 36 | **26** | 62 |
| | Persentaġġ | 58.1% | **41.9%** | |
| Arti (sabiħ/sabiħa) | Numru | 42 | **22** | 64 |
| | Persentaġġ | 65.6% | **34.4%** | |
| Hairband (sabiħ/sabiħa) | Numru | 17 | **47** | 64 |
| | Persentaġġ | 26.6% | **73.4%** | |
| Xemx (dan/din) | Numru | 41 | **23** | 64 |
| | Persentaġġ | 64.1% | **35.9%** | |
| Stapler (imkisser/imkissra) | Numru | 47 | **14** | 61 |
| | Persentaġġ | 77.0% | **23.%** | |

***16B: Nomi ta' eċċezzjoni maskili***

Tabella 16: Ir-riżultati tan-nomi maskili b'eċċezzjoni

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Ilma (dan/din) | Numru | **22** | 42 | 64 |
| | Persentaġġ | **34.4**% | 65.6% | |
| Alla (kbir/kbira) | Numru | **28** | 35 | 63 |
| | Persentaġġ | **44.4%** | 55.6% | |
| Papà (qiegħed/qiegħda) | Numru | **55** | 9 | 64 |
| | Persentaġġ | **85.9%** | 14.1% | |
| Raba (sabiħ/sabiħa) | Numru | **12** | 52 | 64 |
| | Persentaġġ | **18.8%** | 81.3% | |
| Mastrudaxxa | Numru | **23** | 40 | 63 |
| | Persentaġġ | **36.5%** | 63.5% | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| (huwa tajjeb/hija tajba) | | | | |
| Pilota (famuż/famuża) | Numru | **34** | 27 | 61 |
| | Persentaġġ | **55.7%** | 44.3% | |

## Appendiċi 17: Nomi skont it-tip ta' eżerċizzji

### *17A: L-eżerċizzju tal-pronom dimostrattiv*

Tabella 17: Tabella bir-riżultati tan-nomi kollha fl-eżerċizzji tal-pronom dimostrattiv

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Mejda (dan/din) | Numru | 13 | **51** | 64 |
| | Persentaġġ | 20.3% | **79.7%** | |
| Ilma (dan/din) | Numru | **22** | 42 | 64 |
| | Persentaġġ | **34.4%** | 65.6% | |
| Kazzola (dan/din) | Numru | 12 | **52** | 64 |
| | Persentaġġ | 18.8% | **81.3%** | |
| Għasel (dan/din) | Numru | **54** | 10 | 64 |
| | Persentaġġ | **84.4%** | 15.6% | |
| Żebbuġa (dan/din) | Numru | 13 | **51** | 64 |
| | Persentaġġ | 20.3% | **79.9%** | |
| Pjanta (dan/din) | Numru | 10 | **54** | 64 |
| | Persentaġġ | 15.6% | **84.4%** | |
| Purtiera (dan/din) | Numru | 14 | **50** | 64 |
| | Persentaġġ | 21.9% | **78.1%** | |
| Sarvetta (dan/din) | Numru | 12 | **52** | 64 |
| | Persentaġġ | 18.8% | **81.3%** | |
| Soppa (dan/din) | Numru | 17 | **47** | 64 |
| | Persentaġġ | 26.6% | **73.4%** | |
| Bieba (dan/din) | Numru | 19 | **45** | 64 |
| | Persentaġġ | 29.7% | **70.3%** | |
| Ktieb (dan/din) | Numru | **49** | 14 | 63 |
| | Persentaġġ | **77.8%** | 22.2% | |
| Saqaf (dan/din) | Numru | **48** | 16 | 64 |
| | Persentaġġ | **75.0%** | 25.0% | |
| Art (dan/din) | Numru | 46 | **18** | 64 |
| | Persentaġġ | 71.9% | **28.1%** | |
| Purċissjoni (dan/din) | Numru | 43 | **19** | 62 |
| | Persentaġġ | 69.4% | **30.6%** | |
| Nannu (dan/din) | Numru | **58** | 6 | 64 |
| | Persentaġġ | **90.6%** | 9.4% | |
| Għajn (dan/din) | Numru | 41 | **23** | 64 |
| | Persentaġġ | 64.1% | **35.9%** | |
| Żiemel (dan/din) | Numru | **47** | 17 | 64 |
| | Persentaġġ | **73.4%** | 26.6% | |
| Qattus (dan/din) | Numru | **38** | 26 | 64 |
| | Persentaġġ | **59.4%** | 40.6% | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ġurdien (dan/din) | Numru | **42** | 22 | 64 |
| | Persentaġġ | **65.6%** | 34.4% | |
| Xemx (dan/din) | Numru | 41 | **23** | 64 |
| | Persentaġġ | 64.1% | **35.9%** | |
| Telefown (dan/din) | Numru | **45** | 16 | 61 |
| | Persentaġġ | **73.8%** | 26.2% | |
| Maws (dan/din) | Numru | **34** | 27 | 61 |
| | Persentaġġ | **55.7%** | 44.3% | |
| Kompjuter (dan/din) | Numru | **47** | 14 | 61 |
| | Persentaġġ | **77.0%** | 23.0% | |
| Wajer (dan/din) | Numru | **37** | 24 | 61 |
| | Persentaġġ | **60.7%** | 39.3% | |

Din it-tabella turi li minn 24 nom li ntużaw fl-erba' eżerċizzji tal-pronom dimostrattiv, 6 nomi minnhom, ekwivalenti għal 25%, mhux il-parteċipanti kollha wieġbu għalihom.

***17B: L-eżerċizzju tal-aġġettiv***

Tabella 18: Tabella bir-riżultati tan-nomi kollha fl-eżerċizzji tal-aġġettiv

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Tuffieħa (aħmar/ħamra) | Numru | 12 | **52** | 64 |
| | Persentaġġ | 18.8% | **81.3%** | |
| Ħelwa (żgħir/żgħira) | Numru | 12 | **52** | 64 |
| | Persentaġġ | 18.8% | **81.3%** | |
| Larinġa (kbir/kbira) | Numru | 12 | **51** | 63 |
| | Persentaġġ | 19.0% | **81.0%** | |
| Skutella (abjad/bajda) | Numru | 17 | **47** | 64 |
| | Persentaġġ | 26.6% | **73.4%** | |
| Furketta (aħdar/ħadra) | Numru | 19 | **44** | 63 |
| | Persentaġġ | 30.2% | **69.8%** | |
| Tieqa (imkisser/imkissra) | Numru | 12 | **50** | 62 |
| | Persentaġġ | 19.4% | **80.6%** | |
| Borma (fond/fonda) | Numru | 19 | **45** | 64 |
| | Persentaġġ | 29.7% | **70.3%** | |
| Sikkina (tajjeb/tajba) | Numru | 13 | **51** | 64 |
| | Persentaġġ | 20.3% | **79.7%** | |
| Mgħarfa (isfar/safra) | Numru | 22 | **40** | 62 |
| | Persentaġġ | 35.5% | **64.5%** | |
| Kuċċarina | Numru | 11 | **53** | 64 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| (żgħir/żgħira) | Persentaġġ | 17.2% | **82.8%** | |
| Friġġ (abjad, bajda) | Numru | 56 | **8** | 64 |
| | Persentaġġ | 87.5% | **12.5%** | |
| Kuker (sabiħ/sabiħa) | Numru | **59** | 5 | 64 |
| | Persentaġġ | **92.2%** | 7.8% | |
| Alla (kbir/kbira) | Numru | **28** | 35 | 63 |
| | Persentaġġ | **44.4%** | 55.6% | |
| Arti (sabiħ/sabiħa) | Numru | 42 | **22** | 64 |
| | Persentaġġ | 65.6% | **34.4%** | |
| Bieb (żgħir/żgħira) | Numru | **47** | 17 | 64 |
| | Persentaġġ | **73.4%** | 26.6% | |
| Ħajt (lixx/lixxa) | Numru | **55** | 8 | 63 |
| | Persentaġġ | **87.3%** | 12.7% | |
| Sufan (komdu/komda) | Numru | **47** | 17 | 64 |
| | Persentaġġ | **73.4%** | 26.6% | |

F'tabella 18 jidher li 6 nomi minn 17 ma ġewx mimlija minn kulħadd. Għalhekk naraw żieda fin-numru ta' nomi li għalihom ma ngħatatx risposta minn kulħadd. Fil-fatt, kienu 35% tan-nomi li għalihom ma ngħatatx risposta minn kulħadd u li għalhekk naraw qabża ta' 10% bejn dan it-tip ta' eżerċizzju u t-tip ta' eżerċizzju ta' qabel dan.

### *17Ċ: L-eżerċizzju tal-kuntest*

Tabella 19: Tabella bir-riżultati tan-nomi kollha fl-eżerċizzji tal-kuntest

| Nom | | Maskil | Femminil | Studenti li rrispondew minn 64 |
|---|---|---|---|---|
| Reliġjon (nisrani/nisranija) | Numru | 36 | **26** | 62 |
| | Persentaġġ | 58.1% | **41.9%** | |
| Papà (qiegħed/qiegħda) | Numru | **55** | 9 | 64 |
| | Persentaġġ | **85.9%** | 14.1% | |
| Hairband (sabiħ/sabiħa) | Numru | 17 | **47** | 64 |
| | Persentaġġ | 26.6% | **73.4%** | |
| Ziju (jilgħab/tilgħab) | Numru | **50** | 14 | 64 |
| | Persentaġġ | **78.1%** | 21.9% | |
| Kuġin (għandu/għandha) | Numru | **54** | 10 | 64 |
| | Persentaġġ | **84.4%** | 15.6% | |
| Rużarju (twil/twila) | Numru | **55** | 9 | 64 |
| | Persentaġġ | **85.9%** | 14.1% | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Raba (sabiħ/sabiħa) | Numru | **12** | 52 | 64 |
| | Persentaġġ | **18.8%** | 81.3% | |
| Mastrudaxxa (huwa tajjeb/hija tajba) | Numru | **23** | 40 | 63 |
| | Persentaġġ | **36.5%** | 63.5% | |
| Żrinġ (aħdar/ħadra) | Numru | **46** | 18 | 64 |
| | Persentaġġ | **79.1%** | 28.1% | |
| Kelb (sabiħ/sabiħa) | Numru | **59** | 5 | 64 |
| | Persentaġġ | **92.2%** | 7.8% | |
| Pilota (famuż/famuża) | Numru | **34** | 27 | 61 |
| | Persentaġġ | **55.7%** | 44.3% | |
| Stapler (imkisser/imkissra) | Numru | 47 | **14** | 61 |
| | Persentaġġ | 77.0% | **23.%** | |
| Printer (tajjeb/tajba) | Numru | **44** | 17 | 61 |
| | Persentaġġ | **72.1%** | 27.9% | |

B'kollox, kif jidher fl-aħħar kolonna tat-tabella, jidher li għal ħames nomi minn dawn it-tlettax, mhux il-parteċipanti kollha wieġbu għalihom. Fil-fatt, għan-nom 'reliġjon' wieġbu 62, għan-nom 'mastrudaxxa' wieġbu 63, u għan-nomi 'pilota', 'stapler', u 'printer', wieġbu 61 parteċipant.

**Appendiċi 18: Aktar diskussjoni fuq il-QKE, il-kisbiet, u xi punti prattiċi**

***Il-kunċett ta' abbiltà u l-Qafas Komuni Ewropew***

Hemm ukoll il-kunċett ta' abbiltà li jmur lil hinn mill-varjabbli extralingwistiċi bħall-età. Il-Qafas Komuni Ewropew (2001, p. 36) jippreżenta struttura li tispjega l-livell li wieħed ikun fih skont il-profiċjenza tiegħu fil-lingwa. Din l-istruttura hija maqsuma f'sitt kategoriji: A1, A2, B1, B2, Ċ1, u Ċ2. Kategoriji A1 u A2 jirreferu għal-livell li fih l-utent ikollu ħiliet bażiċi. B1 u B2 jirreferu għal-livell li fih l-utent isir aktar indipendenti. Filwaqt li kategoriji Ċ1 u Ċ2 jiddeskrivu livell profiċjenti tal-utent. Din l-istruttura tista' tgħinna nikkategorizzaw l-abbiltà tal-istudenti b'mod tekniku biex bħala għalliema nkunu nistgħu ngħinu bl-aħjar mod lill-istudenti tagħna. Għaldaqstant, student barrani li jkun kapaċi jaqra l-Malti b'mod mhux ħażin imma jitkellem ftit, karatteristiċi li dehru skont dak li mmarkaw l-istudenti fil-bidu tal-fuljett, nistgħu ngħidu li fil-qari jidħol f'kategorija B1 u fit-taħdit jidħol f'kategorija A1.

***It-tagħlim tal-ġens mil-lenti prattika***

Dak kollu li ġie diskuss f'din id-dissertazzjoni jista' jiġi msaħħaħ fil-prattika. Kien għalhekk li ddeċidejt li nħares lejn il-kisbiet mit-tagħlim fl-iskejjel tal-medja u s-sekondarja. Filwaqt li fis-sillabu taċ-ĊES 2025 (tal-iskejjel sekondarji) ma ssir ebda referenza għat-tagħlim tal-ġens, fis-sillabu tal-medja tas-seba' sena ssir referenza għall-ġens u l-qbil grammatikali.

Il-grafiċi meħuda mis-sillabu tas-seba' sena (tal-ewwel rotta, t-tieni rotta, u t-tielet rotta) juru kif iħarsu lejn it-tagħlim tal-ġens.

Is-seba' sena - Rotta 1 - paġna 1 u 2 https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2021/06/MLB-Metalingwa-Is-7-Sena-Rotta-1.pdf

**11. Il-Kuluri u l-Għadd u l-Ġens tagħhom.**
*Eż. abjad / bajda / bojod*

Aġġornat: *Ġunju 21* 1

Il-Programm tal-Metalingwa għall-Malti bħala Lingwa Barranija Is-7 Sena Rotta 1

*isfar / safra / sofor*

**12. Il-Kuluri li ma jinbidlux skont l-Għadd u l-Ġens.**
*Eż: kannella, vjola, oranġjo*

**13. L-Għadd u l-Ġens ta' Aġġettivi komuni**
*Eż: twil/twila/twal*
*sabiħ/sabiħa/sbieħ*

**IMP: M'għandhiex issir referenza għall-istruttura jew terminoloġija ta' sħiħ jew miksur.**

**14. L-Għadd u l-Ġens ta' nomi li jorbtu mat-temi mgħallma fost oħrajn.**

Eż: **L-annimali l-aktar komuni** — **Maskil/Femminil/Plural**
*kelb/kelba/klieb*

**Annimali oħra li fil-Malti ma jiddistingwux fil-ġens imma għandhom is-singular u l-plural**

**Singular/Plural**
*iljun/iljuni*
*tigra/tigri*
*kukkudrill/kukkudrilli*

**Eż: Il-familja**
*mara/raġel*
*tifel/tifla*
*omm/ommijiet*
*missier/missirijiet*
*neputi/neputija/neputijiet*
*ziju/zija/zijiet*
*nannu/ nanna/nanniet*
*ħu/oħt/aħwa*
*iben/bint/ulied*

**15. L-Għadd tan-Nom u l-qbil mal-Aġġettiv marbuta mat-temi mgħallma**

| | | |
|---|---|---|
| **Eż: L-ikel (Kollettiv)** | *laringa tajba*<br>*ħobża friska*<br>*frotta sustanzjuża* | *laring tajjeb*<br>*ħobż frisk*<br>*frott sustanzjuż* |
| **Eż: L-iskola** | *bank ġdid*<br>*lapes twil*<br>*uniformi nadifa*<br>*klassi kbira* | *bankijiet ġodda*<br>*lapsijiet twal*<br>*uniformijiet nodfa*<br>*klassijiet kbar* |

**IMP: L-enfasi m'għandix tkun fuq l-istrutturi ta' kif jinbnew, imma mgħallma u meħuda minn kuntest. Jekk joħroġ pattern kif seħħ fl-eżempji t'hawn fuq dawn għandhom jiġu nnutati. Madanakollu dawn l-aspetti grammatikali m'għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-kitba, imma għandhom jiġu msaħħa bl-użu ta' ħiliet oħra bħalma huma s-smigħ, it-taħdit u l-qari. Lanqas**

Aġġornat: *Ġunju 21* 2

Is-seba' sena - Rotta 2 - paġna 2 u 3

[https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2021/06/MLB-Metalingwa-Is-7-Sena-Rotta-2.pdf](https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2021/06/MLB-Metalingwa-Is-7-Sena-Rotta-2.pdf)

| | | |
|---|---|---|
| 11. | **Il-Kuluri u l-Għadd u l-Ġens tagħhom.**<br>*Eż. abjad / bajda / bojod*<br>*isfar / safra / sofor* | |
| 12. | **Il-Kuluri li ma jinbidlux skont l-Għadd u l-Ġens.**<br>*Eż:* kannella, vjola, oranġjo | |
| 13. | **L-Għadd u l-Ġens ta' Aġġettivi komuni**<br>*Eż: twil/twila/twal*<br>*sabiħ/sabiħa/sbieħ*<br><br>**Importanti: M'għandhiex issir referenza għall-istruttura jew terminoloġija ta' sħiħ jew miksur.** | |
| 14. | **L-Għadd u l-Ġens ta' Nomi li jorbtu mat-temi mgħallma fost oħrajn.**<br>***Eż:* L-annimali l-aktar komuni**<br>**Maskil / Femmin il /Plural**<br>*kelb / kelba / klieb*<br>Annimali oħra li fil-Malti ma jiddistingwux fil-ġens imma għandhom is-singular u l-plural<br>**Singular/Plural**<br>*Iljun/iljuni*<br>*tigra/tigri*<br>*kukkudrill/kukkudrilli*<br><br>***Eż: Il-familja***<br>*mara/raġel*<br>*tifel/tifla*<br>*omm/ommijiet*<br>*missier/missirijiet*<br>*neputi/neputija/neputijiet*<br>*ziju/zija/zijiet*<br>*nannu/nanna/nanniet*<br>*ħu/oħt/aħwa*<br>*iben/bint/ulied* | Konsolidazzjoni billi jkomplu jinnutaw l-istrutturi tal-ġens fil-Malti u jsiru jafu xi **eċċezzjonijiet** bħal *Alla u qmis.* |





| | | |
|---|---|---|
| 15. | **L-Għadd tan-Nom u l-qbil mal-Aġġettiv marbuta mat-temi mgħallma**<br>*Eż:* **L-ikel (Kollettiv)**<br>*laringa tajba* — *laring tajjeb*<br>*ħobża friska* — *ħobż frisk*<br>*frotta sustanzjuża* — *frott sustanzjuż*<br><br>*Eż:* L-iskola<br>*bank ġdid* — *bankijiet ġodda*<br>*lapes twil* — *lapsijiet twal*<br>*uniformi nadifa* — *uniformijiet nodfa*<br>*klassi kbira* — *klassijiet kbar*<br><br>**IMP: L-enfasi m'għandix tkun fuq l-istrutturi ta' kif jinbnew, imma mgħallma u meħuda minn kuntest. Jekk joħroġ pattern kif seħħ fl-eżempji t'hawn fuq dawn għandhom jiġu nnutati. Madanakollu dawn l-aspetti grammatikali m'għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-kitba, imma għandhom jiġu msaħħa bl-użu ta' ħiliet oħra bħalma huma s-smigħ, it-taħdit u l-qari. Lanqas m'għandha ssir enfasi kbira fuq it-termini eż singular u Plural imma nużaw kliem bħal 'ħafna' u 'ftit'.** | **L-Għadd Imtenni marbut mat-temi mgħallma**<br>*Eż: Partijiet tal-ġisem, żmien u ħin.* |

Is-seba' sena - Rotta 3 - paġni 2 u 3

https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2021/06/MLB-Metalingwa-Is-7-Sena-Rotta-3.pdf

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | **Il-Kuluri u l-Għadd u l-Ġens tagħhom.**<br>*Eż: abjad / bajda / bojod*<br>*isfar / safra / sofor* | | |
| 12. | **Il-Kuluri li ma jinbidlux skont l-Għadd u l-Ġens.**<br>*Eż:* kannella, vjola, oranġjo | | |
| 13. | **L-Għadd u l-Ġens ta' Aġġettivi komuni**<br>*Eż: twil/twila/twal*<br>*sabiħ/sabiħa/sbieħ* | | |





| | | | |
|---|---|---|---|
| | **IMP: M'għandhiex issir referenza għall-istruttura jew terminoloġija ta' xi xejn jew miksur.** | | |
| 14. | **L-Għadd u l-Ġens ta' Nomi li jorbtu mat-temi mgħallma fost oħrajn.**<br>***Eż:* L-annimali l-aktar komuni**<br>**Maskil/Femminil/Plural**<br>kelb/kelba/klieb<br>Annimali oħra li fil-Malti ma jiddistingwux fil-ġens imma għandhom is-singular u l-plural<br>**Singular/Plural**<br>*iljun/iljuni*<br>*tigra/tigri*<br>*kukkudrill/kukkudrilli*<br>***Eż:* Il-familja**<br>*mara/raġel*<br>*tifel/tifla*<br>*omm/ommijiet*<br>*missier/missirijiet*<br>*neputi/neputija/neputijiet*<br>*ziju/zija/zijiet*<br>*nannu/ nanna/nanniet*<br>*ħu/oħt/aħwa*<br>*iben/bint/ulied* | Konsolidazzjoni billi jkomplu jinnutaw l-istrutturi tal-ġens fil-Malti u jsiru jafu xi **eċċezzjonijiet** bħal *Alla* u *qmis*. | Konsolidazzjoni billi jkomplu jinnutaw l-istrutturi tal-ġens fil-Malti u jsiru jafu xi **eċċezzjonijiet** bħal *Alla* u *qmis*. |
| 15. | **L-Għadd tan-Nom u l-qbil mal-Aġġettiv marbuta mat-temi mgħallma**<br>***Eż:* L-ikel (Kollettiv)**<br>*larinġa tajba* — *larinġ tajjeb*<br>*ħobża friska* — *ħobż frisk*<br>*frotta sustanzjuża* — *frott sustanzjuż*<br>***Eż:* L-iskola**<br>*bank ġdid* — *bankijiet ġodda*<br>*lapes twil* — *lapsijiet twal*<br>*uniformi nadifa* — *uniformijiet nodfa*<br>*klassi kbira* — *klassijiet kbar*<br>**IMP: L-enfasi m'għandix tkun fuq l-istrutturi ta' kif jinbnew, imma mgħallma u meħuda minn kuntest. Jekk joħroġ pattern kif seħħ fl-eżempji t'hawn fuq dawn** | **L-Għadd imtenni marbut mat-temi mgħallma**<br>*Eż: Partijiet tal-ġisem, żmien u ħin.* | Eż. **ix-xogħlijiet**: *tabib, tabiba tobba / bravu, brava, bravi.*<br>**L-għadd imtenni marbut mat-temi mgħallma** *eż: Partijiet tal-ġisem, żmien u ħin.* |

Hekk kif jidher minn dawn il-grafiċi, is-sillabu huwa l-istess għar-rotot kollha. Il-fatt li nħarsu lejn il-ġens grammatikali minn lenti komprensiva għal kull livell hija xi ħaġa pożittiva immens għaliex il-kategorija tal-ġens grammatikali, kif rajna fl-ewwel u t-tieni kapitlu, hija kategorija ċentrali ħafna fil-Malti.

Xi ħaġa pożittiva oħra li nara hija li ħafna mill-punti tas-sillabu tas-seba' sena, huma repetuti fis-sillabu tat-tmien sena għat-tliet rotot.

Tabella 20: Il-kisbiet tas-seba' u t-tmien sena li jinkludu l-ġens grammatikali (meħuda mis-sillabi tas-seba' u t-tmien sena)

| **Is-seba' sena** | **It-tmien sena** |
|---|---|
| Il-kuluri u l-għadd u **l-ġens** tagħhom | Il-kuluri u l-għadd u **l-ġens** tagħhom |
| Il-kuluri li ma jinbidlux skont l-għadd u **l-ġens** | Il-kuluri li ma jinbidlux skont l-għadd u **l-ġens** |
| L-għadd u **l-ġens** ta' aġġettivi komuni | L-għadd u **l-ġens** ta' aġġettivi komuni |
| L-għadd u **l-ġens** ta' nomi li jorbtu mat-temi mgħallma fost oħrajn | L-għadd u **l-ġens** ta' nomi li jorbtu mat-temi mgħallma fost oħrajn |
| L-għadd tan-nom u **l-qbil mal-aġġettiv** marbuta mat-temi mgħallma | L-għadd tan-nom u **l-qbil mal-aġġettiv** marbuta mat-temi mgħallma |

***Punti ta' titjib fis-sistema edukattiva***

Filwaqt li huwa tajjeb li l-ġens huwa koprut b'mod komprensiv fis-snin medja, inħoss li huwa nuqqas li din il-kategrija ma tiġix esplorata wkoll fis-snin sekondarja speċjalment minħabba l-fatt li ħafna studenti internazzjonali jidħlu fil-klassi tal-MLB ħafna wara s-snin medja. Inħoss li huwa ta' żvantaġġ li dawn l-istudenti jitgħallmu l-ġens grammatikali waqt li jkunu qed jitgħallmu suġġetti oħra fil-MLB.

Dan iwassalna biex nistaqsu kemm is-sistema kontemporanja hija vijabbli. Xi ħaġa li nnutajt fil-klassijiet waqt il-ġbir tad-data huwa li studenti differenti li ilhom jitgħallmu l-Malti għal ammont ta' snin differenti jitgħallmu fl-istess klassi tal-MLB fuq kriterji ta' età. Minħabba f'hekk, numru ta' studenti fl-istess klassi jkunu waslu fi stadji differenti tat-tagħlim. Dan ixekkel mhux biss it-tagħlim tal-istudenti kemm dawk avvanzati kif ukoll dawk li jeħtieġu aktar tagħlim, imma wkoll ifixkel il-proċess li tkun qed issegwi l-għalliema. Huwa għalhekk li nemmen li l-istudenti fil-klassijiet tal-MLB għandhom jiġu mqassma skont is-snin li ilhom jitgħallmu l-lingwa u mhux biss skont l-età tagħhom. Għalhekk nemmen li r-rotot għandhom ikunu mqassma kemm fuq il-kriterju tal-età u l-kriterju tas-snin li ilhom jitgħallmu l-Malti. B'hekk nemmen li t-tagħlim tal-istudenti jiżdied u l-għalliema tkun tista' tiprogressa aħjar fil-materjal. Dan bil-għan biex kemm jista' jkun inressqu lill-istudenti viċin tal-livell Ċ2 issuġġerit mill-Qafas Komun Ewropew (Il-Kunsill Ewropew, 2001).

***Pjan ta' ħidma u xi punti għal-lezzjonijiet***

Minn dak kollu li rajna, wieħed irid kemm jista' jkun jaħdem fuq pjan ta' ħidma li jolqot l-għajn tal-istudent kemm sabiex jimmotiva lill-istudenti, kif ukoll biex huma jsibu għodod differenti li jgħinuhom jitgħallmu lingwa ġdida, b'sistema lingwistika ġdida, bl-aktar mod effettiv possibbli.

L-istudenti, speċjalment fl-intervisti, urew li waqt it-tagħlim jogħġbuhom l-aktar ir-riżorsi li jintużaw biex issir il-lezzjoni. Huma rreferew għal stampi u ritratti, vidjows, u logħob fost oħrajn.

Biex nippreżentaw lezzjoni interattiva, nistgħu noħolqu logħob differenti bħal kwiżż, li fih l-istudenti jintalbu jaqraw kelma u jabbinaw il-ġens magħha. Tajjeb li f'attivitajiet bħal dawn nabbinaw stampi u ħsejjes sabiex nolqtu kemm jista' jkun stili differenti ta' tagħlim, bħall-istil viżwali u dak awditorju.

Għalkemm, iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar ir-riżorsi bil-Malti, kemm għall-ewwel lingwa kif ukoll għall-MLB, dejjem qed jiżdiedu, tajjeb li nippruvaw noħolqu riżorsi ġodda u oriġinali. Hawn ħafna siti li jistgħu jgħinu lill-edukaturi joħolqu logħob diġitali u vidjows fost affarijiet oħra. Tajjeb li l-Malti npinġuh fid-dinja moderna u teknoloġika biex l-istudenti jaraw li l-Malti fih użu għad-dinja tal-lum.

Filwaqt li hu tajjeb li nużaw dawn ir-riżorsi, kif kien ġie diskuss fl-ewwel kapitlu ta' dan ix-xogħol, tajjeb li l-Malti nqiegħduh ukoll f'kuntesti, u sitwazzjonijiet kemm jista' jkun reali biex lill-istudenti nagħtuhom ċans jipprattikaw il-lingwa kif suppost u mhux biss jaraw kliem jew frażijiet b'mod iżolat, magħdud mill-għalliema, jew fuq il-karta tat-taħriġ/riżorsa.

Ir-repetizzjoni ta' ċertu kunċetti hija importanti u huwa element li tajjeb li ninkluduh fil-lezzjonijiet tagħna. Weiler (2016) isostni kemm ir-repetizzjoni fit-tagħlim ta' lingwa huwa importanti. L-ewwel nett l-istudenti jifhmu x'inhu l-għan tal-lezzjoni, u jibqgħu jiftakruha wkoll.

Dawn il-punti nemmen li huma ta' importanza u li għandna nevalwawhom tajjeb. Dan jgħin sabiex tiġi sostnuta s-sistema edukattiva filwaqt li noffru esperjenza pożittiva ħolistikament lill-istudenti tal-MLB.